

# SLIEM u ĦAJJA

Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi

*festa 2026*



Quddiesa Solenni fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira
fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mid-digriet tal-Parroċċa nhar il-25 ta' Ottubru 2025

**Pubblikazzjoni tal-Parroċċa**
**FESTA TITULARI 2026**
**90 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa**
**(1936-2026)**
**Għadd 226**

Parroċċa San Sebastjan Qormi - St Sebastian Parish - Qormi
parrocca_qormisb
www.qormisbparish.org
parrocca.qormi.sb@maltadiocese.org
2148 6350

**Bord Editorjali**
Kan. Arċipriet Dun Ewkarist Zammit, Kan. Viċi-Arċipriet Dun Dillon Bugeja, Tiziana Azzopardi, Joseph Busuttil, Mario Cardona, Jurgen Debono, Charles Saliba, Jake Vella

**Ritratti:**
Arċidjoċesi ta' Malta, Arkivju Parroċċa San Sebastjan Martri, Ħal Qormi Dipartiment tal-Informazzjoni, Katerina Deguara, Roberto Farrugia, Ian Noel Pace, Charles Saliba, Matthew Zammit

**Disinn, Issettjar u Stampar:**
Best Print Co. Ltd, Qrendi

**Fil-qoxra ta' quddiem**
***Il-Knisja Arċipretali minn barra mixgħula bis-sistema l-ġdida tad-dawl li ġiet inawgurata nhar l-Għid il-Kbir 2026***

**Fil-qoxra ta' wara**
***Detall minn stola Rumana b'rakkmu tad-deheb fuq bellus aħmar, irregalata lill-Parroċċa mill-ex-Kappillan Dun Vinċenz Deguara (1932-2026)***

# Werrej

Negħlbu l-Biża' u Nimtlew bil-Kuraġġ.......... 2
Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri .......... 7
Main Highlights of the Feast Programme .... 14
Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri .......... 19
X'sar matulek ja sena fil-Parroċċa tagħna? .... 25
Nifirħu u Nawguraw .......... 34
Mill-Istorja tal-Parroċċa.......... 39
Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ biex inkun saċerdot?.......... 41
Minn ġo Fabbrika għall-Kunvent .......... 44
B'tifkira għażiża u eterna ta' Dun Vinċenz Deguara.......... 48
Dun Vinċenz Deguara .......... 49
Nista' Ngħid li Kbirt Miegħu! .......... 52
Rajt lil Dun Vinċenz .......... 55
Sa 90 Sena Oħra .......... 58
L-Arloġġ tax-Xemx u Dun Ġorġ Fenech .......... 61
From Nigeria to Qormi, Malta .......... 68
Join the Community of Saint Sebastian .......... 71
Il-Legat ta' Anita Għadu Ħaj.......... 73
L-Iżvilupp u l-Ħidma fiċ-Ċentru Parrokkjali.......... 75
Inservu lil Alla għax inħobbuh u nħobbuh għax Hu ħabbna qabel!.......... 78
Il-Ħidma fil-Parroċċa Tagħna Matul din is-Sena.......... 81
Il-Vara l-Ġdida tal-Madonna tar-Rużarju .......... 85
L-Arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira .......... 88
Il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju tal-Knisja ż-Żgħira.......... 92
It-Twelid u L-Iżvilupp tal-Cappelli Mużikali.......... 97
Mitt Sena mit-Twelid ta' Dun Ġwann Bugeja (1926-2026) .......... 107
Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament.......... 114
Il-Kummissjoni Djakonija.......... 117
Kummissjoni Tfal .......... 120
Il-Parroċċa ta' San Sebastjan Martri Fid-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha (1936-2026) .......... 125

# Negħlbu l-Biża' u Nimtlew bil-Kuraġġ

*Messaġġ tal-Arċipriet*



Matul ix-xhur li għaddew, kull min kien jidħol fil-knisja tagħna kien jinnota li n-niċċa ta' San Sebastjan hija vojta peress li, bħal kull ħaġa fil-ħajja, kellha bżonn restawr biex mhux biss ma tibqax issirilha aktar ħsara imma wkoll biex is-sabiħ tagħha ma jintilef qatt. Dan imma hemm bżonn li mhux biss nagħmluh lill-istatwa bħala opra ta' arti imma wkoll lill-ħajja tagħna. Aħna lkoll mistiedna biex nidħlu aktar fina nfusna u b'għerf u għaqal naraw fejn hemm bżonn nirrestawraw fil-ħajja tagħna.

Dan għandna bżonn li nagħmluh ilkoll kemm aħna għax is-soċjetà li qed ngħixu fiha xi drabi tfixkilna fl-imġiba tagħna meta tgħidilna: fittex lilek innifsek qabel kollox; evita s-sagrifiċċju; imxi mal-kurrent; agħmel dak li hu l-aktar faċli; ibqa' sieket meta l-verità ssir skomda. Biex ma ninġarrux mal-kurrent aħna wkoll, anke permezz tal-festa lil San Sebastjan, irridu nagħmlu dan ir-restawr f'qalbna billi nduru lejn il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li hemm ġo fina - qawwa li rċivejna fis-sagramenti tal-Magħmudija u l-Konfermazzjoni - u biex ma nħallux siekta din il-grazzja, nitolbuha turina li aħna mhux imsejħin għal ideal li jagħlaqna fina nfusna imma għal għarfien isbaħ.

Biex dan naslu għalih jeħtieġ inħallu lill-Ispirtu s-Santu jgħidilna: ħobb lil Alla fuq kollox; servi lill-oħrajn b'ġenerożità; ibqa' fidil; għid il-verità bil-karità; segwi lil Kristu anke meta t-triq tkun diffiċli. Din hija s-sejħa li Alla qiegħed jagħmlilna f'din il-festa permezz tal-qaddis tagħna San Sebastjan.

Kultant jista' jiġrilna li aħna ngħixu fil-biża' wara bibien inviżibbli magħluqa. Nibżgħu li nkunu differenti. Nibżgħu li nitilfu l-popolarità jew l-approvazzjoni tal-oħrajn. Nibżgħu kultant nagħmlu sagrifiċċji. Kultant nibżgħu niddefendu dak li hu sewwa meta ħafna jidhru li qed jagħżlu dak li hu aktar komdu jew faċli. Għalhekk neħtieġu l-Ispirtu s-Santu li jgħinna negħlbu l-biża' u nimtlew bil-kuraġġ. Fil-ħajja ta' San Sebastjan kien l-Ispirtu s-Santu li tah il-qawwa jagħżel dak li hu sewwa mingħajr ma jċedi għall-pressjoni ta' dawk li riedu jagħmlu l-ħażen. U dan l-istess Spirtu s-Santu hekk jixtieq jagħmel magħna llum aħna u nagħmlu l-għażla dwar liema vuċi se nisimgħu u nsegwu. L-Ispirtu s-Santu qatt ma jisfurzana. Huwa jistieden, imexxi, idawwal u jqawwi, jirrispetta l-libertà tagħna filwaqt li jagħtina l-qawwa nużawha tajjeb.

Aħna u nitpaxxew bl-istatwa tal-patrun tagħna lura mir-restawr, ejjew nagħmlu kuraġġ biex, bl-interċessjoni ta' San Sebastjan, f'din il-festa ma nibżgħux noħorġu minna nfusna ħalli mqanqlin bil-grazzja ta' Alla, mogħtija lilna permezz tas-sagramenti tal-Qrar u l-Ewkaristija, inġeddu u nirrestawraw il-fidi tagħna li tagħha San Sebastjan jibqa' jkun

ta' mudell għalina. Imma biex dan naslu għalih ma nistgħux nimxu għal rasna għax faċli ħafna iżjed li nċedu malajr u naqtgħu qalbna. Niftakru li bħala nsara m'aħniex imsejħin biex ngħixu l-fidi tagħna waħedna imma, għax aħna parti mill-Knisja, li fil-komunità tagħna nagħmlu esperjenza tagħha permezz tal-Parroċċa, nistgħu nirċievu qawwa għax fil-*flimkien* hemm il-preżenza ta' Alla biex din il-mixja nagħmluha mal-oħrajn bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Din is-sena, il-familja parrokkjali tagħna qed trodd ħajr lil Alla għax qed tiċċelebra d-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Kemm ħabbna Alla matul dawn is-snin permezz tal-Parroċċa! Fl-istess ħin hija l-missjoni tagħna lkoll biex bħala membri ta' din il-komunità nieħdu ħsieb li dak li Alla jixtieq għalina llum bħala Parroċċa nwieġbu għalih mingħajr reżistenza.

Biex nikkonkludi dan il-messaġġ, nixtieq nagħmel tiegħi x-xewqat li l-maħbub u qatt minsi Dun Vinċenz Deguara kien esprima meta l-Parroċċa ċċelebrat il-50 anniversarju mit-twaqqif tagħha:

**"Nifhem li kulħadd jixtieq jara l-Parroċċa tagħna tmur 'il quddiem. Iżda din ix-xewqa ssir realtà meta kulħadd jagħmel il-parti tiegħu. Għalhekk ngħinu lil xulxin ħalli nkunu tassew xhieda ta' Kristu fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Inħallu l-Ispirtu ta' Kristu jinħass minn kull min jiltaqa' magħna u jiġi f'kuntatt ma' din il-Parroċċa. Jalla kull familja tapprezza iżjed il-Quddiesa, speċjalment tal-Ħadd, tersaq aktar spiss għas-sagramenti u ssib l-hena tagħha mill-ġdid fit-talb ta' kuljum, jekk jista' jkun flimkien. Ma naqtgħux qalbna, anzi l-qaddis tagħna San Sebastjan jispirana biex inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ qalbieni."**

Nawgura lil kull membru ta' din il-komunità parrokkjali festa mill-isbaħ billi f'għaqda sħiħa ma' Alla u ma' xulxin nagħmlu minn ħajjitna esperjenza sabiħa ta' grazzja u bħal San Sebastjan Martri, patrun tagħna, naqdu lill-Mulej bil-ferħ u bil-kuraġġ filwaqt li ngħixu l-ħajja nisranija tagħna ta' veru.

**Kan. Dun Ewkarist Zammit**

C AZZOPARDI
est. 2005
CONSTRUCTION
9989 0435
sales@cazzopardi.com

TOBIT

TOOLS THAT BUILD


Tobit
Your Local DIY & Home Store
TOOLS
PAINT
COTTON TOWELS
LIGHTS
3-SEATER SOFA
GARDENING TOOLS
BATHROOM CABINETS
KITCHEN
BEDROOM
VISIT OUR STORE
NEXT TO
DRUG SHOP PHARMACY
TRIQ SPITERI FREDMOND
VJAL DE LA CRUZ
QORMI
21231338
Tobitaxel62@gmail.com



dees_pizzeria_takeaway
deesmalta
One Bite
Endless
Cravings
From Cheesy Crusts
to Juicy Burgers.
Wolt
Bolt Food
Zurrieq, Qormi & Hal Ghaxaq
www.dees.mt
Dee's
Pizzeria & Takeaway




Ħu ħsieb aħjar
lilek innifsek
Servizzi ta' counselling b'xejn
għal kulħadd fil-Parroċċa tagħna
Agħmel kuntatt:
INDIRIZZ ELETTRONIKU
terapijaqormimarant@gmail.com
MOWBAJL
7962 0450

## Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2026

*Programm tal-Festi ta' Ġewwa*

**Il-Ħadd 5 ta' Lulju**

**7:00pm** Quddiesa bl-Ingliż fiċ-Ċentru Parrokkjali bi tħejjija għall-festa titulari.
Imexxi: Dun Kenneth Anona

**It-Tlieta 7 ta' Lulju | Nitolbu biex mill-festa joħroġ ġid spiritwali**

**6:00pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**6:30pm** Quddiesa u Adorazzjoni Ewkaristika animata mill-membri tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-fratellanza biex nitolbu ħalli l-festa tħalli ġid spiritwali u tkun mezz biex fuq l-eżempju ta' San Sebastjan nersqu lejn Alla.
Imexxi: Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**L-Erbgħa 8 ta' Lulju | Nafdaw il-Parroċċa taħt il-ħarsien tal-Madonna**

*Fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa, il-Parroċċa se torganizza pellegrinaġġ Marjan fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, L-Għarb, Għawdex*

**3:00pm** Jitlaq it-trasport minn ħdejn l-Iskola Primarja Ġużè Muscat Azzopardi, Qormi San Bastjan.

**5:45pm** Nitolbu t-talba tar-Ružarju fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

**6:30pm** Quddiesa fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħamis 9 ta' Lulju | Il-Parroċċa tilqa' bil-ferħ lill-patrun tagħha**

**7:30pm** Il-vara titulari ta' San Sebastjan Martri tingħata merħba mill-ġdid fi Triq Ġorġ Borg wara xogħol ta' restawr li sar fuqha mill-induratur Horace Farrugia.
Kif tinkixef il-vara jsir it-tberik tagħha mill-Arċipriet u timxi f'purċissjoni bis-sehem tal-fratelli u membri tal-għaqdiet tal-festa li tgħaddi mit-toroq: il-Kbira, San Bastjan u l-Vitorja.
Takkumpanja l-purċissjoni s-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.

**9:15pm** Dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali bil-kant tal-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju | Jum l-Anzjani u Jum iż-Żgħażagħ**

**6:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-anzjani u l-morda flimkien mal-familji tagħhom fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali. Fil-Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda.
Imexxi: Mons. Dun Martin Micallef, Vigarju Episkopali għad-Djakonija u Direttur tad-Dar tal-Providenza

**8:00pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ organizzata mill-gruppi IMPACT u CONNECT flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.
Imexxi: Fr Johann Bugeja SDB

### Is-Sibt 11 ta' Lulju

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

### Il-Ħadd 12 ta' Lulju | Jum il-Ħajja u Jum is-Sodalità San Sebastjan

**11:00am** Quddiesa li fiha jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija.
Imexxi: Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**6:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-fratelli li fiha jingħata l-mandat lir-reffiegħa tal-vara titulari.
Imexxi: Dun Osmar Baldacchino, Kappillan tas-Seminarju Minuri

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq wara taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

### It-Tnejn 13 ta' Lulju | Jum il-Preżentazzjoni tat-Trabi lil San Sebastjan

**6:15pm** L-għaqdiet tal-Parroċċa u tal-festa jinġabru fil-Knisja ż-Żgħira għal mument qasir ta' talb u wara korteo għal quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan Martri fejn titqiegħed kuruna ta' rand u fjuri bi mħabba lejn il-patrun tagħna.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji u t-trabi tagħhom li twieldu matul l-aħħar sena li tintemm bil-preżentazzjoni tat-trabi lil San Sebastjan Martri.
Imexxi: Patri Andrew Galea, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Franġisk t'Assisi, il-Qawra, li qed jiċċelebra l-15-il anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

**8:15pm** Ħruġ tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali bis-sehem tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li tilqa' l-vara titulari bl-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

### It-Tlieta 14 ta' Lulju | Jum it-Tfal

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-familji.
Imexxi: Rev. Dr Mark Zammit, Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Fundamentali u Dommatika fl-Università ta' Malta
Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' San Sebastjan li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Bastjan, il-Knisja Arċipretali u tintemm fil-Knisja ż-Żgħira. Matul it-triq isiru waqfiet ta' riflessjoni quddiem l-istatwi tal-ġebel ta' San Ġorġ u San Sebastjan.
Jieħdu sehem id-Drama Group San Sebastjan u s-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.

### L-Erbgħa 15 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu (Jum il-Familja)

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji b'mod speċjali l-koppji li din is-sena qed ifakkru 10, 25, 30, 40, 50 u 60 sena anniversarju miż-żwieġ tagħhom.
Imexxi: Kan. Dun Noel Borg, Viċi-Arċipriet
Il-priedka ssir mir-Rev. Kan. Prof. Jonathan Farrugia, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, Patroloġija u tal-Arkeoloġija Paleokristjana fl-Università ta' Malta
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

## Il-Ħamis 16 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu (Jum l-Adolexxenti)

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-adolexxenti li f'Novembru li ġej se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa tagħna flimkien mal-ġenituri u l-parrini tagħhom.
Imexxi: Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi-Arċipriet
Il-priedka ssir mir-Rev. Kan. Prof. Jonathan Farrugia, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, Patroloġija u tal-Arkeoloġija Paleokristjana fl-Università ta' Malta
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

## Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu (Jum il-Parroċċa, is-Saċerdoti u l-Għaqdiet)

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-kleru tal-Parroċċa flimkien mas-saċerdoti u r-reliġjużi Qriema, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, l-għaqdiet u l-kummissjonijiet tal-Parroċċa, il-katekisti u dawk li jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-Parroċċa.
Jieħdu sehem ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, l-għaqdiet ċivili, sportivi u tal-festa, l-emigranti Qriema li jinsabu fostna u Qriema li jgħixu barra minn Ħal Qormi.
Stedina speċjali lil dawk kollha li qed jiċċelebraw 90 sena minn twelidhom u li kienu ġew mgħammda fil-Parroċċa tagħna fis-sena 1936.
Imexxi: Dun Sergio Fenech, Kappillan tal-Forzi Armati ta' Malta, li qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
Il-priedka ssir mir-Rev. Kan. Prof. Jonathan Farrugia, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, Patroloġija u tal-Arkeoloġija Paleokristjana fl-Università ta' Malta
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

## Is-Sibt 18 ta' Lulju | Lejliet il-Festa Titulari

**7:30am** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**8:30am** Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla fi tmiem it-Tridu Mqaddes li tintemm bil-kant tal-Innu ta' Radd il-Ħajr -Te Deum u l-Antifona.
Imexxi: Kan. Dun Gylan Camilleri, Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar

**5:30pm** Quddiesa letta fil-Knisja Arċipretali.

**6:15pm** Tranżlazzjoni Solenni tar-relikwija ta' San Sebastjan Martri mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali li tintemm bil-kant tal-Innu tal-Martri u l-Antifona.
Imexxi: Mons. Dun Brendan M. Gatt, Vigarju Ġudizzjali fit-Tribunal Ekkleżjastiku

**7:15pm** Quddiesa Solenni bil-kant tal-Ewwel Għasar.
Imexxi: Mons. Dun Brendan M. Gatt, Vigarju Ġudizzjali fit-Tribunal Ekkleżjastiku

## Il-Ħadd 19 ta' Lulju | Jum il-Festa Titulari

Il-ħinijiet tal-Quddies ikun: 6:30am, 7:15am *(fil-kappella tas-sorijiet Agostinjani)*, 8:30am, 10:30am u 6:00pm

**8:30am** Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri.
Imexxi: L-E.T. Mons. George Bugeja OFM, Vigarju Appostoliku Emeritu ta' Tripli, il-Libja
Jinseġ il-paniġierku ta' tifħir lil San Sebastjan Martri l-Kan. Dun Michael Galea, Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, Għawdex
*Tiġi esegwita l-**Missa Secunda Pontificalis** ta' Lorenzo Perosi (1906) u fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tindaqq l-Antifona **Egregie Christi Martyr** ta' Filippo Bugeja (1873)*

**10:30am** Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-familji.

**6:00pm** Quddiesa Solenni.



Imexxi: Mons. Dun John Sultana, Delegat għall-Pastorali tat-Turiżmu Reliġjuż Intern u Estern fid-Djoċesi ta' Għawdex

**7:15pm** Ħruġ tal-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Sebastjan Martri li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Rafel, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u il-Knisja Arċipretali.
Imexxi: Mons. Dun John Sultana, Delegat għall-Pastorali tat-Turiżmu Reliġjuż Intern u Estern fid-Djoċesi ta' Għawdex
Takkumpanja l-purċissjoni l-Associazione Musicale 'Arturo Toscanini' ta' Ispica.

**8:30pm** Il-purċissjoni tasal fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira fejn tiġi mġedda l-wegħda tal-Qriema lill-protettur tal-Belt Pinto b'talb speċjali kontra l-mard terminali quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan.
Il-Kummissjoni Kultura fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto tqassam ħobż frisk bħala tifkira tal-Belt Pinto - belt il-furnara.

**9:45pm** Il-purċissjoni tasal quddiem il-każin tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan fejn jindaqqu innijiet lil San Sebastjan u l-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**10:30pm** Dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali bil-kant tal-Antifona u l-Barka Sagramentali.

## It-Tnejn 27 ta' Lulju | Dħul tal-vara titulari fin-niċċa

**6:30pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla li tintemm bid-dħul tal-vara titulari lura fin-niċċa.

- Ilkoll imħeġġa nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja Arċipretali fil-jiem tal-festa. Il-festa ma tkunx kompluta jekk ma nersqux għas-Sagrament tal-Qrar u l-Ewkaristija.
- Il-Kor Parrokkjali *In Domino Speravi* jkun taħt id-direzzjoni mużikali ta' Jurgen Debono.
- Fil-jiem tat-Tridu, lejliet u nhar il-festa jagħti s-sehem tiegħu l-*Coro Bel Canto* u l-orkestra taħt id-direzzjoni mużikali ta' Hermann Farrugia Frantz.
- Id-donazzjonijiet tal-Bukkett ta' Mħabba se jmorru għall-proġett tar-restawr tal-kwadru titulari tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan Martri. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-ġenerożità tagħkom.
- Il-Parroċċa tirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu sehemhom b'ħafna mħabba u dedikazzjoni mhux biss fil-ġranet tal-festa imma matul is-sena kollha.
- L-Arċipriet, il-kleru tal-Parroċċa u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd!


D.E.S
DIE ECKE STATIONERY
Visit us
for all of your
Stationery
Needs
Books - Photocopies
Passport Photos
Lamination
Gifts - Toys - Electronics
Party Items - Balloons
Accessories & more
Triq Mons Mikiel Azzopardi
Siġġiewi.
+356 2146 3403
WANNA
Party
Visit us
for all of your
Party Needs
Mdina Road, Qormi.
+356 2122 2227
+356 7947 3870
DANIEL'S
Shopping Complex
Main Street, Ħamrun.
+356 2123 3369

MIRACLE FOODS

Follow us

# PERFECT GRILL UP

*Every single time*



# Main Highlights of the Feast Programme

**Sunday 5 July**

**7:00pm** Mass in English at the Parish Centre in preparation for the village titular feast.
Celebrated by Fr. Kenneth Anona

**Saturday 19 July | Eve of the Feast**

**7:30am** Confessions at the Parish Church.

**8:30am** Thanksgiving Mass at the conclusion of the Sacred Triduum, ending with the chanting of the hymn of thanksgiving, *Te Deum*, and the Antiphon.
Celebrated by Rev. Can. Gylan Camilleri, Vice-Archpriest of the Parish of Our Lady of Graces, Żabbar

**5:30pm** Said Mass at the Parish Church.

**6:15pm** Solemn Translation of the relic of Saint Sebastian Martyr from the Old Church to the Parish Church, concluding with the Hymn to the Martyr and the Antiphon.
Presided by Rev. Mgr. Brendan M. Gatt, Judicial Vicar of the Ecclesiastical Tribunal

**7:15pm** Solemn Mass with the chanting of First Vespers.
Celebrated by Rev. Mgr. Brendan M. Gatt, Judicial Vicar of the Ecclesiastical Tribunal

**Sunday 20 July | Feast Day**

Mass times: 6:30am, 7:15am *(in the Chapel of the Augustinian Sisters)*, 8:30am, 10:30am and 6:00pm

**8:30am** Solemn Concelebrated Mass for the Titular Feast of Saint Sebastian Martyr.
Celebrated by H.E. the Most Rev. Mgr. George Bugeja OFM, Apostolic Vicar Emeritus of Tripoli, Libya
Homily of praise to Saint Sebastian Martyr delivered by Rev. Can. Michael Galea, Parish Vicar of the Parish of the Nativity of the Blessed Virgin Mary, Xaghra, Gozo

**10:30am** Mass with the participation of children and families.

**6:00pm** Solemn Mass.
Celebrated by Rev. Mgr. John Sultana, Delegate for the Pastoral Care of Domestic and International Religious Tourism in the Diocese of Gozo

**7:15pm** Solemn procession with the titular statue of Saint Sebastian Martyr through the following streets: Victory, St. Raphael, St. Sebastian, St. Bartholomew, Main Street, St. Sebastian and Archpriest's Church.
Led by Rev. Mgr. John Sultana, Delegate for the Pastoral Care of Domestic and International Religious Tourism in the Diocese of Gozo
The procession is accompanied by the Associazione Musicale 'Arturo Toscanini' of Ispica.

**8:30pm** The procession arrives at the square in front of the Old Church, where the people of Qormi renew their vow to the patron saint of Qormi through a special prayer against terminal illness before the stone statue of Saint Sebastian.

The Cultural Commission within the Pinto Philharmonic Society distributes freshly baked bread in commemoration of Qormi, the town of bakers.

**9:45pm** The procession arrives in front of the premises of the Pinto Philharmonic Society - Saint Sebastian Band, where hymns in honour of Saint Sebastian and the Popular Hymn to Saint Sebastian Martyr are performed.

**10:30pm** Return of the procession to the Parish Church, concluding with the chanting of the Antiphon and Eucharistic Blessing.








# VINTAGE WEDDING BUS

*for:* Weddings

Parties

Birthdays

Photoshoots and Other Occasions

Website on Facebook: https://www.facebook.com/share/1GaYyVV5AD/
Call 📞 or message **Etienne Falzon** on WhatsApp via: 99861758 ,
or via email: **vintageweddingbus@gmail.com**




**WE OFFER:**

FLOWERS
COFFINS
CARS
HEARSE
HOLY PICTURES
GRAVE CLEANING
CHOIR
EMBALMING
CREMATION
SEA BURIAL





7744 2222

victorconti3@gmail.com

Conti's Funeral Services


CHARLES
BUTCHER
specializing in fresh local meat, poultry, and homemade products...
WIDE VARIETY OF FROZEN ITEMS AND MARINADES
273, Main Street, Qormi
7925 2365


PANDAMONIUM
TABLETOP CULTURE
ROLL.DRAW.TRIUMPH.


CHARMING BEAUTY
BY DORIANNE
FACIALS
MAKE-UP
WAXING
EYELASH EXTENSIONS
MANICURES & PEDICURES
GEL POLISH & EXTENSIONS
SEMIPERMANENT EYEBROWS
127B, ST SEBASTIAN STREET, QORMI
+356 77477338


Cellefonic
+356 79422338
CELLEFONIC
SAME DAY DELIVERY

# Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2026

*Programm tal-Festi ta' Barra*

### It-Tlieta 7 ta' Lulju

**5:30pm** Festin tal-festa għat-tfal organizzat minn Pintoninu Kids.

### Il-Ħamis 9 ta' Lulju

**7:30pm** Ħruq piroteknku ta' salut mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan hekk kif il-vara titulari ta' San Sebastjan Martri tasal lura Ħal Qormi.
Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan issellem lill-vara titulari tal-patrun
bl-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri fi Triq Ġorġ Borg u tkompli takkumpanjaha b'daqq ta' innijiet u marċi proċessjonali tul it-toroq: il-Kbira, San Bastjan u il-Vitorja sal-Knisja Arċipretali.

### Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju

**9:00pm** Kunċert ġenerali ta' marċi brijużi u BBQ organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto quddiem il-każin tal-banda.

### Is-Sibt 11 ta' Lulju

**5:30pm** Quddiesa fil-kumpless tan-nar li tintemm bit-tberik tan-nar li ġie mħejji għall-festa.
Imexxi: Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**6:30pm** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan għall-membri u l-benefatturi.

### Il-Ħadd 12 ta' Lulju

**8:15am** Quddiesa tal-bidu tal-festa fi Triq Santa Marija.
Imexxi: Patri Martin Mamo OFM Cap.

**9:30am** Riċeviment tal-festa organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan għall-membri, bandisti, għaqdiet tal-festa u ċivili, benefatturi u mistiedna distinti.

**11:15am** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda Armar San Sebastjan għall-membri u l-benefatturi.

### It-Tnejn 13 ta' Lulju

**8:00am** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq l-armar tal-festa organizzata mill-Għaqda Armar San Sebastjan.

**8:15pm** Marċ mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan minn quddiem il-każin sa quddiem il-Knisja Arċipretali u jkompli b'tislima lill-vara titulari fil-ħruġ tagħha.

Wara l-ħruġ tkompli b'marċ li jgħaddi mit-toroq: il-Knisja Arċipretali u San Bartilmew.

**8:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u settijiet ta' murtali tal-beraq bil-logħob u murtaletti.

**8:45pm** Marċ brijuż mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq li jibda minn quddiem il-Knisja Arċipretali u jgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, Antonio Muscat Fenech, San Dwardu, iż-Żinżel, San Bastjan, San Benedittu u San Bartilmew.

**9:00pm** Ħruq piroztekniku ta' sferi, blalen, murtali bil-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**10:30pm** Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq jilqgħu l-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju li toħroġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira.

**11:00pm** Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan fl-Ewwel Martirju fuq il-pedestall fi Triq il-Kbira fost il-briju tad-devoti u partitarji Qriema Bastjaniżi. Il-marċ brijuż ikompli tul Triq San Bastjan.

## It-Tlieta 14 ta' Lulju

**1:00pm** Ikla b'risq in-nar tal-festa organizzata mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan.

**8:30pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq li jibda minn quddiem il-Knisja ż-Żgħira u jgħaddi mit-toroq: Santa Marija, San Benedittu, il-Kbira, Santu Rokku, il-Kunċizzjoni u Correa.

**9:30pm** Is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq tilqa' l-vara ta' San Sebastjan Difensur tal-Fidi li toħroġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira u tkompli b'dimostrazzjoni fit-toroq: Correa, il-Ħabbież, il-Ġunġlien, Amleto Spiteri, it-Tensila u l-Ħabbież.

**10:30pm** Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan Difensur tal-Fidi fuq il-pedestall fi Triq il-Ħabbież u wara l-marċ brijuż ikompli fit-toroq: Ġużeppi Ciappara, il-Kbira, San Ġużepp, San Sebastjan u jintemm quddiem il-Knisja ż-Żgħira.

**10:45pm** *Feature* awdjoviżiv fi Triq il-Ħabbież.

**11:45pm** Wirja piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira.

## L-Erbgħa 15 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Attivitajiet fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto.

**8:30pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**8:45pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Mużikali Beland taż-Żejtun li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Rafel, Ġużè Galea, Santa Katarina, il-Vitorja, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**8:45pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Mużikali Beland taż-Żejtun li jibda minn Triq San Dwardu u jgħaddi mit-toroq: Ġużè Duca, Santa Katarina, il-Vitorja, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**9:00pm** Ħruq piroteknku ta' sferi, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**11:45pm** ***Sound of Colours*** – Spettaklu awdjoviżiv b'nar sinkronizzat mal-mużika maħdum mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

## Il-Ħamis 16 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-planċier organizzata mill-Kummissjoni Planċier fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto.

**8:30pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Ħruq piroteknku ta' sferi, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**9:15pm** Programm vokali u strumentali mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan fuq il-planċier quddiem il-każin.

**10:15pm** Fi tmiem l-Innu l-Kbir lil San Sebastjan Martri jiġi inawgurat pavaljun ġdid fi Triq San Rafel.

## Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-briju tal-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**8:45pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u tkompli bi ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen u varjazzjoni ta' blalen fit-tmiem.

**9:30pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, l-Armier, Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien, Fontanier, Vjal de la Cruz, is-Sienja, Ġorġ Borg, Correa, il-Kunċizzjoni, l-20 ta' Jannar, il-Flora u Mifsud Ellul.

**10:45pm** Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tilqa' l-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ li toħroġ minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira u tkompli f'dimostrazzjoni tul Triq San Bastjan akkumpanjata mill-kannizzata artistika fost briju organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**12:30am** Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ fuq il-pedestall quddiem il-każin fost il-briju tad-devoti u partitarji Qriema Bastjaniżi.

**12:45am** *Feature* awdjoviżiv bid-*drones* fi Triq San Bastjan.

## Is-Sibt 18 ta' Lulju | Lejliet il-Festa

**9:00am** Ħruq pirotekniku ta' kaxxa tal-bomba, murtaletti u murtali bil-logħob mal-kant tat-*Te Deum*.

**11:45am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**6:15pm** Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u l-Associazione Musicale 'Arturo Toscanini' ta' Ispica jakkumpanjaw it-Tranżlazzjoni Solenni tar-relikwa ta' San Sebastjan mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali b'daqq ta' innijiet u marċi proċessjonali.

Wara jkomplu b'marċ *'La Veneziana'* minn quddiem il-Knisja Arċipretali li jgħaddi mit-toroq: Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**6:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lir-relikwa ta' San Sebastjan Martri bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola, murtaletti u settijiet varjati ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mill-Għaqda Mużikali Marija Bambina tan-Naxxar fuq il-planċier quddiem il-każin.

**9:00pm** Marċ mill-Associazione Musicale 'Arturo Toscanini' ta' Ispica tul Triq il-Knisja Arċipretali.

**9:30pm** Wirja piroteknika ***Fiesta Grande*** li tibda bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen u sfejjer.

Wara nassistu għal ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen tal-beraq u tal-kulur u varjazzjoni kbira ta' blalen kbar u blalen tal-blalen.

L-ispettaklu jintemm bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen, sfejjer u bomba tal-lampjun.

**10:30pm** Marċ mill-Għaqda Mużikali Marija Bambina tan-Naxxar li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi minn Triq il-Knisja Arċipretali sal-Pjazza Kortil tal-Granmastru.

**11:30pm** Wirja piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art mekkanizzat fil-Pjazza Kortil tal-Granmastru akkumpanjat minn spettaklu ta' dawl u mużika.

## Il-Ħadd 19 ta' Lulju | Jum il-Festa

**9:45am** Ħruq pirotekniku ta' murtaletti u murtali bil-logħob mas-*Sanctus*.

**11:15am** Mixja simbolika mit-tfal bil-bandiera tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u tlugħ tal-bandiera prima.

**11:30am** Marċ brijuż tradizzjonali mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi mit-toroq: il-Knisja Arċipretali, il-Vitorja, il-Ġdida, il-Vitorja, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u jintemm quddiem il-każin.

**12:30pm** Spettaklu ta' karti sinkronizzat mal-mużika fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira maħdum mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**3:00pm** Dħul tal-marċ tradizzjonali bid-daqq tal-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**6:30pm** Marċ mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta li jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, il-Knisja Arċipretali u jintemm quddiem il-Knisja Arċipretali biex jilqa' l-vara titulari ta' San Sebastjan fil-ħruġ tal-purċissjoni solenni.
Takkumpanja l-purċissjoni l-Associazione Musicale 'Arturo Toscanini' ta' Ispica.

**7:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u varjazzjoni kbira ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:00pm** Marċ mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun li jibda minn tarf Triq San Rafel u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u il-Knisja Arċipretali sad-dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta fuq il-planċier quddiem il-każin.

**9:00pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u titkompla bi ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali tal-beraq biċ-ċentru, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, varjazzjoni ta' blalen u tintemm b'kaxxa tal-kulur u bomba tal-lampjun mad-dħul tal-purċissjoni.

**11:00pm** Marċ tal-aħħar mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jakkumpanja lid-dilettanti tan-nar minn quddiem il-Knisja Arċipretali sa quddiem il-każin.

## It-Tnejn 20 ta' Lulju

**9:00am** Tluq tax-xalata tradizzjonali minn quddiem il-każin lejn l-Armier.

**6:00pm** Tluq lura tax-xalata tradizzjonali mill-Armier lejn Ħal Qormi.

**8:30pm** Inżul tal-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ minn fuq il-pedestall quddiem il-każin fost il-briju mill-partitarji Bastjaniżi.

- Is-servizzi mużikali tal-baned mistiedna ġew ikkordinati mill-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.
- Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tkun taħt id-direzzjoni mużikali tas-Surmast Direttur il-Kaptan Twanny Borg.
- In-nar kollu ta' matul il-jiem tal-festa ġie maħdum u kkordinat fil-kumpless tan-nar taħt id-direzzjoni tal-*licensee* tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan Justin Facciol.
- L-armar tat-toroq ewlenin ta' Ħal Qormi ġie armat u kkordinat mill-membri tal-Għaqda Armar San Sebastjan.
- L-armar u l-kordinazzjoni tal-briju waqt il-marċi tal-festa ġie kkordinat mill-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

# Lombard Home Loan

- Borrow up to 90% of the Property Price
- Competitive interest rates & flexible terms
- Discounts on fees payable



LOMBARD

Head Office: 67 Republic Street Valletta Malta
Tel: +356 25581370 • e-mail: mail@lombardmalta.com

lombardmalta.com

Terms and conditions apply and are available on request. Applications are subject to the Bank's lending criteria. Lombard Bank Malta p.l.c. is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority as a credit institution and as an investment service provider and listed on the Malta Stock Exchange. The Bank is an authorised currency dealer and a financial intermediary on the Malta Stock Exchange, as well as a member of the Depositor Compensation Scheme and the Investor Compensation Scheme.

## X’sar matulek ja sena fil-Parroċċa tagħna?

*Djarju Parrokkjali 2025/2026*

- **20 ta’ Lulju** - Festa titulari ta’ San Sebastjan Martri

- **1 ta’ Awwissu** - Mument spiritwali u soċjali għan-nanniet u n-neputijiet organizzat mill-Kummissjoni Familja fl-okkażjoni ta’ Jum in-Nanniet
- **15 ta’ Awwissu** - Il-pellegrinaġġ tal-muturi għamel waqfa fil-Parroċċa tagħna fi triqtu lejn Ħad-Dingli fejn sar it-tberik tas-sewwieqa
- **19 ta’ Awwissu** - Ħarġa Marjana organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-anzjani u l-familji tagħhom
- **Mill-20 sad-29 ta’ Awwissu** - Paul Cassar għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan
- **22 ta’ Awwissu** - Jum ta’ talb u sawm għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja
- **24 ta’ Awwissu** - Il-kor parrokkjali anima l-liturġija tal-Quddiesa Konventwali fil-Kon-Katidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta
- **Mis-27 ta’ Awwissu sat-3 ta’ Settembru** - Ġita fil-Polonja organizzata mill-Parroċċa
- **Mis-27 ta’ Awwissu sal-5 ta’ Settembru** - Luca Camilleri għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan

- **10 ta’ Settembru** - Quddiesa ta’ Liberazzjoni b’talb speċjali kontra l-qawwa tal-ħażin u l-ħakma tax-xitan
- **Mit-12 sal-14 ta’ Settembru** - Musical imtella’ mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **12 ta’ Settembru** - Jum ta’ talb għall-konverżjoni tal-midinbin
- **14 ta’ Settembru** - Preżentazzjoni ta’ bukkett fjuri lill-kwadru devot tal-Madonna tal-Grazzja waqt il-pellegrinaġġ tal-muturi li għadda mill-Parroċċa tagħna fi triqtu lejn Ħaż-Żabbar
- **20 ta’ Settembru** - Seminar formattiv għall-katekisti taċ-ċentri tad-duttrina
- **22 ta’ Settembru** - Velja ta’ talb u adorazzjoni bi tħejjija għall-Professjoni Perpetwa ta’ Sr Josette Farrugia fil-Knisja Arċipretali
- **23 ta’ Settembru** - Laqgħa formattiva għall-ministri straordinarji tat-Tqarbin u dawk li jqarbnu lill-morda fid-djar
- **27 ta’ Settembru** - Professjoni Perpetwa ta’ Sr Josette Farrugia mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Orsolini ta’ Sant’Angela Merici
- **28 ta’ Settembru** - Quddiesa bit-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika u ġabra ta’ karità mit-tfal b’risq it-tfal tal-missjoni ta’ Dun Stephen Magro f’Kuba
- **29 ta’ Settembru** - Bidu tas-sena kateketika

- **Matul ix-xahar ta’ Ottubru** r-Rużarju ta’ filgħaxija ġie animat minn gruppi differenti tal-Parroċċa
- **Mis-6 sat-22 ta’ Ottubru** - Tberik tal-Familji fiż-Żona tas-Sokkors
- **Mit-13 sad-19 ta’ Ottubru** - Ġimgħa Familja organizzata mill-Kummissjoni Familja
- **19 ta’ Ottubru** - Seminar għall-għarajjes li qed jiżżewġu matul din is-sena

- **24 ta' Ottubru** - Ġurnata Ewkaristika fil-Knisja ż-Żgħira bi tħejjija għall-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- **25 ta' Ottubru** - 6 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja ż-Żgħira u ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- **25 ta' Ottubru** - Il-grupp tal-abbatini ħa sehem fil-festa ta' San Tarċisju organizzata mill-Għaqda Nazzjonali tal-Abbatini Maltin fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar
- **26 ta' Ottubru** - Il-Mobile Blood Donation Unit kien maġenb il-Knisja Arċipretali biex il-pubbliku kellu l-opportunità li jagħti d-demm



Il-grupp tal-abbatini fil-festa ta' San Tarċisju

- **26 ta' Ottubru** - Ġiet imwaqqfa l-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċa
- **26 ta' Ottubru** - Festa tal-Madonna tar-Rużarju u l-inawgurazzjoni u t-tberik tal-vara l-ġdida tal-Madonna tar-Rużarju skolpita fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi
- **31 ta' Ottubru** - Ċelebrazzjoni Marjana f'għeluq ix-xahar ta' Ottubru fi Ġnien Misraħ iż-Żebbuġ

- **2 ta' Novembru** - Quddiesa li ntemmet bit-tberik tal-oqbra fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi
- **2 ta' Novembru** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ mill-Parroċċa tagħna li mietu matul l-aħħar sena
- **3 ta' Novembru** - Ħarġa għat-tfal kollha tal-Parroċċa
- **3 ta' Novembru** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-Kappillani u s-saċerdoti mejtin mill-Parroċċa tagħna jew li servew fil-Parroċċa tagħna
- **3 ta' Novembru** - Bidu ta' katekeżi dwar is-seba' Sagramenti
- **4 ta' Novembru** - Ġurnata Għawdex għall-familja kollha organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle
- **9 ta' Novembru** - Seminar għall-ġenituri, parrini u adolexxenti li rċivew il-Griżma tal-Isqof f'Novembru li għadda
- **Mill-14 sas-16 ta' Novembru** - Ir-relikwa ta' San Carlo Acutis kienet esposta fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof
- **15 ta' Novembru** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-fratelli u membri mejtin tal-għaqdiet tal-festa
- **16 ta' Novembru** - 69 adolexxent irċivew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof mill-Arċisqof Emeritu George Frendo O.P.
- **18 ta' Novembru** - Ħarġa Marjana organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-anzjani u l-familji
- **22 u 23 ta' Novembru** - Wirja ta' kollezzjonijiet imtella' mill-grupp taż-żgħażagħ CONNECT

fiċ-Ċentru Parrokkjali

- **25 ta' Novembru** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-voluntiera mejtin tal-Parroċċa

- **3 ta' Diċembru** - Irtir tal-Avvent fl-Oratorju tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, l-Imġarr
- **6 u 7 ta' Diċembru** - Bejgħ ta' ponsjetti, ħelu u rigali tal-Milied organizzat mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali
- **11 ta' Diċembru** - Taħdita fuq il-presepju Malti organizzata mis-Sodalità San Sebastjan fil-Knisja ż-Żgħira
- **14 ta' Diċembru** - Tesserament tal-membri tal-Azzjoni Kattolika
- **Mill-15 sat-23 ta' Diċembru** - Matul in-Novena tal-Milied, il-Quddiesa ta' filgħaxija ġiet animata minn gruppi differenti tal-Parroċċa
- **18 ta' Diċembru** - Il-membri tal-MUSEUM tas-subien tal-Parroċċa tagħna organizzaw dimostrazzjoni bix-xbieha ta' Ġesù Bambin fit-toroq tal-Belt Valletta
- **21 ta' Diċembru** - Tberik tal-Bambini u l-presepji tat-tfal
- **22 ta' Diċembru** - Qrar bi tħejjija għall-Milied fil-Knisja Arċipretali
- **24 ta' Diċembru** - Dimostrazzjoni bix-xbieha ta' Ġesù Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM
- **24 ta' Diċembru** - Velja tal-Milied bit-tema **Isma' l-Għanja tal-Milied** bis-sehem tal-Kummissjoni Tfal u l-kor parrokkjali tat-Tfal
- **24 u 25 ta' Diċembru** - Saret ġabra ta' karità b'risq id-Dar tal-Providenza li laħqet is-somma ta' €7,200 u li ġiet ippreżentata fil-Festa ta' Ġenerożità fl-**1 ta' Jannar 2026**
- **25 ta' Diċembru** - Nhar il-Milied il-Parroċċa offriet l-ikla ta' nofsinhar lil persuni li jgħixu weħidhom jew familji li għaddejjin minn xi diffikultà
- **Mis-26 sat-28 ta' Diċembru** - Kwaranturi Solenni fil-Knisja ż-Żgħira
- **28 ta' Diċembru** - Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Familja li għaliha kienu mistiedna l-koppji li żżewġu fl-2025 u dawk li ċċelebraw il-5, il-15 u l-20 anniversarju miżżewġin
- **29 ta' Diċembru** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija
- **30 ta' Diċembru** - Kunċert tal-Milied **In Domino Speravi** imtella' mill-kor parrokkjali fil-5 anniversarju mit-twaqqif tiegħu taħt il-patroċinju ta' Mons. Joseph Sultana

- **3 ta' Jannar** - Quddiesa minn Fr Johan Bugeja SDB li f'isem ir-residenti tad-Dar Saint Patrick's irringrazzja lill-Parroċċa għall-inizjattiva annwali ta' karità għal żmien l-Avvent
- **4 ta' Jannar** - Quddiesa bl-Ingliż u mument soċjali għall-komunità internazzjonali tal-Parroċċa tagħna fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **5 ta' Jannar** - Pontifikal Solenni ta' radd il-ħajr lil Alla ppresedut mill-Em. T. l-Kardinal Mario Grech fid-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- **12 ta' Jannar** - Riflessjoni dwar it-



Pontifikal Solenni ta' radd il-ħajr lil Alla fid-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa

talba magħżula mill-Parroċċa għas-sena 2026

- **15 ta' Jannar** - Kunċert mużikali bit-tema **It-Tifkira Tiegħek Ma Tintesa Qatt** imtella' mill-kor parrokkjali *In Domino Speravi* u l-orkestra fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- **16 ta' Jannar** - Purċissjoni u Quddiesa tal-festa ta' San Sebastjan bis-sehem tat-tfal u l-familji
- **17 ta' Jannar** - Quddiesa mis-saċerdoti tal-Kulleġġ ta' San Ġorġ Preca fil-bidu taż-żjarat lill-familji fiż-żona ta' Misraħ iż-Żebbuġ
- **18 ta' Jannar** - Quddiesa bil-vestizzjoni ta' 6 abbatini ġodda
- **19 ta' Jannar** - Tranżlazzjoni u Pontifikal solenni mmexxi minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fl-40 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali bis-sehem tal-adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej
- **20 ta' Jannar** - Festa liturġika ta' San Sebastjan Martri
- **25 ta' Jannar** - Bidu tal-kors ta' Kana għall-għarajjes

- **2 ta' Frar** - Fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, it-tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament
- **Mid-9 sal-14 ta' Frar** - Pellegrinaġġ f'Lourdes organizzat mill-Parroċċa
- **12 ta' Frar** - Festin tal-Karnival għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **17 ta' Frar** - Mument ta' talb organizzat mill-Grupp Nazzjonali ta' San Piju ta' Pietrelcina fil-Knisja Arċipretali



Pellegrinaġġ f'Lourdes organizzat mill-Parroċċa

- **18 ta' Frar** - Pellegrinaġġ bix-xbieha ta' Ġesù Kurċifiss fil-bidu ta' żmien ir-Randan
- **19 ta' Frar** - Laqgħa għall-ġenituri u t-tfal u kollha minn Grade 3 sa Grade 6 dwar it-tifsira tar-Randan

- **17 ta' Marzu** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija fit-tifkira ta' Ġesù Redentur
- **18 ta' Marzu** - Irtir tar-Randan fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Rxoxt, Pembroke
- **19 ta' Marzu** - Pellegrinaġġ tal-muturi minn Ħaż-Żabbar sa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- **19 ta' Marzu** - Festa Familja fuq iz-



Pellegrinaġġ tal-muturi minn Ħaż-Żabbar sa Ħal Qormi

zuntier tal-Knisja Arċipritali b'diversi attivitajiet organizzati għat-tfal u għall-familja kollha

- **22 ta' Marzu** - Laqgħa spiritwali u mument soċjali għall-komunità internazzjonali tal-Parroċċa tagħna
- **23 u 24 ta' Marzu** - L-Ewwel Qrara għat-tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda
- **26 ta' Marzu** - Velja ta' Qrar bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa
- **29 ta' Marzu** - It-tfal offrew il-Karus ta' Mħabba bħala karità għal żmien ir-Randan
- **Mit-30 ta' Marzu sal-1 ta' April** - Id-Drama Group tal-Parroċċa tella' d-dramm tal-passjoni **Il-Verità** fiċ-Ċentru Parrokkjali fuq kitba u direzzjoni ta' Shaun Formosa
- **30 ta' Marzu** - Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla organizzat mill-Parroċċa
- **31 ta' Marzu** - Mument spiritwali tal-Ġimgħa Mqaddsa għall-familji

- **Mis-6 ta' April sal-21 ta' Mejju** - Tberik tal-Familji fiż-żona ċentrali tal-Parroċċa
- **8 ta' April** - Attività għall-familja kollha fil-festa tradizzjonali ta' San Girgor organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle
- **12 ta' April** - Vjatku Solenni tal-morda tal-Parroċċa
- **Mit-22 sas-26 ta' April** - Il-Parroċċa sellmet il-memorja ta' Mons. Dun Vinċenz Deguara bid-daqq tal-qniepen
- **26 ta' April** - Quddiesa *praesente cadavere* b'sufraġju għal ruħ Mons. Dun Vinċenz Deguara mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
- **29 ta' April** - Laqgħa formattiva għal-letturi u animaturi tal-Parroċċa

- **3 ta' Mejju** - Pellegrinaġġ bir-roti organizzat miż-żewġ Parroċċi Qriema għat-tfal kollha li ntemm bit-tberik tar-roti fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali mill-Isqof Awżiljarju l-E.T. Mons. Joe Galea Curmi
- **8 ta' Mejju** - Inawgurazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja ż-Żgħira wara xogħlijiet ta' konservazzjoni u restawr
- **9 ta' Mejju** - Festa tal-Madonna ta' Pompej fil-komunità tas-sorijiet Agostinjani tal-Parroċċa tagħna
- **9 ta' Mejju** - Pizza Delivery organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT
- **10 ta' Mejju** - Quddiesa għat-tfal u l-familji fil-festa tal-qaddis Malti San Ġorġ Preca
- **10 ta' Mejju** - Quddiesa bl-Ingliż u mument soċjali għall-komunità internazzjonali tal-Parroċċa tagħna



Pellegrinaġġ bir-roti għat-tfal organizzat miż-żewġ Parroċċi Qriema




Inawgurazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju

fiċ-Ċentru Parrokkjali fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm

- **11 ta' Mejju** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-ommijiet mejtin fiċ-ċimiterju
- **Mill-15 sas-17 ta' Mejju** - Irtir għall-membri tal-Grupp Familji Nsara mmexxi minn Mons. Dun Carmelo Refalo
- **Mill-15 sat-23 ta' Mejju** - Matul in-Novena ta' Pentekoste, wara l-Quddiesa ta' filgħaxija tlabna t-talba tan-Novena li ntemmet bil-Barka Sagramentali
- **21 ta' Mejju** - Quddiesa fil-Kripta tal-Knisja Arċipretali b'sufraġju għal ruħ Mons. Dun Vinċenz Deguara f'għeluq ix-xahar mill-mewt tiegħu li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi



Quddiesa f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' Dun Vinċenz Deguara

- **24 ta' Mejju** - Fis-Solennità ta' Pentekoste, l-adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament
- **25 ta' Mejju** - Quddiesa fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi
- **27 ta' Mejju** - Ħarġa Marjana organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-anzjani u l-familji tagħhom
- **31 ta' Mejju** - 55 tifel u tifla rċivew l-Ewwel Tqarbina

- **4 ta' Ġunju** - Festa tal-Qalb ta' Ġesù fiż-Żona tas-Sokkors b'Quddiesa u purċissjoni Ewkaristika
- **Mis-7 sat-12 ta' Ġunju** - Ġimgħa Ewkaristika
- **12 ta' Ġunju** - Fis-Solennità tal-Qalb ta' Ġesù, il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament fakkret id-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha
- **14 ta' Ġunju** - Il-Mobile Blood Donation Unit kien maġenb il-Knisja Arċipretali biex il-pubbliku kellu l-opportunità li jagħti d-demm
- **21 ta' Ġunju** - Bejgħ ta' *doughnuts* organizzat mill-Kummissjoni Tfal fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier
- **21 ta' Ġunju** - Quddiesa bl-Ingliż u mument soċjali għall-komunità internazzjonali tal-Parroċċa tagħna fiċ-Ċentru Parrokkjali fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier
- **22 ta' Ġunju** - Quddiesa b'sufraġju għall-erwieħ tal-missirijiet mejtin fiċ-ċimiterju

- **1 ta' Lulju** - Attività għall-familja kollha fuq il-Gżejjer ta' San Pawl
- **2 ta' Lulju** - Festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata mill-grupp tat-Terzjarji Karmelitani

TUM®

INVEST


TAL-LARINGU
Venue
CALL US ON 79311291
Imdina Road | Żebbuġ


TA' GANZA
ground floor for DETERGENTS / TOILETRIES
first floor for FOOD Section / BABY Section / HOME Section
FREE DELIVERY OVER EURO100
TA' GANZA CASH & CARRY - QORMI
MDINA ROAD
T. 2146 5773

# Nifirħu u Nawguraw

- lill-**E.T. Mons. Wojciech Załuski** li ġie maħtur mill-Papa Ljun XIV bħala Nunzju Appostoliku għal Malta wara li **l-E.T. Mons. Savio Hon Tai-fai SDB** temm il-ħidma tiegħu bħala Nunzju Appostoliku
- lill-**Em. T. l-Kardinal Mario Grech** li qed jiċċelebra l-20 anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali u li ġie maħtur membru tad-Dikasteru tal-Kleru fil-Kurja Rumana
- lill-**E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna** li qed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-**E.T. Mons. Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi** li qed jiċċelebra l-35 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-**E.T. Mons. Arċisqof Emeritu George Frendo O.P.** li qed jiċċelebra l-20 anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali u li ġie maħtur Promotur tal-Liturġija tal-Provinċja Dumnikana Maltija San Piju V
- lil **Dun Kenneth Anona** fil-bidu tal-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tagħna
- lil **Patri Andrew Galea OFM Conv.** li qed jiċċelebra l-15-il anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali u li ġie kkonfermat bħala Pro-Vigarju Provinċjali tal-Provinċja Maltija San Pawl Appostlu tal-Patrijiet Minuri Konventwali
- lil **Dun Sergio Fenech** li qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali u li ġie maħtur Kappillan tal-Forzi Armati ta' Malta
- lil **Dun Mark Mallia Pawley** li qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Patri Ian Zammit O.P.** li ġie maħtur Promotur tal-Vokazzjonijiet tal-Provinċja Dumnikana Maltija San Piju V
- lil **Fra George Micallef OFM Conv.** li ġie maħtur Gwardjan tal-Kunvent ta' San Franġisk f'Birkirkara
- lil **Sr Josette Farrugia** li pprofessat b'mod perpetwu fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Orsolini ta' Sant'Angela Merici
- lil **Fra Christopher Bilocca OFM** li ġie mogħti l-ministeru tal-lettorat
- lill-kumitat il-ġdid tas-**Sodalità San Sebastjan u tat-tliet fratellanzi** magħżulin għat-tliet snin li ġejjin
- lill-**Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament** li qed tiċċelebra d-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha
- lil **Sarah Bonnici**, *Leader* fil-Grupp IMPACT, li ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz Volontarjat'
- lil **Dylan Muscat**, Assistent Chairman tad-Drama Group San Sebastjan, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz Volontarjat'
- lill-**Għaqda tan-Nar San Sebastjan Martri** li kklassifikaw fl-ewwel post fil-Festival Internazzjonali Malti tal-Logħob tan-Nar
- lill-**Klabb tal-Boċċi San Bastjan Ħal Qormi** li ġew promossi għall-ewwel diviżjoni tal-kampjonat Premier

- lit-**tim tal-blackball Qormi Pinto A** li rebaħ il-finali tan-Knock-Out Nazzjonali u l-finali tal-Federation Cup
- lit-**tim tal-blackball Qormi Pinto B** li rebaħ il-finali tan-Knock-Out Reġjonali u l-finali tas-Super Cup
- lill-**Qormi Daikin Hockey Club** li rebħu l-finali taċ-Challenge Cup u l-finali tal-Kampjonat Nazzjonali
- lit-tim tal-**Under 15s ta' Qormi FC** li rebħu l-Kampjonat Nazzjonali
- lill-**Qormi FC** li rebħu l-BOV Amateur League 2026
- lil **Roxanne Fabri** li rebħet il-konkors ta' Mrs. Malta 2025 waqt li kienet qed tirrappreżenta lil Ħal Qormi







BAR KLABB TAL-BOĊĊI
SAN BASTJAN

*Showing live football & other sports*
*Free appetisers and genuine drinks for good prices*

9928 3328 / 9940 5440
Find us on Facebook

BMS
bms
Building Materials Supplies Ltd.

Mdina Road
Qormi
QRM9011
Tel: +356 21 466668 21 466669
email: bmsltdmalta@gmail.com

clever Pure Ultrafiltration water treatment unit

Enjoy great tasting, crystal clear drinking water, with all the beneficial minerals.



- No electricity!
- No wastage!
- No plastic!
- Free delivery
- Free installation*

*Terms and conditions may apply

NOW
~~€213.00~~
€128.00
When you apply for Government grant

No electricity is required
No plastic bottles
No water is wasted
Filters are easy to change
Compact shape
Retains minerals
LED display
Leak-proof system



**PP**
Polypropylene
Filters particles, sediment, rust and sand
Lasts: 12 months

**C1**
Pre-Carbon
Reduces chlorine and absorbs small particles 1 µm
Lasts: 12 months

**C2**
Post-Carbon
Eliminates odours and bad taste from water
Lasts: 12 months

**UF**
Ultrafiltration
Filters out organisms and bacteria 0.02 – 0.1 µm
Lasts: 24 months




bov.com

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta


VISTAPAK
Packaging. Marketing. Designing
Paloma Blanca, Dawret Hal Ghaxaq Street, Ghaxaq
7999 1002
info@vistapak.net
www.vistapak.eu
RETAIL PACKAGING
CONFECTIONERY & CATERING PACKAGING
MANUFACTURING PACKAGING


TWANNY IRONMONGERY
ANICI STREET, QORMI
TEL: 2148 4913
Għall-aqwa prezzijiet f'kull ma għandek bżonn għad-dar fl-elettriku, fl-ilma, fi ż-żebgħa, għodda, geysers, slielem...


ab
WHOLESALERS
No 8, Gharram Street
Zebbug
ZBG2853
Tel. 27405429
Mobile 99405429
info@ab-wholesalers.com

# Mill-Istorja tal-Parroċċa

- **5 snin** miż-żjara tal-bastun devot tal-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat meqjum fis-Santwarju Nazzjonali tiegħu fir-Rabat, Malta
- **15-il sena** miż-żjara tar-relikwija insinji tal-kranju ta' San Sebastjan Martri
- **15-il sena** mill-ftuħ mill-ġdid tal-Knisja ż-Żgħira wara xogħol ta' restawr li sar fuqha
- **15-il sena** mill-mewt ta' Patri Bastjan Scicluna OFM Conv., saċerdot mill-Parroċċa tagħna
- **30 sena** mill-pussess tal-ħames Kappillan Dun Walter Cauchi
- **30 sena** mir-rikors tal-bini taċ-Ċentru Parrokkjali
- **40 sena** mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca
- **40 sena** mill-inawgurazzjoni u t-tberik taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali
- **40 sena** mit-tberik tal-vara ta' Ġesù Redentur maħduma fil-kartapesta minn Alfred Camilleri Cauchi u **10 snin** mill-ewwel pellegrinaġġ penitenzjali biha
- **40 sena** mill-inawgurazzjoni tan-niċċa tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri maħduma minn Leonard Spiteri u George Casha
- **40 sena** mill-induratura, żebgħa u karnaġġjon tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri
- **45 sena** mit-tberik tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali, xogħol l-iskultur Qormi Marco Montebello
- **45 sena** mill-wasla tal-vara l-ġdida ta' Kristu Rxoxt maħduma fil-kartapesta minn Ġlormu Dingli
- **55 sena** mill-mewt tal-ex-Kappillan Dun Alwiġ Psaila
- **65 sena** mill-wasla tar-relikwarju ta' San Sebastjan Martri fil-Parroċċa tagħna li tbierek mill-Arċisqof Mikiel Gonzi
- **70 sena** mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Eddie Muscat, saċerdot mill-Parroċċa tagħna
- **70 sena** mit-twaqqif tal-ewwel kor parrokkjali magħmul mix-xebbiet taċ-*Circolo Regina Virginum*
- **80 sena** mit-tqegħid u t-tberik tal-ewwel ġebla tal-Knisja Arċipretali mill-Arċisqof Mikiel Gonzi
- **90 sena** mit-twaqqif tal-Parroċċa u l-pussess tal-ewwel Kappillan Dun Alwiġ Psaila
- **90 sena** mir-rikors biex tiġi maħduma l-vara titulari ta' San Sebastjan Martri
- **90 sena** mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament
- **115-il sena** mit-twelid u **35 sena** mill-mewt tal-artist Qormi Emanuel Borg Gauci li għandna diversi opri tiegħu fil-Parroċċa tagħna fosthom il-kwadru titulari tal-Kripta tal-Knisja Arċipretali
- **120 sena** mit-twelid tal-artist Ġorġ Borg li ħadem il-vara titulari ta' San Sebastjan Martri


NEW
MAYPOLE
bakers since 1900
Dubai
Chocolate
ICE CREAM
More flavours
to try...
NEW
Pistachio
Helwa tat-Tork
Hazelnut
Brownie
BETTER CALL
MAYPOLE
22 581 581
Bolt Food
Wolt
info@maypole.com.mt
www.maypole.com.mt
Follow us on

# Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ biex inkun saċerdot?

*Din is-sena, tliet saċerdoti mill-Parroċċa tagħna, qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali minn meta rċivew l-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom. Inizjattiva li ta' kull sena l-Parroċċa tieħu hi li tiġbor l-esperjenzi ta' dawn is-saċerdoti biex b'hekk nitħeġġu aktar fit-talb tagħna ħalli aktar persuni jsibu fihom dawl li jdawwal it-triq tas-sejħa tagħhom.*



**Patri Andrew Galea OFM Conv.**
*li din is-sena qed jiċċelebra l-15-il anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali*

Dan l-aħħar smajna ħafna affarijiet sbieħ fuq Dun Vinċenz Deguara. Ħafna faħħruh għax kien hu li lesta l-bini tal-knisja. Però jekk kien hemm kumment li kulħadd qabel fuqu kien li Dun Vinċenz kien saċerdot qaddis, jiġifieri li kulħadd ra fih rifless sabiħ ta' Alla. Jien trabbejt f'dan l-ambjent - attiv sew fil-MUSEUM u fi ħdan Parroċċa imżejna b'ħafna saċerdoti li b'impenn kienu jingħataw għall-poplu ta' Alla. Il-Parroċċa ta' San Sebastjan fejn trabbejt u kbirt tat ħafna saċerdoti u reliġjużi lill-Knisja f'Malta u anke lill-istess Provinċja li tagħha nagħmel parti, dik tal-Franġiskani Konventwali.

Li tkun saċerdot għalija jfisser li tkun viċin tal-poplu ta' Alla, li timxi magħhom fl-istadji kollha ta' ħajjithom, li tagħraf ix-xewqat tagħhom - espliċiti jew moħbija - għal Alla u tgħinhom jiżviluppaw relazzjoni sabiħa ma' Ġesù. Li tkun saċerdot għalija jfisser li tħalli lill-poplu ta' Alla jkellmek, jgħallmek, tagħtihom il-possibbiltà li jimxu miegħek u li inti wkoll tiżviluppa xewqa għal Alla. Li tkun saċerdot għalija jfisser li ġġorr lill-persuni li tiltaqa' magħhom għand ir-Ragħaj it-Tajjeb u lilhom tħallihom iġorruk ukoll. Is-saċerdot mhuwiex biss dak li jamministra s-Sagramenti Mqaddsa imma li ħajtu, ir-relazzjonijiet tiegħu u l-kwalitajiet umani tiegħu jsiru bħal sagrament - laqgħa ma' Ġesù.

F'dinja, f'soċjetà, fi Knisja fejn is-saċerdot ħafna drabi hu msejjaħ ikun ħafna affarijiet f'daqqa, fejn f'ġurnata jkollu jbiddel diversi kpiepel, tkun ħasra jekk jitlef dak li hu msejjaħ ikun: preżenza sabiħa tal-Mulej Ġesù. Dan ma jista' qatt iseħħ jekk is-saċerdot ma jirriservax ħin ta' kwalità mal-Mulej inkella jispiċċa jinħaraq malajr u ma jġarrabx b'sabar dak li jiġi fuqu. Nitlob lil Sid il-ħsad sabiex ikompli jsejjaħ żgħażagħ minn din il-Parroċċa ħalli jaqduh fil-Knisja tiegħu permezz tas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża.



**Dun Sergio Fenech**

*li din is-sena qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali*

Lejn l-aħħar tal-formazzjoni fis-seminarju ġejt mistoqsi fejn nara lili nnifsi għaxar snin wara. Għalkemm f'dak li għadda minn moħħi kien hemm affarijiet li seħħew kif ħsibthom, kien hemm affarijiet oħra li lanqas biss għaddewli mill-kurituri ta' moħħi. Iżda issa li għaddew dawn l-għaxar snin, l-aktar mistoqsija li ttambar f'moħħi hi: "Xi jfisser is-saċerdozju għalija llum?"

Qrib il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, waqt adorazzjoni bejnietna l-qassisin li qaddisna fl-aħħar 15-il sena, issemmiet it-tifsira tas-saċerdozju skont San Ġwann Maria Vianney li jgħid li s-saċerdozju huwa l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù. Dan il-kliem waqaf f'moħħi u ġiegħlni naħseb ħafna fuq dawn l-aħħar għaxar snin. Jien u nħares lura ninnota li fiċ-ċentru ta' dak kollu li għaddejt minnu bħala qassis hemm sejħa. Is-sejħa li ta' kuljum il-Mulej kien ipoġġili quddiemi hija "Ħobb bħalma ħabbejtkom jien". Ikolli nammetti li kont ftit diżappuntat miegħi nnifsi għax ma tantx ħassejt li weġibt mill-aħjar għal din is-sejħa. Imma kif tista' qatt tikkumpara l-imħabba ta' bniedem mal-imħabba ta' Alla? Dan hu l-misteru - għalkemm il-Mulej jaf il-persuna dgħajfa tiegħi, xorta jibqa' jagħtini l-istedina li nħobb bħalu. Ma' dan ifakkarni wkoll li nista' biss inwieġeb għal din is-sejħa mhux bil-qawwa tiegħi imma permezz tal-Ispirtu s-Santu li mmarka fija s-siġill tas-saċerdozju.

Din hi l-isfida li ta' kuljum il-Mulej kontinwament ipoġġi quddiemi u li jsostni fija permezz tal-qawwa tiegħu. Dan il-ħsieb jimlini b'kuraġġ u jagħtini direzzjoni lejn fejn irrid nasal permezz tas-sejħa li Hu għamilli biex inkun saċerdot. Nitlobkom tkomplu titolbu għalina s-saċerdoti biex ta' kuljum naslu nħobbu bħalma ħabbna Ġesù.





**Dun Mark Mallia Pawley**

*li din is-sena qed jiċċelebra l-10 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali*

Għalkemm ħafna minnkom tafuni nikber fil-Parroċċa bħala abbati u fil-kor parrokkjali, forsi tkun sorpriża jekk ngħid li mhux dejjem xtaqt inkun saċerdot. Dejjem ħassejt li l-Mulej xtaqni nservi b'xi mod fil-Knisja però kien neċċesarju proċess personali biex nagħraf sew dak li l-Mulej xtaq minni. Meta bdejt nisma' l-kelma "vokazzjoni" xtaqt niskopri verament xi tfisser u grazzi għall-katekeżi li rċivejt il-MUSEUM għaraft li lkoll għandna sejħa komuni: li nħobbu lil Alla. Iżda kull wieħed u waħda minna għandna wkoll sejħa partikolari li nistgħu nsejħulha "missjoni" u biex niskopruha huwa importanti nistaqsu: "Alla kif jixtieqni nħobbu?"

Wara esperjenza sabiħa ma' tfajla, li minnha tgħallimt ħafna, ħassejt li l-Mulej kien qed jagħmilli stedina: "L-imħabba li tista' taqsam ma' waħdha, għandek bżonn taqsamha ma' ħafna oħrajn". Kienet din l-istedina li wasslitni biex nibda t-triq tas-seminarju; triq li wara ħafna battalji personali wasslitni fuq l-għatba tas-saċerdozju. Qabel l-ordinazzjoni djakonali ħassejt li s-sejħa saċerdotali kienet parti minn sejħa oħra - dik li nkun saċerdot missjunarju. Illum jien saċerdot missjunarju ġewwa ċ-Ċili.

Li nkun saċerdot għalija jfisser li nħalli lil Alla jħobb permezz tiegħi, fejn u kif jixtieq Hu. Huwa Alla li jistedinni nipparteċipa f'din l-avventura li tappartjeni għalih u r-risposta affermattiva tiegħu, imġedda kuljum, hija risposta mqanqla mill-imħabba tiegħi lejn Alla u lejn ix-xewqa li nħalli lil Alla jħobb permezz tiegħi. Li nkun saċerdot ifisser li nkun kontinwament man-nies, mal-poplu li Alla jixtieq iħobb permezz tiegħi. Li nkun saċerdot ifisser li nkun il-wiċċ viżibbli tal-imħabba ta' Alla f'post determinat, ma' poplu determinat. Dan kollu nista' nwettqu għax jien parti mill-poplu ta' Alla li ta' kuljum isostnini bit-talb tiegħu u għaldaqstant nixtieq nirringrazzja lilek li qed taqra dan il-messaġġ, li int parti minn din il-missjoni saċerdotali tiegħi permezz tat-talb tiegħek.




# Minn ġo Fabbrika għall-Kunvent

## *L-esperjenza vokazzjonali ta' Sr Josette Farrugia*

Jisimni Sr Josette Farrugia u għandi 48 sena. It-tfulija tiegħi għixtha ġewwa Ħal Qormi flimkien mal-familja tiegħi. Jiena tan-nofs fost tlett aħwa. Bħala passatempi nħobb nistad, nieħu r-ritratti kif ukoll inpinġi u naħraq fuq l-injam. Għal 23 sena ħdimt ġo fabbrika u permezz tax-xogħol tiegħi għaddejt minn ħafna esperjenzi sbieħ u inqas sbieħ u ltqajt ma' ħafna nies.

Mal-Mulej m'hemmx età għax fil-ħin tiegħU u f'mument partikolari jkun Hu li jaqliblek ħajtek ta' taħt fuq. U Ġesù hekk għamel miegħi. F'ħajti Ġesù dejjem kellu post speċjali u minkejja dan, dejjem ħrabt minn dak kollu li kont inħoss. Pjuttost dejjem tajt aktar kas il-bżonnijiet tan-nies ta' madwari milli dak li kont neħtieġ jiena.

Fl-2014 Ġesù għoġbu jlaqqagħni ma' grupp ta' sorijiet Orsolini - l-Ekklesia Sisters - li kont rajthom ikantaw fil-Eurovision. Minn hemmhekk beda kollox. Ġesù, bil-mod tiegħU, sejjaħli biex inkun tiegħU. Bdejt immur volontarjat fejn kont ngħinhom bit-tfal biex jagħmlu l-*homework* jew xi kraft. Kien hawnhekk fejn bdejt nirrealizza li bdejt ninġibed lejn il-ħajja tas-sorijiet u l-ħajja komunitarja. Hawn bdejt nintebaħ bis-sinjali li l-Mulej beda jibgħatli. Kelli ħafna biża' minħabba li jiena kont diġà kbira fl-età u bdejt naħseb li kien ikun aħjar li ma mmurx iżjed. Imma kien wisq diffiċli għalija u dan kollu baqa' għaddej għal kważi sena u nofs.

Il-Mulej ma qatax qalbu iżda kompla jiftaħli l-bibien biex inkompli miexja għal dak li jrid minni. Kelli ċans li nitkellem mal-Madre u hi stess staqsietni għalfejn kont qed



inwebbes rasi u l-"iva" tiegħi kienet għadha ma waslitx. Minn hemm iddeċidejt li kien wasal iż-żmien li nibda d-dixxerniment tiegħi biex verament nagħraf dak li Ġesù qiegħed isejjaħli għalih. Bdejt dan billi sibt direttur spiritwali. Is-sitwazzjonijiet li sibt ruħi fihom għinuni nintebaħ li kienu kollha sinjali li Ġesù beda jwassalli u hemm iddeċidejt li ma stajtx naħrab aktar u nagħtih l-"iva" tiegħi.

Tlaqt mix-xogħol u fl-1 ta' Marzu 2017 bdejt l-ewwel pass bħala aspiranta mas-sorijiet Orsolini u f'Ottubru bdejt uffiċjalment il-mixja tiegħi fi ħdan din il-kongregazzjoni. Fis-27 ta' Settembru 2025, permezz tal-Professjoni Perpetwa, tajt ħajti kompletament lil Alla. Iż-żmien ta' preparazzjoni dam 8 snin biex din il-mixja wasslitni fejn jiena llum. Illum il-missjoni tiegħi poġġietni fis-Santwarju Ta' Pinu ġewwa Għawdex fejn hemmhekk nipprova nkun preżenza materna għall-pellegrini li jżuru dan il-post qaddis.

Ma nistax ma nagħlaqx din l-esperjenza billi nħeġġeġ lil kull min b'xi mod qed iħoss lill-Mulej isejjaħlu biex ma jwebbisx qalbu għax hekk biss verament isib il-ferħ u l-paċi ġo qalbu.

**Sr Josette Farrugia**



# MIKE SERVICE STATION LTD.

Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 1109

TEL: 2148 7007/2149 5279




WE'RE OPEN
MIA
Sunday - Thursday
07:00 - 01:00
Friday - Saturday
07:00 - 03:00
McCafé
McDrive
OPEN 24 HOURS
SO IS YOUR APPETITE



B’tifkira għażiża u eterna ta’

# Dun Vinċenz Deguara

li mar jiltaqa’ mal-Mulej
li dejjem ħabb
fil-21 ta’ April 2026
fl-età ta’ 94 sena.

Fir-ritratt: Dun Vinċenz Deguara waqt Quddiesa li ċċelebra fil-Knisja Arċipretali ta’ San Sebastjan Martri fis-60 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu nhar il-Ħadd 1 ta’ Mejju 2022

# Dun Vinċenz Deguara

*1932-2026*

Dun Vinċenz Deguara twieled fl-10 ta' April 1932 u tgħammed fil-Parroċċa ta' Raħal Ġdid. Ftit wara li l-familja tiegħu emigrat lejn Birżebbuġa, Dun Vinċenz ħadem it-Tarzna għal aktar minn sitt snin. Beda l-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju fl-1953. Billi kien ġej minn familja fqira u minħabba l-mewt ta' missieru, Dun Vinċenz kien lest jitlaq l-istudji għas-saċerdozju biex joħroġ jaħdem għall-familja però, minkejja l-isfidi, kompla bl-istudji.

Ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta fis-7 ta' April 1962 u qaddes l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pietru f'Birżebbuġa fil-5 ta' Awwissu 1962. Ftit jiem wara, beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi bħala Viċi-Kappillan mal-Kappillan Dun Ġużepp Cauchi.

Mal-mewt ħesrem tal-Kappillan nhar id-9 ta' Marzu 1969, ingħata l-pussess bħala Kappillan mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fis-27 ta' April 1969. Fost il-ħidma pastorali tiegħu, tispikka l-aktar it-tlestija tal-bini tal-Knisja Arċipretali. Il-parrokat ta' Dun Vinċenz inkluda wkoll bosta ħidmiet pastorali oħrajn, fosthom it-twaqqif tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u diversi kummissjonijiet u l-pubblikazzjoni *Sliem u Ħajja*. Xogħol ieħor mal-familji, żgħażagħ u ż-żoni fil-periferija tal-Parroċċa kienu wkoll parti importanti mill-ħidma tiegħu.

Fi żmienu saru wkoll għadd ta' opri artistiċi li sebbħu l-Knisja Arċipretali. Saru wkoll interventi ta' restawr u induratura fuq il-vara titulari ta' San Sebastjan Martri fl-1986. Il-parrokat tiegħu jibqa' mmarkat bl-għadd sabiħ ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi li ħarġu mill-Parroċċa tagħna.

Ma' tmiem il-ħidma tiegħu bħala Kappillan fl-1988, Dun Vinċenz inħatar Direttur Spiritwali fis-Seminarju tal-Arċisqof fejn baqa' jservi sal-2021. Fl-2003 ġie maħtur Monsinjur tal-Kapitlu Metropolitan tal-Imdina mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Huwa baqa' jagħti servizz pastorali fil-Parroċċa tagħna, b'mod speċjali bħala konfessur. Fl-2022 ġie rikoverat fid-Dar tal-Kleru fejn ħalla din id-dinja fil-21 ta' April 2026. Ingħata l-aħħar tislima fis-26 ta' April 2026 waqt Quddiesa *praesente cadavere* mmexxija mill-Arċisqof Charles J. Scicluna u ndifen fil-Kripta tal-Knisja Arċipretali.
















DUN VINĊENZ DEGUARA
1932 - 2026


KERĊEM A. TOURS
Travel
THIS SUMMER
WITH KERCEM A' TOURS
CONTACT US
EMAIL
SICILY
€610
ALL EXCURSIONS INCLUDED
MACEDONIA
€996
ALBANIA
€950
GERMANY
€935
SLOVENIA
€1180
POLAND
€1199
ITALY
€1070
FRANCE
€699
AUSTRIA
€810
SERBIA
€1280
CHINA
€3010
CROATIA
€1200
TURKEY
€1370
VIETNAM
€2860
JAPAN
€4750
ALBANIA
€970

# Nista' Ngħid li Kbirt Miegħu!

*Il-Viċi jitkellem fuq il-Kappillan*

Hekk kif ġie ordnat saċerdot fis-sena 1962, Dun Vinċenz Deguara beda l-missjoni tiegħu bħala saċerdot fil-Parroċċa tagħna. Ftit wara, meta kelli bejn wieħed u ieħor 10 snin, daħħluni abbati. U hemm, għall-ewwel darba, ġejt f'kuntatt miegħu billi kien jieħu ħsieb tagħna l-abbatini. U bqajt f'kuntatt miegħu sakemm spiċċa minn Kappillan fis-sena 1988.

Għaldaqstant, nista' ngħid li kbirt miegħu. Nafu bħala Viċi-Kappillan. Kont miegħu bħala abbati, bħala seminarista u mbagħad bħala saċerdot. U meta ngħid li kbirt miegħu ma nifhimx biss il-fatt li kbirt fl-età - minn tifel sa adult. Iżda aktar minn hekk. Kbirt miegħu fis-sens ta' formazzjoni u allura nista' ngħid li naf ħafna minn dak li jiena jien illum lilu. Ħamsa u għoxrin sena li matulhom dejjem rajt fih eżempju mill-isbaħ ta' saċerdot iddedikat għall-vokazzjoni tiegħu saċerdotali.

L-imħabba tiegħu għal kull bniedem, b'mod partikolari għall-batut u għall-marid. Niftakar tajjeb id-dedikazzjoni tiegħu għat-tqarbin tal-morda, apparti l-assistenzi mal-



Il-Kappillan Dun Vinċenz Deguara (it-tieni mix-xellug fir-ringiela ta' fuq) mas-saċerdoti li kienu jservu fil-Parroċċa fl-1977 fosthom Dun Karm Mercieca (ir-raba' mix-xellug fir-ringiela ta' fuq)

moribondi li dari kienu komuni, ġieli wkoll billejl - xi ħaġa li tgħallimna minnu kemm jien, kif ukoll il-mibki Dun Joe Camilleri li f'dak iż-żmien konna Viċi-Kappillani miegħu.

Xi ħaġa li għaliha jiena grat ħafna lejh hija l-imħabba tiegħu lejna s-saċerdoti u l-fiduċja tiegħu fina. Kien verament iħobbna u jieħu ħsiebna f'kull aspett tal-ħajja tagħna, kemm spiritwali kif ukoll materjali. Kien jagħmel minn kollox biex jarana nimxu 'l quddiem. Għadhom ċari f'moħħi s-Sibtijiet filgħodu meta kien jiġborna fl-Uffiċċju Parrokkjali biex flimkien nippreparaw l-omelija.

Il-fiduċja tiegħu fina kien juriha fil-fatt li kien jiddelegana u jagħtina ċans nagħmlu kwalunkwe xogħol possibbli, ibda minn xogħol strettament pastorali bħalma huma l-liturġija, kummissjonijiet u preżenza fl-Uffiċċju Parrokkjali, li dak iż-żmien kien jinvolvi ħafna kuntatt man-nies, u wkoll involviment f'affarijiet oħra bħalma kienu l-amministrazzjoni u l-bini tal-Knisja Arċipretali. Kien jinvolvina, jafdana u japprezza x-xogħol li konna nagħmlu.

L-attenzjoni tiegħu kien juriha anke f'dak li jirrigwarda l-aspett materjali. Min jaf kemm-il darba kien iċempilli tard filgħaxija biex jara jekk hux kollox sew għax mid-dar kien jara d-dawl tal-uffiċċju jixgħel u jinduna li għadni hemm. U hawn ma nistax ma nagħmilx referenza għall-mamà tiegħu li kienet tħares lejna l-qassisin kważi kważi bħala wliedha.

Forsi aktar u aqwa minn dawn l-affarijiet kollha li semmejt sa issa, l-aktar ħaġa li kont nammira fih u li tgħallimt mingħandu hija l-ispiritwalità tiegħu. Id-dimensjoni spiritwali tiegħu kienet tesprimi ruħha fil-prattika tal-ħajja tiegħu ta' kuljum. L-umiltà u l-ġentilezza kienu kwalitajiet li kienu verament jispikkaw fih. Il-maħfra u l-mod kif kien jitratta lil min ma jaqbilx miegħu u forsi anke jweġġgħu kienu wkoll kwalitajiet li kienu fil-qalba tal-ħidma tiegħu bħala Kappillan - missier u ragħaj tal-komunità parrokkjali afdata f'idejh biex imexxiha u jressaqha lejn ir-Ragħaj il-Kbir. L-istess nista' ngħid għall-mod kif kien iqaddes, jippriedka u jitlob. Dan kollu kien jagħmlu b'mod tassew awtentiku.

Biex inkun għidt kollox ġieli kien hemm drabi fejn kont xi ftit imqareb u allura nkwetajtu xi ftit. Iżda wkoll f'mumenti bħal dawn, l-imġiba tiegħu kienet strumentali biex jirbaħni lura u l-affarijiet kienu jerġgħu lura għan-normal.

Kien tassew bniedem ta' Alla li kien jgħallem b'ħajtu aktar milli bi kliemu.

**Mons. Dun Karm Mercieca**




Altern. circontrol
Get your
EV CHARGER
circontrol
eHome5
ev@altern.mt | +356 2367 8900

# Rajt lil Dun Vinċenz

*B'tifkira ta' Dun Vinċenz Deguara (1932-2026)*

Rajtek tħalli 'l San Pietru, l-port t'isfel;
biex ħidmietek li tqaddes l-erwieħ
tkompli fostna, biex tagħna stajt tibdel,
fejn parroċċa ħtieġ tgħaqqad mill-qiegħ.

Rajtek tibda ħidmietek f'din beltna,
nilmħu f'ħarstek imħabba tassew,
dak li b'kelmtek u l-ħlew wassaltilna
f'żewġ parroċċi, biex firda jinsew.

Rajtek wieqaf biex tilbes l-istola,
tisma' fommna jistqarr id-dnubiet,
b'wiċċek jiddi minn bejn il-lewn vjola,
waqt li tbierek u ttenni l-maħfriet.

Rajtek tħares bir-reqqa fil-kalċi,
u lejn l-Ostja li bdilt f'Sagrament,
qabel twasssal minn qalbek il-paċi,
li f'ħidmietek xerridt kull mument.

Rajtek wieqaf quddiem abbatini
li f'suttana libbist b'lewn ħamran,
tfisser kliemhom fil-versi Latini,
ma' ġmiel l-ilħna fil-kant Gregorjan.

Rajtek twassal lil ommok sal-knisja,
bħalma kienet wasslitek sal-jum
sabiex tħejji għall-ewwel quddiesa,
hekk kif f'ħajtek bqajt tagħmel kuljum.

Rajtek tħabrek biex żgħażagħ tibnilhom
l-ewwel ċentru, fejn kotra ressaqt,
sakemm bħalek, oħrajn wettqu dmirhom,
f'wieħed akbar kif inti kont xtaqt.

Rajtek tiela' bil-passi meqjusa
tbierek ħilet perit u l-ħaddiem,
tul il-koppla għall-qies maestuża;
bini twassal b'salib juri t-tmiem.

Rajtek tressaq madwarek qlub bierda
f'imħabbithom għal Kristu Ġesù,
biex bħall-martri Bastjan jagħtu xhieda
x'ħin fil-proxxmu jilmħuh, hu min hu.

Rajtek tħeġġeġ qlub żgħażagħ bix-xewqa
għal xi sejħa f'kunvent, anki 'l bogħod;
f'Seminarju 'l dawn trawwem bil-ħerqa
jkunu ragħajja, li ż-żmien jibqa' jrodd.

Rajtek b'wiċċek imdawwal waqt talbek
bir-rużarju lill-Omm il-Ħallieq,
biex dik l-għaqda li dehret f'ħidmietek
tibqa' fostna, kif minnek mixtieq.

Rajtek b'ħarstek titbissem lil ħutek,
xħin tiftakar fl-imgħoddi sabiħ
li fassalt mal-miġemgħa madwarek,
b'leħen wieħed, Vinċenz, troddlok ġieħ.



**John u Sebastian Saliba**


copyserv
Address
56, Manuel Magri Str, Hamrun
Email
info@copyservltd.com
Telephone
27282748
Mobile
77940904
A4 Black and White Photocopies 1c5
A4 Colour 5c Photocopies
Forget the Rest. Our prices are the Best!


VELLA FALZON BUILDING SUPPLIES
a: 13, Triq il-Furnar, Qormi t: +356 2144 5165
t: Mon - Fri: 7:00am - 3:30pm
VELLA FALZON HOME
a: Valley Road, Msida t: +356 2144 5165
t: Mon - Fri: 9:00am - 7:00pm | Sat: 9:00am - 1:00pm

# Sa 90 Sena Oħra

*90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa (1936-2026)*

90 sena ilu, madwar il-knisja monumentali b'nifs Romanesk ta' San Sebastjan, bdiet tifforma f'din ix-xaqliba ta' Ħal Qormi komunità Kristjana ġdida. Kien żmien fejn il-kuntest globali kien qiegħed jimtela għat-Tieni Gwerra Dinjija u li kienet dalwaqt se tisfronda l-bibien ta' gżiritna. Kien żmien ukoll fejn il-Knisja Kattolika kienet għadha 'l bogħod milli tesperjenza ż-żiffa ħelwa tal-Konċilju Vatikan II. F'din l-atmosfera mwiegħra, ta' għeluq u staġnar titwaqqaf il-Parroċċa Bastjaniża.

Il-kelma 'Parroċċa' ġejja mill-Grieg - *paroikìa* - magħmula minn żewġ kelmiet *parà* (viċin) u *oikìa* (dar). It-terminu Latin tardiv *parochia* oriġinarjament kien jirreferi għal komunità ta' pellegrini jew residenti li jindika abitazzjoni ħdejn residenza prinċipali. Fit-Testment il-Ġdid u fis-sekli Kristjani bikrin kien jirreferi għall-komunitajiet Kristjani bħala komunitajiet ta' pellegrini, *barranin* residenti f'territorju iżda fi triqthom lejn id-Dar vera tagħhom. Fil-qosor, l-etimoloġija tenfasizza tifsira profonda ta' **'komunità ta' pellegrini'** li tgħix fid-djar lokali - **'Knisja ta' pellegrini fost id-djar ħdejn id-Dar ta' Alla'**.

Dawn id-dettalji etimoloġiċi u Paleo-Kristjani bla dubju jikkonfermaw li l-knisja strutturali fil-ġebel tagħti identità u appartenenza lil komunità lokali partikolari, bħalma kien u hu l-każ għall-Parroċċa tagħna matul dawn id-90 sena. Imma minn hawn u 90 sena oħra, insaqsu, b'liema mod din il-Parroċċa se tkun id-Dar viċin id-djar? B'liema mod se tkun komunità ta' pellegrini lejn id-Dar vera tagħhom?

Il-Parroċċa Kattolika llum għaddejja minn trasformazzjoni profonda u qed timxi lil hinn mill-mudell tradizzjonali ċċentrat biss fuq il-kampnar biex issir komunità missjunarja, miftuħa u relazzjonali. Biex tindirizza l-kriżi tat-trażmissjoni tal-fidi, il-Parroċċa hi msejħa tkun *dar* li tumanizza, iċċentrata fuq Kristu u kapaċi tinkarna ruħha fil-komunità lokali.

Fl-Ewropa bħalissa għaddej dibattitu sinċier fost il-qassisin u miftuħ ukoll għal-lajċi dwar dan kollu. Alphonse Borras, qassis tad-Djoċesi ta' Liège, il-Belġju, u kanonista u ekkleżjologu ta' fama internazzjonali, Professur Emeritu tal-Liġi Kanonika fl-Università Kattolika ta' Louvain għandu riflessjonijiet pertinenti rigward dan. Borras jaħdem ukoll fil-kura pastorali, partikolarment il-perspettivi parrokkjali, suġġett li dwaru kiteb diversi artikli bit-Taljan għar-*Rivista del Clero*.

Ftit snin ilu ppubblika ktieb b'titlu Franċiż deliberatament ambigwu: *Balayer la paroisse?*, li jista' jiġi interpretat bħala **'tindif tal-Parroċċa'** jew **'tiġdid tal-Parroċċa'**. Il-kwistjoni prinċipali hi jekk il-Parroċċa għadhiex organizzazzjoni funzjonali għall-ħajja tal-Knisja llum li tippermettilha tkun fost in-nies jew jekk hijiex relikwa ta' Trentu u għalhekk m'għadhiex adattata għas-soċjetà tal-lum, fejn kważi ħadd ma jitwieled, jitrabba u jmut fl-istess post u fejn l-affiljazzjonijiet huma multipli u saħansitra "fluwidi".

It-tweġiba li jagħti Borras fil-kotba tiegħu hi li l-Parroċċa għadha l-**karta rebbieħa**. Borras jinsisti li:

- Il-Parroċċa hi **"Dar tat-tama"**: Il-Parroċċa mhix biss ċentru ta' servizzi reliġjużi iżda hi l-post ta' akkoljenza u ħajja ta' fidi.
- Il-Parroċċa trid tkun "**likwida**": Tranżizzjoni lejn Parroċċa aktar fluwida u li tħares 'il quddiem, kapaċi tadatta għal stili ta' ħajja diġitali u affiljazzjonijiet inqas marbuta ma' konfini ġeografiċi.
- Ċentralità tal-Missjoni: Il-Parroċċa trid terġa' tikseb il-"karta ewlenija" tagħha għall-evanġelizzazzjoni billi ssir post li jinterċetta l-mistoqsija tal-bniedem kontemporanju aktar milli tibqa' magħluqa fiha nnifisha.
- Ko-responsabbiltà u Ministeri: L-importanza tal-kollaborazzjoni bejn il-kleru u l-lajċi billi jmur lil hinn mill-idea tal-Kappillan li "jagħmel kollox" biex jinkiseb ministeru kondiviż.
- Komunjoni fuq burokrazija: Il-liġi parrokkjali għandha tirrifletti "l-ispirtu ta' komunjoni" aktar milli sempliċiment funzjonaliżmu jew formaliżmu.

Il-Parroċċa wara 90 sena llum żgur li għadha mhux lesta. Bla dubju trid tkompli tesperjenza l-*kairos* (żmien favorevoli) biex terġa' tiskopri l-essenza missjunarja tagħha billi tittrasforma l-kriżi f'opportunità ta' tiġdid. Għaldaqstant, il-Parroċċa hi msejħa, kif jistqarr il-Kardinal Timothy Radcliffe OP, li trawwem:

- **Smigħ profond u djalogu** - Il-membri jitgħallmu jafdaw il-movimenti tal-Ispirtu s-Santu permezz tal-poplu kollu ta' Alla.
- Ħbiberija **bejn ġenerazzjonijiet u opinjonijiet differenti** - Il-Parroċċa għandha tkun skola tal-umanità u mhux biss unitajiet amministrattivi.
- **Inklużjoni radikali** - F'dinja materjalistika u mimlija biża', il-Parroċċa hi msejħa biex tkun komunità li toffri mod alternattiv ta' għajxien, ikkaratterizzat mill-ospitalità lejn il-barrani.
- **Sbuħija u Verità** - Il-ħajja parrokkjali għandha trawwem apprezzament għas-sbuħija divina u t-tfittxija kondiviża għall-verità.

Il-Kardinal jimmaġina u jtenni l-idea tal-missier tal-Knisja, San Efrajm, li l-Parroċċa tkun dan l-ispazju fejn jiltaqgħu fehmiet diversi, ħafna drabi opposti, u fejn ikollna **"Knisja kbira b'ħoġor il-kbir"** li tilqa' lil kulħadd billi tenfasizza l-unità fuq il-polarizzazzjoni u b'hekk ma tkunx klabb dejjaq ta' dawk li jaħsbuha l-istess.

Sa 90 sena oħra l-proġett hu ċar: Parroċċa mill-manutenzjoni għall-missjoni li mhux biss ċentru ta' servizzi iżda **d-Dar tal-ħajjin**. Li tkun, kif jgħid il-Papa Franġisku, *dar fost id-djar* - djar f'pellegrinaġġ lejn id-Dar tas-sema.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd!**

**Kan. Dun Dillon Bugeja**
*Viċi-Arċipriet*

**DIGITALZONE**

*ELECTRONICS & APPLIANCES*

Triq in-Nassab Qormi - 21667400

**PLATINUM WASSER**

# 5 STAGE € 129*

# 6 STAGE € 147*

# 7 STAGE € 159*

* After 40% Gov. Rebate




# Home Reverse Osmosis System

**Replacement filters starting from €3.50**

# L-Arloġġ tax-Xemx u Dun Ġorġ Fenech

*60 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu*



Dun Ġorġ Fenech (1902-1989)

Kull knisja f'Malta tista' tgħid li għandha arloġġ jew tnejn mekkanizzati mal-kampnari tagħha. Numru sew minnhom idoqqu wkoll it-tokki kull kwarta u anke wkoll l-'Ave Maria' fil-ħinijiet tal-Angelus. Xi wħud minnhom għandhom anke arloġġ tax-xemx.

Il-Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, minbarra l-arloġġi mekkanizzati ma' tnejn mill-kampnari, għandha wkoll arloġġ tax-xemx fil-ġenb tal-lemin tagħha. Dan hu xogħol is-saċerdot u inġinier Qormi Dun Ġorġ Fenech u sar fl-1978. Hekk kif Dun Ġorġ lissen il-ħsieb tiegħu li jagħmel arloġġ tax-xemx, il-Kappillan Dun Vinċenz Deguara laqa' bil-ferħ din l-idea u minnufih beda t-tħejjijiet sabiex dan il-proġett jitlesta bla ma joqogħdu jistennew li jitlesta l-bini tal-knisja. Dun Ġorġ ħa ħsieb jagħmel l-istudji astronomiċi u matematiċi meħtieġa sabiex jitfassal dan l-arloġġ. Imbagħad, bl-għajnuna tal-mibki Dun Joe Camilleri, beda jfassal l-arloġġ mal-faċċata tal-ġenb. Billi Dun Ġorġ kien diġà avvanzat fl-età, kien ikun Dun Joe Camilleri li jitla' mal-i*scaffolding* u jimmarka d-dell tax-xemx, dejjem taħt id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet ta' Dun Ġorġ li kien ikun isfel fit-triq u jara permezz ta' tromba. Din il-fażi ħadet madwar sena.

Imbagħad, ġaladarba kien imfassal, kien imiss lil Karmnu Falzon, *il-Lawriż*, li jiżbogħ l-arloġġ skond it-tfassil. Tajjeb insemmu wkoll lil Ġużeppi Cini, soċju tal-MUSEUM u li kien jagħmel xogħol volontarju ta' sagristan, li ħa ħsieb jagħmel il-ħadida li kienet titfa' d-dell biex jimmarka s-sigħat u anke l-istaġuni ta' matul is-sena. Aktar tard, meta waslu s-sett tal-qniepen fuq il-kampnar u l-arloġġi mekkanizzati fl-1998, saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-arloġġ tax-xemx minn Pawlu Galea, soċju tal-MUSEUM u skultur. Dan mhux biss żebgħu imma wkoll naqqax il-linji, in-numri u s-simboli li fih l-arloġġ. Galea naqqax ukoll is-sentenza mill-Iskrittura li hi parti essenzjali mill-arloġġ kif imfassal minn Dun Ġorġ Fenech: **"Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum"** (Salm 35, 8).[1]

L-arloġġ tax-xemx mal-Knisja Arċipretali mhux biss hu l-ewwel wieħed oriġinali ta' Dun Ġorġ Fenech imma huwa wkoll l-ewwel wieħed minn arloġġi simili moderni.[2]

Dun Ġorġ Fenech kien inġinier u Professur tal-Matematika fl-Università ta' Malta fejn kien ukoll lettur. Fost l-istudenti tiegħu fl-Università kien hemm il-Perit Fearne u l-Perit Raniolo li t-tnejn ħadmu fil-Knisja Arċipretali tagħna. Barra minn dan kien ukoll astronomu, tant li d-dar tiegħu fi Triq Anici, kantuniera ma' Triq it-Tabib George Hyzler, kien semmieha 'Polaris'. Fuq il-bejt kellu żewġ teleskopji minn fejn kien jeżamina u jistudja l-kwiekeb u l-pjaneti tal-univers.



Notamenti u tfassil tal-arloġġ tax-xemx tal-Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, Ħal Qormi

**Arloġġi tax-Xemx**

Dun Ġorġ baqa' magħruf bħala s-saċerdot li għamel isem bl-għadd ġmielu ta' arloġġi tax-xemx li fassal jew irrestawra. Din il-ħidma tiegħu kienet timxi id f'id man-namra u l-istudju tiegħu fl-astronomija.

L-ewwel arloġġ tax-xemx li ħadem fuqu hu dak tas-Santwarju tal-Mellieħa li rrestawra fl-1970. Fl-1976 ħa ħsieb jirrestawra l-arloġġ tax-xemx li hemm il-Belt Valletta mal-faċċata tal-Casino Maltese. Fl-1980 fassal u għamel arloġġ fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara bis-silta magħżula għal fuqu kienet **"Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla"** (Salm 18, 1). Fl-1984 fassal u ħadem arloġġ ġdid mal-faċċata tad-dar tal-ġar tiegħu, it-tabib George Hyzler, fi Triq Anici bis-silta magħżula għal fuqu **"Għemil idejk huma s-smewwiet"** (Salm 101, 26). F'dik l-istess sena, fuq talba ta' Mons. Lawrenz Gatt, fassal arloġġ fis-Seminarju tal-Arċisqof f'Tal-Virtù bis-silta **"Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet"** (Salm 32, 6).[3] Barra minn dawn għamel għadd ta' arloġġi tax-xemx li jinsabu fi djar u vilel privati.

**Min kien Dun Ġorġ Fenech?**

Dun Ġorġ Fenech twieled Ħal Qormi fl-24 ta' Marzu 1902 u ġie mgħammed l-għada fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi[4]. Huwa kien il-wild waħdieni ta' Karmnu Fenech, *tal-Buttar*, u Karmni mwielda Zerafa, *tal-Galletti*, waqt li l-parrini tal-magħmudija kienu

n-nanniet Salvu u Carmela Zerafa. Twieled fi *Strada Piazzetta*, illum Pjazza San Franġisk, fejn l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.

Attenda l-iskola primarja tas-subien tal-Gvern mill-1907 sal-1913 li kienet fejn illum hemm l-Għassa tal-Pulizija. Meta missieru beda jaħdem it-Tarzna marru joqogħdu Bormla fejn iltaqa' mal-Kanonku De Domenico mill-Isla li ħadu taħt il-kustodja tiegħu u mexxieh fit-tagħlim li wasslu għall-eżami ta' apprendist fit-Tarzna. Għall-eżami kienu poġġew 400 tfajjel u Ġorġ ġie l-ewwel. Fl-1918 daħal jaħdem it-Tarzna bħala *fitter* elettriku. Baqa' jistudja sakemm ġab ċertifikat ta' inġinier elettriku mis-*City & Guilds* ta' Londra. Fl-1928 sar eżami għal inġinier fil-*power station* fejn ġie l-ewwel fost il-ħames kandidati li applikaw u beda jaħdem bħala inġinier mad-Dipartiment tal-Ilma u l-Elettriku. Baqa' jistudja anke privatament u ggradwa B.Sc. Hons. Fid-Dipartiment tal-Ilma u l-Elettriku baqa' dejjem javvanza sakemm fl-1962 irtira bħala inġinier.

Meta miet missieru fl-1924, ommu marret toqgħod ma' qrabatha fi Triq il-Barrakki ġewwa Ħal Qormi. Aktar tard, meta sab impjieg stabbli, xtara art fi Triq Anici fejn bena d-dar tiegħu.

Fl-1923 qajjem polemika fil-ġurnali billi permezz tal-artiklu 'Malta Electrified'[5] argumenta li Malta kien jeħtiġilha tibni *power station* ġdida biex tkun tista' tintroduċi sistema ta' *three-phase* fid-distribuzzjoni tal-elettriku. Dan l-artiklu qajjem diskussjoni twila. Madankollu, dil-proposta ma setgħetx isseħħ dak iż-żmien minħabba li kienet tirrikjedi finanzi kbar. Il-kwistjoni reġgħet tqajmet fis-snin ta' qabel il-gwerra u finalment intlaqgħet mill-Gvern tas-snin 50. Eventwalment huwa sar l-inġinier responsabbli meta



L-arloġġ tax-xemx tal-Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, Ħal Qormi



Il-Kappillan Dun Vinċenz Deguara ma' Dun Ġorġ Fenech waqt Quddiesa
li ċċelebra fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu fl-1982

s-sistema elettrika f'Malta daħħlet it-*three-phase* kif ukoll mit-trasport tal-*power station* mill-Furjana (taħt it-Telgħa tal-Kurċifiss) għall-Marsa (taħt it-Telgħa tal-Ġiżwiti)[6]. Fl-1952, il-Gvern bagħtu l-Istati Uniti tal-Amerika biex jagħmel il-kuntatti meħtieġa għall-akkwist tal-makkinarju biex tkun tista' tinbena l-*power station*[7].

Sa minn ċkunitu kien nisrani attiv bis-sehem regolari tiegħu fil-liturġija speċjalment fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Kien membru fl-Azzjoni Kattolika u wieħed mill-ewwel membri tal-Għaqda Biblika. Qatt ma naqas milli jagħti sehmu fil-ħidma kulturali u soċjali ta' raħal twelidu. Fit-Tieni Gwerra Dinjija ġie magħżul biex ikun parti mill-grupp amministrattiv li kellu jieħu ħsieb il-bżonnijiet li jinqalgħu f'Ħal Qormi.[8] Fl-1936 applika għall-ewwel passaport tiegħu fejn fl-applikazzjoni stqarr li kellu juża l-passaport biex jingħaqad ma' pellegrinaġġ għal Lourdes, Franza.[9]

Meta fl-1962 irtira mix-xogħol mar jistudja għas-saċerdozju fil-Kulleġġ Pontifiċju Beda ġewwa Ruma. F'Ruma ġie ordnat djaknu nhar il-31 ta' Ottubru 1965 u rċieva l-Ordni Sagri nhar is-26 ta' Marzu 1966. Hekk kif irritorna Malta, l-Arċisqof Mikiel Gonzi assenjah mal-kleru tal-Parroċċa ta' San Sebastjan. Oriġinarjament kellu jagħmel ħames snin biss fil-Parroċċa ta' San Sebastjan imma kien hu stess li talab jibqa' fl-istess Parroċċa fejn baqa' attiv sa mewtu. Sakemm saħħtu ppermettiet kien iqaddes b'mod regolari fil-Parroċċa ta' San Sebastjan u anke qaddes fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'okkażjonijiet ta' festi u meta kien ikun mistieden.

Dun Ġorġ Fenech miet fl-Isptar San Luqa nhar l-14 ta' Frar 1989. Il-funeral tiegħu sar nhar il-15 ta' Frar 1989 fil-Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan u tmexxa mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale flimkien ma' 33 saċerdot konċelebrant ieħor.

L-omelija saret minn Dun Vinċenz Deguara, ex-Kappillan u Direttur Spiritwali fis-Seminarju tal-Arċisqof. Dun Vinċenz sellimlu bħala bniedem ta' xjenza, ta' studju u bniedem li japprezza n-natura. Fuq kollox iddeskrivieh bħala saċerdot li ħabb lil Alla u li dejjem ftakar li dak li kellu kien tahulu Alla.[10]

Dun Ġorġ jinsab midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tar-Reżurezzjoni f'Ħal Qormi.[11] Fl-1992 issemmiet triq għal Dun Ġorġ Fenech fin-naħa ta' fuq ta' Ħal Qormi.

**Referenzi**


1 Tagħrif mgħoddi lill-awtur minn Pawlu Galea, soċju tal-MUSEUM u skultur
2 Micallef Paul, *Maltese Sundials*, 2007
3 Din il-lista ta' arloġġi mhix kompluta
4 Arkivju Parroċċa San Ġorġ, Lib: Bapt. 1 (1894-1904), p. 469
5 *The Malta Herald*, 29.ix.1923
6 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, LGO 856/1937
7 Cardona Ġuże *84th birthday and 20th anniversary - Fr George Fenech*, *Sunday Times of Malta,* 6 April 1986
8 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, LGO 3617/1941
9 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, MFA01 Applikazzjoni Nru. 16343/1936
10 Leħen Ħal Qormi, Marzu 1989
11 Arkivju Parroċċa San Sebastjan, Reġistru Imwiet Vol. 3


**Vince Peresso**
***Storiku u Riċerkatur***





Explore more horizons
TA' PINU – GOZO
VisitMalta

# MARTINA'S

PIZZERIA & TAKE-AWAY

QORMI



1, Narbona Square, Qormi

BOOKING 2149 9968

# From Nigeria to Qormi, Malta

*An encounter of love and collaboration*



My name is Fr. Kenneth Tochukwu Anona. I was ordained a Catholic priest on 7 July 2012 in Nigeria. My priestly journey has been marked by faith, service, struggles and a deep committment to God's people. Today, that journey has brought me far from my homeland to the beautiful island of Malta where I am pursuing theological studies at the University of Malta while serving at St. Sebastian Parish in Qormi.

Moving from Nigeria to Qormi has been more than a geographical tension; it has been an encounter of love, faith and collaboration. It is a divine providence. Leaving behind familiar cultures, languages and traditions was not without challenges. Yet, I have discovered that the Church transcends borders, bringing together people from diverse backgrounds in a shared mission of faith, communion and service. In Qormi, I have experienced the warmth and generosity of the Maltese people. The parish community of St. Sebastian, led by Fr. Ewkarist Zammit and other assisting priests, welcomed me with open arms, allowing me to share my gifts while learning from their rich spiritual and cultural heritage. Through pastoral ministry, liturgical celebrations and daily interactions, I have witnessed how mutual respect and cooperation strengthen the bonds of Christian fellowship.

My studies in theology have further enriched this experience. They provide an opportunity to deepen my understanding of the faith while engaging with students and scholars from different nations and perspectives. This academic journey complements my pastoral ministry, enabling me to connect theological reflection with pastoral work. The encounter between Nigeria and Malta in my life is therefore not merely a meeting of two countries but a testimony to the universality of the Church. It is not simply an account of relocation; it is a testimony to the power of communion. Indeed, it is a story of collaboration, friendship and shared faith. Through this experience, I have come to appreciate more profoundly that love grows when it is shared and that collaboration flourishes when people embrace one another's differences as gifts rather than barriers.

In fact, love remains the foundation of this journey. It is the love of God that calls, guides and sustains every vocation. It is also the love expressed through hospitality, friendship and solidarity that transforms strangers into companions on the journey of faith. In both

Nigeria and Malta, I have experienced communities united by a common desire to serve God and one another. As I continue my studies and ministry in Qormi, I remain grateful for the opportunity to serve, learn and build bridges between cultures. My journey from Nigeria to Qormi, Malta, stands as a reminder that God's love knows no boundaries and that every encounter has the potential to enrich our lives and strengthen our common mission.

**Fr. Kenneth Tochukwu Anona**











we drive
luxury chauffeurservice
DRIVEN BY
EXCELLENCE.
DEFINED BY YOU.
Premium chauffeur service for
those who expect the best.
PROFESSIONAL CHAUFFEURS
Courteous & Experienced
SAFETY & RELIABILITY
Your safety is our priority
LUXURY VEHICLES
Modern, Elegant & Well Maintained
ON TIME, EVERY TIME
Reliable Service When it Matters Most
OUR SERVICES
INCLUDE
Airport Transfers
Corporate Travel
Events & Weddings
Private Tours
Funeral Services
VIP Service
Dignified & reliable transportation for your loved ones. Handled with care, respect and professionalism.
Email: wedrivemalta@gmail.com
Phone: +356 99222888
Address: Garage 65, K.Camilleri Street Qormi
Facebook
wedrivemalta
Director
Mr. Mark Cassar Clifton
BOOK YOUR RIDE
TODAY
Luxury. Comfort. Discretion.
ALWAYS ON TIME.


vizyon
Sugar Paste
Available in White & Colors
Toffee
Caramel
Filling
Kunafa
Pistachio
Cream
M. Vella Importers and Sole Distributors
Food Ingredients, cake decorations and packaging
Trade Enq: 79954640

# Join the Community of Saint Sebastian

The Community of Saint Sebastian was established to bring together the international community living in and around Qormi through faith, friendship and fellowship. Led by a small team of dedicated residents and expatriates who have made Malta their home, together with our beloved Sr Marisa, Fr. Kenneth and Fr. Ewkarist, the Archpriest who guides and supports our community, we seek to create a welcoming environment for all who wish to grow in their faith and connect with others.

At the heart of our mission is the celebration of the Holy Mass, particularly the English-language masses organised by the Parish. Through prayer and worship, we aim to unite people of different backgrounds, cultures and nationalities as one family in Christ.

Although our community is still relatively new, we have already been encouraged by the participation and support shown by those who have joined us. We look forward to growing steadily and strengthening the bonds that connect us. In the future, we also hope to collaborate with similar communities in our Parishes across Malta, creating even greater opportunities for fellowship and shared faith.

Whether you are a long-time resident, newly arrived in Malta, or simply looking for a welcoming Catholic community, we warmly invite you to become part of the Community of Saint Sebastian.

To stay informed about upcoming masses, activities and events, please check the Parish notice boards and join the Friends of Saint Sebastian WhatsApp chat using the QR code provided.

On page 14 you can find the main highlights of the feast programme in English.

We look forward to welcoming you.

**Erika Mizzi**





CINI MARBLES
Lapidi magħmula b'dinjità u mħabba.
LAPIDI COLLECTION
Cini Marbles Building, Triq Tal-Handaq, Qormi QRM 4000
+356 21472714 | +356 9938 5488
R.I.P

# Il-Legat ta' Anita Għadu Ħaj

*B'tifkira ta' Anita Aquilina (1977-2016)*

Anita trabbiet u għexet Ħal Qormi. F'żgħożitha kienet attiva fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, partikolarment fil-grupp taż-żgħażagħ. Dawk li kienu jafuha jiftakruha bħala persuna li kienet dejjem iġġorr tbissima fuq wiċċha. Hija dejjem ħaddnet il-valuri tal-altruiżmu, ġenerożità u kompassjoni għall-proxxmu, speċjalment għal min kien għaddej minn tbatija. Anita kellha mħabba kbira għall-foqra u dedikazzjoni għal xogħol volontarju fil-missjoni.



Dan ix-xogħol kienet twettqu mhux biss f'Malta, fejn fost l-oħrajn kienet tgħin lis-sorijiet ta' Madre Tereża, imma anke f'pajjiżi oħra fejn fost l-oħrajn ħadmet ma' nies fil-bżonn fl-Eġittu, Sqallija, iż-Żambja, l-Indja u l-Kenja. Dan tal-aħħar kien tant għal qalbha u propju hawn stinkat biex f'Kibera, post mifni bit-tbatija u l-faqar, twaqqaf ċentru li jilqa' fih trabi u tfal ċkejknin matul il-jum. Hawnhekk dawn it-tfal isibu min jieħu ħsiebhom, min jitmagħhom u jgħallimhom jaqraw u jiktbu - opportunitajiet li l-biċċa l-kbira tat-tfal f'din iż-żona tal-Kenja qatt ma jiltaqgħu magħhom.

Anita għaddiet għall-ħajja ta' dejjem 10 snin ilu. Is-sena ta' wara rċeviet il-premju Ġieħ Ħal Qormi bħala rikonoxximent għax-xogħol tagħha fis-settur tal-volontarjat. Il-proġett tant għal qalbha f'Kibera għadu mimli ħajja. Illum, bis-saħħa tal-familja u ħbieb tagħha, il-missjoni ta' Anita tkompliet. Madwar 30 tifel u tifla li għandhom bejn 6 xhur u 4 snin isibu ta' kuljum il-bibien ta' *Anita's Kids' Palace* miftuħin. Dan iseħħ bis-saħħa ta' numru ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li l-NGO mwaqqfa f'isimha torganizza.

Il-legat li ħalliet warajha Anita huwa wieħed ta' mħabba, tama u ispirazzjoni. Kif kienet tgħid hi, meta tgħin lil xi ħadd fil-missjoni tispiċċa tirċievi aktar minn dak li tkun tajt. Tirċievi ferħ u sodisfazzjon enormi li tkun ġibt tbissima fil-ħajja tal-batut. Qalbek tikber fl-imħabba għall-proxxmu fil-bżonn. Titgħallem verament tapprezza kull farka ġid li jkollok minflok tiddispra għal dak li m'għandekx. Illum, għaxar snin wara li Anita ħallietna, l-imħabba u l-memorja tagħha għadhom ħajjin u jagħtu wens u tama lil dawn it-tfal fil-bżonn.

**Abel Joseph Aquilina**
**Aloisia Aquilina**
***KIDS (Kids Initiative for Development and Sustainability)***
***VO/0822***

**BNF Bank Account**
**KIDS**
**MT64BNIF14502000000000548987181**

**Revolut**
**+356 7944 0900**

TA` DERNIS
PROPERTIES

# NEW ON THE MARKET

We have properties in Gudja, Marsascala, San Pawl, Qawra, Birkirkara, Birżebbuġa, Għargħur, Ibraġġ, Swieqi, Sta. Venera, Mġarr, Mosta, Mellieħa, Qrendi, Qormi, Żurrieq, Xgħajra.



**ŻURRIEQ**



**XGĦAJRA**



**ATTARD**



**FLEUR-DE-LYS**

## WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS

128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184
M. 9986 0983 - E. info@tadernis.com
W. www.tadernis.com

# L-Iżvilupp u l-Ħidma fiċ-Ċentru Parrokkjali

## *Intervista ma' Emmanuel Zammit*



Emmanuel Zammit (1939-2025)

*Emmanuel Zammit twieled nhar l-20 ta' Ottubru 1939. Huwa ta kontribut siewi fil-ħidma marbuta max-xogħlijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ftit ġimgħat biss qabel ma ħalla din id-dinja, Emmanuel kien ta din l-intervista lil Charles Saliba fejn fiha rrakkonta fid-dettall is-sehem tiegħu f'dan il-proġett.*

**Kif bdejt tinvolvi ruħek fil-Parroċċa, b'mod speċjali fix-xogħol fuq iċ-Ċentru Parrokkjali flimkien ma' voluntiera oħrajn?**

Il-knisja kont immur kuljum għax kelli inċident u l-Kappillan, li kien jarani kuljum, darba minnhom ġie jkellimni u staqsieni x'kont nagħmel. Għidtlu li kont *electrician*. Imbagħad qalli: "Mela għalina tajjeb, ittina daqqa t'id!" U għamel laqgħa għall-voluntiera. Morna u ġew erba' żgħażagħ, jiena u George Mallia, li kien responsabbli mix-xogħol, u l-Kappillan Dun Walter Cauchi. Wara li għamilna xi sagħtejn nitkellmu dwar kif se jitqassam ix-xogħol, iddeċidejna meta se nibdew u minn fejn se nibdew, u nxtraw l-għodod.

Bdejna mill-bejt ta' fuq għax riedu jagħmlu l-kontrabejt. Sadanittant, wara ġimgħa, iż-żgħażagħ telqu u bqajna jien, George Mallia u l-Kappillan. Il-Kappillan sab żewġ anzjani oħra li wkoll kellhom iż-żmien u wara qalli li hu se jaqbad il-garaxx. Xtara *jackhammer* biex flimkien ma' dawn iż-żewġ anzjani jibda jħaffer biex jgħaddi l-katusi tad-drenaġġ. Biss Dun Walter ma damx ma spiċċa waħdu. Għadda ż-żmien u jiena wkoll kont qed naħdem waħdi minħabba li l-Kappillan kompla bid-drenaġġ. Iżda waqt li hu kultant kien jgħin lili, jiena wkoll kont ngħin lilu.

Darba minnhom ratni l-mara ta' George Brincat, Carmen, u staqsietni jekk ridtx li jiġi jgħinna George. Jiena mill-ewwel għidtilha: "Mela le", u hemmhekk ħadt ir-ruħ għax ma bqajtx waħdi. George, meta ġie, staqsieni: "X'se nagħmel?" Għidtlu biex jibda jġorr it-torba u beda jġorr trakk torba kuljum għal taħt il-madum. Sadanittant jiena bqajt nagħmel xi xogħol ta' *wiring*. Meta rajt li hu qed jaħdem waħdu u jiena waħdi, tlabtu li ningħaqdu flimkien biex ngħinu lil xulxin. U hekk għamilna.

Wara li lestejna l-*conduit* tal-bejt u nofs is-sular ta' isfel, George Mallia qalli li kien se jirtira għax ma kienx jiflaħ. Veru li ma kienx jiflaħ iżda qalli li jibqa' jiġi għad-direzzjoni minħabba li ried jiffirma. Kien jiġi kultant jittawwal u jagħmlilna d-disinn u jurina kif għandna naħdmu. Kien għamel ukoll il-pjanti tal-*wiring* tal-knisja u kien tahom lill-Kappillan Dun Joe Buhagiar aktar tard. Fost dawn kien hemm ukoll il-*wiring* tas-sistema tal-alarm



Emmanuel Zammit (ir-raba' mix-xellug) u voluntiera oħrajn mal-Kappillan Dun Walter Cauchi (l-ewwel mix-xellug)

li ma kinux kompluti. Aħna wassalna l-wajers kollha u waqafna. George kien jiġi jispezzjona u jqassam ix-xogħol għax hu kien responsabbli u kien *electrician* b'liċenzji A u B u kien jaf x'inhu jagħmel. Sadanittant bqajna naħdmu jien u George Brincat. Wara li lestejna l-biċċa l-kbira tal-elettriku, bdejna naħdmu l-*plumbing*. Għamilna t-tankijiet fuq il-bejt u għamilna l-ispiera biex l-ilma tax-xita jkun jista' jintuża. Anzi, hemm żewġ spieri: waħda fejn il-bieb tal-garaxx ta' isfel u oħra fejn il-ġibjun taħt il-*workshop* ta' isfel. Hemmhekk hemm l-ilma ġieri u tista' ttella' l-ilma minnha.

Waqt li konna qed naħdmu, Dun Walter kien ġie jgħidli li għandu xi inkwiet għax kien hemm xi ħadd jgħid li d-daħla taċ-ċentru, min-naħa ta' Triq San Dwardu, hija tiegħu. Jiena għidtlu li dik mhix tiegħu imma tagħna u li qed tħallas ċens is-sorijiet lilna. Is-sorijiet kienu ċedew dik l-art lill-Parroċċa.

**Kif żviluppa x-xogħol maż-żmien flimkien mal-irwol tiegħek, tal-voluntiera u tal-Kappillan?**

Lestejna t-torba tal-ewwel sular għax il-Kappillan ried li wara s-sajf jibda d-duttrina. Konna nħottu trakk torba kuljum; tal-kalkara kien iġibilna t-trakk, George Brincat kien idaħħal kollox bil-karretta u sa nofsinhar kollox kien ikun mifrux. Wara t-torba qbadna ntellgħu l-madum u kollox kien jitla' bl-idejn għax la kien hemm lift u lanqas xejn. Il-Kappillan kien itella' l-madum sal-ewwel sular u jiena kont inqassmu fil-kmamar. Imbagħad xtara *winch* u bdejna naħdmu bih.

F'dan l-istadju bdejna nagħmlu dak kollu li kien hemm bżonn. Tajna l-konkos fl-art tal-bitħa u għamilna l-madum. L-għada ħallibniha aħna għax ma ridux iħallbuha. Niġu issa għall-garaxx li hemm taħt it-teatru. Hemmhekk ma kienx hemm twieqi u l-Kappillan staqsieni kif se nagħmlu biex niftħu t-twieqi. Jiena għidtlu biex ma jinkwetax, nagħmluhom aħna bilmod. U hekk il-ħajt qsamnih għal darbtejn. Wara, ġie l-persuna tal-lift u qalli li ħadna qisien ħżiena fit-twieqi. Jiena għidtlu li ma ħadt xejn għax m'inix perit. Imbagħad tani qisien ġodda u kellna nwessgħu. Reġa' ġie u qalli li kienu għoljin wisq u kellna nbaxxuhom.

Sadanittant id-dawl sar sekondarju għax meta ma kienx ikollna xogħol ieħor konna nkomplu fuq il-*wiring*. Erġajna bdejna mill-ewwel sular u waqafna fejn il-lift biex inkomplu

affarijiet oħra aktar importanti. Imbagħad ġiet it-torba biex nagħmlu l-entratura ta' barra (id-*drive-in*) u wkoll id-dawl tal-entratura. Għamilna erba' travi tal-ħadid għax-xatba u biex inwaħħluhom ħaffirna tliet piedi. Tellajna l-*main* tal-ilma sa fuq il-bejt u għamilna l-isprall tad-*drain*. Spiċċajna ngħinu lill-Kappillan kull meta kellu bżonn.



Emmanuel Zammit (l-ewwel mix-xellug) u voluntiera oħrajn mal-Kappillan Dun Joseph Buhagiar (it-tieni mix-xellug) u l-Arċisqof Pawlu Cremona (it-tielet mix-xellug)

Sadanittant il-Kappillan beda jaħdem il-ħadid - it-twieqi u l-gallariji kollha kien jagħmilhom hu. Imbagħad aħna ħadnihom bil-vann ta' Żeppi 'tat-Trux' għall-iggalvanizzar, erġajna ġibnihom u waħħalnihom f'posthom. Dun Walter ħadem ħafna wkoll u ġieli lanqas kien jiekol. Iżda n-nies kienu jieħdu ħsiebu u joħdulu x'jiekol. Darba minnhom għidtlu li kont se nieqaf ftit biex nagħmel xi xogħol id-dar, u talabni biex immur miegħu għax kien se jkun waħdu. Morna fuq il-bejt, għamel xibka u qalli li kien se jtella' l-ħadid u jagħmel il-gallarija tat-teatru. Fil-fatt jiena kont inqatta' u ntellagħlu l-ħadid u hu jiwweldja. Tant kien jiwweldja li l-*welder* kien jisħon u jieqaf sakemm jibred, imbagħad jerġa' jibda. Fuq il-palk tat-teatru inċanajna l-fallakki u waħħalnihom kollha aħna wkoll.

**Xi tfisser għalik meta tħares lura lejn din l-esperjenza?**

Fil-verità, minn sempliċiment 'kont innewwel xi ħaġa', spiċċajt nagħmel kollox jien hemmhekk, biċ-ċavetta f'idejja, anke meta kienu jiġu nies oħra biex jaħdmu. Sadanittant jien kelli 75 sena u George kellu 73 sena. Imbagħad ġie Dun Joe Buhagiar bħala Kappillan u talabni biex ngħinu wkoll. Kien ġie wieħed u ħa x-xogħol f'idejh hu u jiena tlaqt. Madankollu din il-persuna kellha xi tgħid mal-Kappillan u telqet ukoll.

Darba minnhom Dun Joe Buhagiar ġie għalija għax marru biex iwaħħlu xi fanali u bdew itajru d-dawl ta' kullimkien. Domna sakemm sibna l-problema fejn kienet.

*Emmanuel ikkonkluda dan ir-rakkont billi qal li hu u George dejjem għamlu xogħol tajjeb. Kompla li din kienet esperjenza twila ta' aktar minn għaxar snin ta' ħidma, sagrifiċċju u għaqda. Kull wieħed kien jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu u, minkejja d-diffikultajiet, ix-xogħol baqa' miexi 'l quddiem b'ħafna kuraġġ.*

*Emmanuel Zammit ħalla din id-dinja nhar l-20 ta' Lulju 2025, nhar il-festa titulari ta' San Sebastjan Martri, fl-età ta' 85 sena.*

# Inservu lil Alla għax inħobbuh u nħobbuh għax Hu ħabbna qabel!

*L-esperjenza ta' żewġ abbatini mill-Parroċċa tagħna fil-Vatikan*

Wara sena sħiħa ta' preparazzjonijiet, laqgħat ta' formazzjoni u stennija, fl-aħħar wasal il-mument tant mistenni li nqatta' żmien fil-Vatikan bħala abbati. Din kienet opportunità unika li nersaq aktar lejn il-Knisja u ngħix esperjenza li se nibqa' niftakarha għal dejjem. Dan kollu ma kienx ikun possibbli mingħajr is-sostenn tal-ġenituri tiegħi u l-appoġġ sħiħ tal-Parroċċa li ħeġġewni u akkumpanjawni matul il-preparazzjoni kollha.

Qabel ma bdejna naqdu d-dmirijiet tagħna, saret iċ-ċerimonja tal-vestizzjoni fil-Cappella del Coro li fiha sirt abbati tal-Bażilika. Kien mument speċjali ħafna li fih ħassejtni msejjaħ biex naqdi b'aktar dedikazzjoni u impenn. Tul iż-żmien fil-Vatikan kelli wkoll il-privileġġ li nagħti servizz fuq l-artal prinċipali waqt diversi ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Din kienet esperjenza sabiħa ħafna li għenitni nersaq aktar lejn il-qalb ħajja tal-Knisja.

L-isbaħ mument ta' din l-esperjenza kien il-laqgħa personali mal-Papa Ljun XIV. Li niltaqa' miegħu mill-qrib kienet emozzjoni kbira u tifkira li se tibqa' miegħi għal ħajti kollha. Kellna wkoll l-opportunità li nżuru l-Ġonna tal-Vatikan. Fil-ħinijiet tal-mistrieħ tagħna żorna diversi postijiet ta' importanza storika u reliġjuża, fosthom il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore u l-Katakombi ta' San Sebastjan f'Via Appia. Iltqajna wkoll mal-Kardinal Mario Grech li qasam magħna kliem ta' inkoraġġiment u mal-ex-Kappillan Dun Joseph Buhagiar li qsamna miegħu xi mumenti filwaqt li ftakarna fil-ħidma tiegħu.

Din l-esperjenza kienet waħda indimentikabbli li kabbritli l-apprezzament lejn il-Knisja u ħalliet memorji sbieħ li se nibqa' ngħożż għal ħafna snin. Inħeġġeġ lil abbatini oħrajn biex iwieġbu għas-sejħa tagħhom u jieħdu kull opportunità li tingħatalhom. Esperjenza bħal din mhux biss tgħinhom jikbru fis-servizz tagħhom lejn l-artal iżda wkoll tħallihom b'memorji, ħbiberiji u valuri li jibqgħu magħhom ħajjithom kollha.



**Luca Camilleri**

L-esperjenza tiegħi bdiet tliet snin ilu meta applikajt għall-kors tal-Vatikan sabiex nitgħallem kif insir abbati aħjar. Wara li għaddejt miż-żewġ eżamijiet li ridt nagħmel matul il-kors, bdejt nipprepara biex immur il-Vatikan. L-abbatini kollha li għaddew mill-eżami nqasmu f'sitt gruppi u bdejna nagħtu servizz fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, bl-iskop li naħdmu flimkien u nippreparaw aktar għall-Vatikan.

Fl-20 ta' Awwissu 2025, jien flimkien mal-familja tiegħi, morna Ruma biex nagħtu bidu għall-esperjenza tiegħi. F'dawn l-għaxart ijiem li qattajna f'Ruma kelli nieħu sehem f'diversi ħinijiet tal-Quddies fil-Vatikan. Fil-ħin liberu żorna xi postijiet ġol-Vatikan stess, lagħbna logħba futbol flimkien mal-ġenituri tagħna u anke morna nieklu xi ħaġa flimkien. Fit-23 ta' Awwissu kellna ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni fejn għamilna wegħda li se nagħmlu ħilitna kollha biex nagħtu servizz tajjeb mhux biss fil-Vatikan imma anke fil-Parroċċi tagħna. Kellna wkoll mument sabiħ waqt mument ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat li għalih attendew ammont kbir ta' nies.

Waqt l-udjenza mal-Papa kellna l-opportunità li niltaqgħu mal-Papa Ljun XIV. Ħassejt ferħ kbir ġewwa qalbi li rnexxielna niltaqgħu personalment mal-Papa u anke ħadna ritratt miegħu flimkien bħala grupp. Il-Ħadd filgħodu attendejna għall-Angelus.

Din l-esperjenza hija waħda li żgur mhu se ninsa qatt u se nibqa' niftakar għal ħajti kollha.



**Paul Cassar**




GEORGE CARDONA
GRAPHIC DESIGNER & ILLUSTRATOR
HEY THERE!
WHAT CAN I HELP WITH?
• Custom Designs • Stickers • Signage •
• Laser Engraving & Cutting •
• Printing Services • Wooden Gifts •
GET IN TOUCH!
M: 7709 9074
E: gmc.graphicdesigns@gmail.com


TA' CARDONA
OPENING SOON
• ART • WINE • GATHERINGS •
A NEW SPACE TO CONNECT, CELEBRATE & BE INSPIRED.
M: 7705 0517


Klinika Holistika
AESTHETIC BEAUTY
by Marianne Cardona
Advanced Skin Treatments
Laser Hair Removal
MED - Aesthetics
Body Contouring
Post-Op Recovery
Wellness & Nutrition
Lash & Brows
Hair Styling
Your Beauty. Our Expertise.
Triq l-10 ta' Settembru
1456, Qormi | 79290261
Scan & Connect


FRONTABILITY
Beat the Front of your Abilities
Helping People and Workplaces Work Better
• Workplace coaching
• Leadership development
• Professional skills workshops
• Policy & project consultancy
• Wellbeing
by Dr Josette Barbara-Cardona PhD
Occupational Psychologist
MPPB, Chartered BPS & HCPC UK Reg.
Founder of FrontAbility
josette@front-ability.com
www.front-ability.com

# Il-Ħidma fil-Parroċċa tagħna Matul din is-Sena

*Opri ġodda u xogħlijiet ta' restawr u manutenzjoni*

Matul din is-sena, il-ħidma fil-Parroċċa tagħna kompliet kemm fil-knejjes tagħna u anke fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din il-ħidma tista' tkun possibbli grazzi għall-ħidma impenjattiva tas-sagristan, il-grupp tas-sagristija u voluntiera oħrajn. Dawn il-voluntiera jinkludu fost oħrajn grupp ta' voluntiera li tliet darbiet fil-ġimgħa jagħtu l-għajnuna tagħhom fiż-żamma u l-indafa tal-knejjes.

Din is-sena twettqu diversi proġetti li jinkludi diversi opri ġodda u xogħlijiet ta' restawr u manutenzjoni.

**Knisja Arċipretali**

- Ġiet inawgurata l-vara l-ġdida tal-Madonna tar-Rużarju maħduma fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi u mħallsa mill-benefatturi Alfred u Katie Borg
- Ġiet inawgurata l-aħħar fażi tas-sistema l-ġdida tad-dawl tal-knisja minn barra
- Ġie akkwistat mill-Parroċċa l-abbozz tal-istatwa tat-tfal ta' San Sebastjan Martri maħdum minn Michael Cutajar Zahra
- Ġiet maħduma bradella ġdida għall-istatwa tat-tfal ta' San Sebastjan Martri b'mod volontarju minn Kevin Bonnici
- Saret sistema ġdida ta' dawl u sistema ta' ventilazzjoni għan-niċċa tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri u ġie rinovat il-kanċell ta' quddiem in-niċċa
- Saret sistema ġdida ta' dawl għall-koppla minn ġewwa li ġew parzjalment iffinanzjati minn skema ta' fondi tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma
- Saru kotba ġodda bit-talb liturġiku tal-festa titulari ta' San Sebastjan għall-parteċipazzjoni tal-kongregazzjoni
- Ġew irregalati kalċi u patena tal-fidda maħsulin bid-deheb minn Mons. Dun Joe Borg li qaddes bihom fil-Prima Messa tiegħu fl-1970
- Ġew irregalati l-partijiet mużikali oriġinali tal-Messa Secunda tas-saċerdot Giuseppe Camilleri (1968) u b'orkestrazzjoni ta' Vincenzo Ciappara li ġiet esegwita għall-ewwel darba fil-Prima Messa ta' Mons. Dun Joe Borg fl-1970
- Ġie rregalat kwadru antik tal-*Volto Santo* minn Sebastian Spiteri
- Ġie rregalat kalċi Luca Camilleri u Paul Cassar wara l-esperjenza tagħhom bħala abbatini fil-Vatikan
- Ġiet irregalata kappa Gotika vjola mill-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit
- Ġiet irregalata karlotta mbierka mill-Papa Ljun XIV minn Jurgen Debono
- Ġew irregalati żewġ stejjel Gotiċi roża rrakkmati minn Renald Fenech
- Ġiet irregalata karlotta tal-Kardinal Mario Grech mill-Kardinal innifsu waqt il-Pontifikal Solenni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa
- Ġiet irregalata l-Barka tal-Papa Ljun XIV lill-Parroċċa fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha

- Sar xogħol ta' restawr fuq is-sett antik tal-pasturi tad-ditta Taljana Bansarti li jintramaw fil-presepju tal-Milied b'mod volontarju minn Errol Farrugia
- Sar xogħol ta' restawr fuq il-bradella li tinrama taħt il-vari fil-festi sekondarji b'mod volontarju minn Paul George Attard u Kevin Bonnici
- Saru xogħlijiet ta' restawr fuq il-pedestall u l-vara titulari ta' San Sebastjan Martri minn Horace Farrugia
- Sar ibbanjar ta' ċensier, navetta u satla tal-metall
- Sar xogħol ta' tindif fuq ir-raġġiera, il-vleġeġ u l-*brooch* tal-fidda li jintramaw mal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri matul is-sena
- Sar xogħol ta' rinovar fuq l-istandard il-prim tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament
- Sar xogħol ta' tindif fuq is-surġentina tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament
- Sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-blata tal-gallarija tal-bieb il-kbir
- Saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq it-tliet bibien prinċipali b'mod volontarju minn Kevin Bonnici
- Tkompliet il-ħidma fuq il-bankun u l-bradella l-ġodda tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri
- Tkompliet l-organizzazzjoni tal-arkivju mużikali tal-Parroċċa b'mod volontarju minn Jurgen Debono

**Knisja ż-Żgħira**

- Ġew maħduma erba' fjuretti tal-ganutell tal-artal maġġur b'mod volontarju minn Sylvia Cassar
- Ġew maħduma sett fjuretti ġodda għall-artal tal-Madonna tar-Rużarju b'mod volontarju minn Maria Faenza
- Ġew maħduma żewġ bukketti għall-vażuni tas-sopraporti tal-artal maġġur b'mod volontarju minn Maria Faenza
- Ġiet maħduma raġġiera tal-injam minn Raymond Ellul u indurata minn Omar Camilleri biex tiġi armata ma' tużellina antika tal-injam waqt l-espożizzjoni Ewkaristika
- Ġiet maħduma libsa ġdida għall-Bambin tax-xema' li jintrama fi żmien il-Milied b'mod volontarju minn Maria Faenza
- Ġew meħjuta tliet pari purtieri ġodda b'mod volontarju minn Maria Faenza minn damask antik irregalat minn Sebastiana Sciberras
- Ġew meħjuta żewġ sopratrieħi tad-damask għall-festa b'mod volontarju minn Maria Faenza minn damask antik irregalat minn Pauline Cardona
- Ġew irregalati 4 *ex-voto* tal-fidda li tpoġġew fin-niċċa tal-Ecce Homo u fin-niċċa ta' Kristu Mejjet fl-artal tar-Redentur
- Ġiet irregalata relikwa ta' Sant'Antnin ta' Padova minn Antoine Galdes
- Ġie rregalat kwadru antik tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija mill-familja Fenech
- Saret sistema ġdida ta' dawl fin-niċċa tal-Irxoxt
- Saret sistema ġdida ta' dawl fin-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju
- Sar ibbanjar bil-fidda fuq satla u par gandlieri

- Sar xogħol ta' manutenzjoni u restawr fuq l-arloġġ tal-kampnar minn Stephen Zammit
- Saru xogħlijiet ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju mill-kumpanija PrevArti li ġew iffinanzjati mill-Bank of Valletta

**Ċentru Parrokkjali**

- Ġie mixtri *screen* biex jintuża mat-tfal fil-laqgħat tal-katekiżmu
- Ġew mixtrija *hand dryers* li tpoġġew fil-kmamar tal-banju
- Ġew mibdula t-tubi elettriċi kollha għal sistema LED
- Sar xogħol ta' tibjid, tisbiħ, sistema ġdida ta' dawl u fannijiet ġodda fis-sala tat-teatru

Filwaqt li nirringrazzjaw lill-voluntiera kollha li jagħtu sehemhom f'diversi aspetti, inħeġġu aktar persuni biex jingħaqdu fil-ħidma tal-Parroċċa li tibqa' ċ-ċentru tal-komunità tagħna.



Abbozz tal-istatwa tat-tfal ta' San Sebastjan Martri maħduma minn Michael Cutajar Zahra



Ibbanjar ta' ċensier, navetta u satla tal-metall



Wieħed mill-fjuretti tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju



Kalċi u patena tal-fidda maħsulin bid-deheb irregalati minn Mons. Dun Joe Borg



Wieħed mill-fjuretti tal-ganutell tal-artal maġġur



Satla u par gandlieri maħsulin fil-fidda



# Il-Vara l-Ġdida tal-Madonna tar-Rużarju

Fil-Parroċċa ta' San Sebastjan kienet ilha tinħass il-ħtieġa ta' statwa tal-Madonna tar-Rużarju. Il-Parroċċa għandha statwa tal-Madonna patruna tal-familja li fiċ-ċentru tagħha għandha Madonna bil-Bambina f'idha u li kienet tintuża fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju. L-idea kienet li ssir statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idha u bil-kuruna tar-Rużarju kif insibu fi rħula oħra. Din kellha titqiegħed fuq il-pedestall skolpit minn Mariano Gerada għall-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja u li l-Parroċċa kienet xtrat mingħand il-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar biex fuqu jintrama San Bastjan sakemm sarlu pedestall apposta għalih minn Frans Galea.

Ġew avviċinati diversi artisti u diversi benefatturi. Imma meta Alfred u Katie Borg offrew li jħallsu l-istatwa kollha huma, dawn ippreferew li l-istatwa tinħadem fl-injam minn Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai. Meta l-artisti u l-kumitat tas-Sodalità San Sebastjan qablu fuq disinn finali, il-Kappillan Dun Joseph Buhagiar ressaq rikors quddiem il-Kummissjoni tal-Arti Sagra tal-Kurja. Meta d-disinn ġie approvat, l-artisti għamlu abbozz tal-istatwa. L-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit u l-kumitat tas-Sodalità San Sebastjan insistew ħafna mal-artisti sabiex ilestu l-istatwa li ħadet żmien iktar milli kien mistenni biex titlesta.

L-istatwa waslet fil-Parroċċa f'Ottubru 2025 biex tintuża fil-purċissjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju nhar il-Ħadd 26 ta' Ottubru filgħaxija fil-preżenza tal-artisti, tal-benefattur Alfred Borg, tat-tliet fratellanzi, il-parruċċani u l-banda tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Issa jmiss li l-istatwa tiġi miżbugħa u indurata.

Jalla l-istatwa l-ġdida tgħinna napprezzaw it-talba tar-Rużarju - għajn ta' meditazzjoni u qrubija lejn Alla u Ommu Marija.

**Mario Cardona**




TOOLS
Planet
2149 9350
9947 7370
9984 6951
toolsplanet@yahoo.com
toolsplanet.com.mt
25, Triq l-Aħwa Zammit,
Qormi
Find us on
Facebook


The Rose Shop
Triq il-Ġdida, Qormi
QRM 2120
theroseshopmalta1@gmail.com
21 / 27 / 7948 3341
79 / 9946 6696
9945 8532
theroseshopmalta.com.mt


30
YEARS
ANNIVERSARY
UNMATCHED
EXPERIENCE
WE SPECIALISE IN ONLY
THE BEST HIGH END EVENT SETUPS
Visage Sound Limited has been Malta's leader in sound system rentals, stage rentals, line array's, up-lighters, other lighting, cold sparkles and professional wedding entertainment for more than 30 years.
EAW
VOID
L-ACOUSTICS
Pioneer DJ
VISAGE
SOUND LIMITED
99473535
visageltd@gmail.com





# J.T. Jewellers

498 , Victory Street, Qormi
Tel: 21445687
Email: jtjewellersqormi@gmail.com

*Cash for your Gold*

ESPRIT
FOSSIL
CITIZEN
MORELLATO
DW Daniel Wellington
BULOVA
pierre cardin PARIS
BREIL




# L-Arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira

## *Xogħlijiet ta' manutenzjoni u restawr*

L-arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan ġewwa Ħal Qormi kien magħmul mill-aħwa Suban fl-1905. L-aħwa Suban ħadmu diversi arloġġi madwar Malta fosthom dawk ta' Ħal Safi, l-Istitut ta' San Ġużepp u ta' Marsaxlokk.

L-arloġġ tal-Knisja ż-Żgħira jispikka mill-oħrajn għax għaż-żmien li nħadem fih kien teknoloġikament avvanzat ħafna. Dan it-tip ta' arloġġ huwa magħruf bħala *posted frame* fejn il-qafas tal-magna huwa magħmul minn ħadid fondut. Il-pilastri fil-kantunieri setgħu kienu kwadri jew tondi, magħrufa bħala 'boċċa', bħalma nsibu f'dan l-arloġġ. Meta l-kaxxa tkun magħluqa r-roti jduru ġewwa pilastri vertikali mwaħħlin mal-qafas bil-boltijiet.

Għalkemm il-magna tal-arloġġ tidher bħala sett wieħed ta' roti miġburin flimkien, fil-fatt hija maqsuma fi tliet partijiet. Il-parti tan-nofs hija dik tal-ħin li ddawwar il-minutieri li jidhru fuq barra u żżomm il-ħin eżatt bl-użu tal-pendlu. In-naħa tal-lemin tieħu ħsieb id-daqq tal-kwarti filwaqt li n-naħa tax-xellug hija responsabbli mid-daqq tas-sigħat. Dan it-tqassim intuża għal ħafna snin għax meta jkun hemm bżonn xi tiswija ma jkunx meħtieġ li jiġi żżarmat l-arloġġ kollu, kif ġara f'dan il-każ.

Maż-żmien partijiet tar-roti u l-ingranaġġi tal-arloġġ jibdew jittieklu minħabba l-kuntatt ta' bejniethom u hija neċessarja biex jaħdem l-arloġġ, kemm biex iżomm il-ħin kif ukoll biex idawwar il-minutieri u jerfa' l-mazez għad-daqq. Fejn ittieklu saru boxxli ġodda u saret tiswija fl-*escapement*. Din hija l-qalba tal-arloġġ li nisimgħu ttektek u tuża l-pendlu biex iżżomm il-ħin.

Ta' min isemmi wkoll li l-pendlu kellu bżonn tiswijiet għax maż-żmien iġġammja u l-arloġġ ma setax jibqa' jiġi ssettjat biex iżomm il-ħin sew. Il-minutieri wkoll kellhom jinqalgħu biex jiġu ssettjati minn barra minħabba li l-kontrapiż tagħhom ma kinux ibbilanċjati kif suppost. Il-partijiet li żżarmaw ġew imsewwija u restawrati kif titlob is-sengħa sabiex idumu tajjeb għal żmien twil.



Il-qawwa li ddawwar ir-roti tal-arloġġ ġejja mill-ġibda tal-gravità tal-mazzri li jinsabu mdendlin taħt l-arloġġ. Peress li l-ħofra ta' taħtu tinsab fil-ġenb, tliet rombli tal-injam kellhom jintużaw biex jiggwidaw il-mazzri lejn toqba apposta. Dawn ir-rombli wkoll ġew imsewwija u restawrati għax maż-żmien nixfu u xxaqqu. Il-*cables* tal-arloġġ kienu msaddin u għalhekk ġew mibdula b'materjal aktar reżistenti u msaħħaħ biex ma jitħabblux jew jinbarmu bil-ġibda tal-piż.







Bl-intervent ta' restawr meħtieġ li sarlu, l-arloġġ reġa' ħa l-ħajja, qisu għadu kif beda jaħdem. Issa jinsab issettjat kif suppost u reġa' qiegħed iżomm il-ħin tajjeb grazzi għall-attenzjoni ta' kuljum u d-dedikazzjoni tas-Sur Joe Saliba.

Nixtieq nirringrazzja lill-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit li segwa l-proġett tat-tiswijiet u tar-restawr.

Jiena ċert li dan l-arloġġ għandu jkompli jservi għal ħafna snin oħra u juri l-ħin dejjem b'eżattezza għax dan ix-xogħol sar b'attenzjoni, paċenzja u preċiżjoni skont is-sengħa tal-arluġġar.

**Stephen Zammit**
***Arluġġar***


KARMENU MIFSUD
& HIS DAUGHTER DORITA
FUNERAL SERVICES
Complete funeral services with dignity.
Choose from our fleet of luxurious hearses, including grey and black
Mercedes and white and grey Jaguar.
Trust us to honor your loved one with grace.
460, Victory Street, Qormi
2149 4316
9949 2458
doritamifsud@hotmail.com
Karmenu Mifsud Funeral Services







# Gordon's discount store/Ta Canti



## Fruit and Veg



# FREE DELIVERY







99409065

148 Triq san Bartolomew
Qormi

gordon.micallef.1980@
gmail.com

# Il-Kwadru tal-Madonna tar-Ružarju tal-Knisja ż-Żgħira

*Xogħlijiet ta' konservazzjoni u restawr*

Il-pittura tal-Madonna tar-Ružarju li tinsab fil-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi, dan l-aħħar għaddiet minn proċess ta' konservazzjoni u restawr mill-kumpanija PrevArti. Din il-pittura biż-żejt fuq it-tila, attribwita lil artist mhux magħruf u x'aktarx datata lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, hija xbieha devozzjonali marbuta mar-Ružarju u mal-ispiritwalità Dumnikana.

Il-kompożizzjoni turi lill-Verġni Marija bilqiegħda fuq is-sħab iżżomm lill-Bambin Ġesù li jestendi l-kuruna tar-Ružarju lejn San Duminku. Il-qaddis jidher liebes l-abitu abjad u l-kappa sewda tal-Ordni Dumnikan, għarkupptejh f'ġest ta' devozzjoni. Maġenbu jidhru żewġ kotba li jfakkru fir-rwol tiegħu bħala predikatur u teologu filwaqt li fil-parti ta' isfel tal-pittura jidher kelb b'torċa mixgħula f'ħalqu, simbolu tradizzjonali marbut ma' San Duminku u l-predikazzjoni tal-Evanġelju.

L-istorja ta' din il-pittura kienet importanti għat-tim ta' PrevArti qabel beda x-xogħol ta' konservazzjoni. F'żewġ inċidenti separati l-pittura ġarrbet ħsara permezz ta' dħul ta' ilma fil-knisja fuq perjodu ta' żmien li kien jidher biċ-ċar fuq in-naħa tax-xellug tal-pittura. F'inċident ieħor sellum għeleb fuq il-pittura li kkawża ħsara fit-tila. Matul iż-żmien dil-





ħsara ġiet restawrata b'interventi fuq it-tila u rtokki taż-żebgħa. F'dan it-tieni inċident il-ħsara kienet konsiderevoli; tant hu hekk li partijiet mill-pittura ntilfu għal kollox. Fost l-interventi li saru b'risposta għat-tieni inċident kien ġie deċiż li t-tila titwaħħal fuq *board* tal-injam. In-natura irriversibbli ta' dan l-intervent wassal biex jiġi deċiż li t-tila ma tinqalax minn mal-injam biex jiġu evitati aktar ħsarat irriversibbli.

Qabel il-konservazzjoni l-pittura kellha dehra skura minħabba saff ta' verniċ li ddeterjora u li maż-żmien sfar u skura. Fuq il-wiċċ kien hemm akkumulazzjoni ta' trab, ħmieġ u interventi ta' rtokk li saru fil-passat, tbajja' u sinjali ta' ħsara mill-ilma. Is-saff pittoriku kien juri wkoll xquq, brix u partijiet mill-pittura li ntilfu. F'żoni oħra ż-żebgħa saret instabbli u kienet f'riskju li tintilef għal kollox. Interventi preċedenti kienu bidlu xi partijiet tal-wiċċ filwaqt li nstabu żoni ta' żebgħa miżjuda u *stucco* antik li kienu qed jgħattu l-pittura oriġinali.

L-ewwel fażi tax-xogħol kienet tinkludi dokumentazzjoni dettaljata fosthom osservazzjoni taħt dawl UV. Dan għen sabiex jiġi identifikat is-saff tal-verniċ u biex jiġu distinti żoni ta' irtokk antik. Saru wkoll testijiet ta' tindif permezz ta' solventi differenti sabiex il-verniċ iddeterjorat u ż-żebgħa mhux oriġinali jitneħħew b'tali mod li ma ssirx ħsara lill-pittura oriġinali. Wara dawn it-testijiet, il-verniċ antik u l-irtokki li ġew applikati tnaqqsu b'attenzjoni permezz ta' solventi f'forma ta' *gel* u, fejn kien meħtieġ, b'metodi mekkaniċi.

Wara dan sar xogħol ta' konsolidazzjoni strutturali. Fejn it-tila kienet qiegħda tinqala' mis-sostenn ta' taħtha reġgħet ġiet imwaħħla b'adeżiv li ġie introdott lokalment b'siringa. F'ċerti żoni ntużaw sħana ħafifa u pressjoni kkontrollata sabiex titjieb l-adeżjoni u jiġu stabbilizzati s-saffi tal-pittura u tat-tila.

Wara t-tindif u l-konsolidazzjoni ġie applikat saff ta' verniċ biex jipproteġi l-pittura oriġinali mill-materjali tar-restawr li kellhom jintużaw fl-irtokk. It-telf fis-saff pittoriku ġie mimli b'materjal ibbażat fuq *gesso* li ġie llivellat u mħejji sabiex jaqbel mal-livell taż-żebgħa oriġinali. It-telf imbagħad ġie rtukkat b'żebgħa tar-restawr riversibbli sabiex l-intervent iservi maż-żmien iżda jkun jista' jitneħħa fil-futur jekk ikun meħtieġ.

Fl-aħħar nett ġew applikati saffi protettivi ta' verniċ biex jipproteġu l-pittura mit-trab, mill-brix u mill-espożizzjoni għad-dawl.

Permezz ta' dan il-proċess ta' konservazzjoni, din il-pittura setgħet tirritorna lura fil-komunità tal-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Dan ix-xogħol kien possibbli permezz tas-sostenn finanzjarju ta' Bank of Valletta.

**Pierre Bugeja**
***Konservatur u Restawratur***
***PrevArti Ltd.***

# LEXLEX

ELECTRICAL | PLUMBING | MAINTENANCE

*Lexlex Installation provides all services regarding electrical and plumbing with all qualifications and experience...*

**Jean Paul** Micallef

*A&B Authorised Electrician*

**7996 0620**

**lexlexinstallation@gmail.com**

**Lexlex Installation**



ShipLowCost.com
No Size or Weight Limitations
SHIP lowcost.com
Buy in Europe or sell globally. Easy.
Get an instant quote and book your order before your packages reach our hubs !
I want to ship from
Germany
to
Malta
PROCEED
shiplowcost.com
www.ShipLowCost.com
Find us on


Samira Scerri
singer for weddings & other occasions with organ accompaniment...
7728 1002
samirascerri@gmail.com


PhotoPoint
PROFESSIONAL Services:
for any occasion
Special offer on Baptisms:
30 - 8"x10" photos will be mounted
in a Personalized Photo Album
with the picture of your baby on the
back and front cover.
The service of a professional photographer
is included.
All this for only €190
For further information call: 79055107


Freshly Baked
Daily
Paul ta' Kalċ
Bakery


R&S
MARKETING
best kept
secrets
P&G
CARDS LTD
R&S MARKETING
Tower Street, Mosta
T:21420664
Leading importers of Greeting Cards, Gifts, wrapping and Candles.
Me to You
Skylab
curious
UNIVERSE

# It-Twelid u L-Iżvilupp tal-*Cappelli* Mużikali

## *Il-mużika sagra u liturġika fil-kuntest Malti u Qormi*

L-istorja tal-mużika sagra fil-Parroċċa tagħna tmur lura numru ta' snin, anke jekk din tista' tgħid għadha żagħżugħa meta mqabbla ma' Parroċċi oħra. Il-Qriema ta' qabilna dejjem fittxew li l-festi li jagħmlu jkunu mmarkati b'timbru mużikali speċjali. Dan l-artiklu se jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kuntest li fih żviluppaw il-*cappelli* mużikali u l-passaġġ taż-żmien li fih il-mużika sagra u liturġika żviluppat f'Ħal Qormi, b'mod partikolari fil-Parroċċa tagħna.

Jekk immorru lura lejn tmiem is-seklu 6 u l-bidu tas-seklu 7, fi żmien il-papat ta' San Girgor il-Kbir, naraw  it-twelid tal-ewwel grupp ta' koristi mhux parti mill-kleru - kif kienet l-użanza sa dakinhar - jieħdu sehem fiċ-ċerimonji ċċelebrati mill-Papa. Dawn saru magħrufa bħala *schola cantorum* u aktar tard *cappella papale*. Aktar 'il quddiem, fi żmien il-Papa Ġulju II, twaqqfet *cappella* mużikali oħra fil-Vatikan immexxija minn Giovanni Pierluigi da Palestrina. Minn dakinhar, l-idea ta' *cappella* mużikali żviluppat u xterdet mal-Italja kollha u aktar tard f'partijiet oħra tad-dinja. Id-definizzjoni tagħha saret tirreferi għal grupp ta' koristi, solisti u mużiċisti taħt id-direzzjoni mużikali ta' surmast - il-*maestro di cappella*.

Fil-bidu tal-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'pajjiżna kellna żewġ *cappelli* mużikali - waħda fil-Katidral tal-Imdina u oħra fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Dik tal-ewwel twaqqfet qabel il-ħakma tal-Ordni u kienet titmexxa minn *maestro di cappella* Sqalli billi d-Djoċesi ta' Malta kienet suġġetta tal-Arċidjoċesi ta' Palermo kif stabbilit mill-Bolla Pontifiċja ta' Papa Adrijanu IV tal-1156. Lejn nofs is-seklu 17 ġie magħżul is-saċerdot Qormi Giuseppe Balzano bħala l-ewwel *maestro di cappella* Malti tal-Katidral tal-Imdina. Warajh, segwew numru ta' *maestri di cappella* li ħadna mingħandhom bravuri mużikali kbar, fosthom Benigno Zerafa (1726-1804) u Francesco Azopardi (1748-1809). Il-*cappella* tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann twaqqfet mill-Ordni lejn l-aħħar tas-seklu 16.

Kien f'dan l-isfond interessanti li f'Malta, minbarra ż-żewġ *cappelli* mużikali diġà stabbiliti, inħolqu *cappelli* oħrajn, partikolarment dawk tal-familji Bugeja u Nani. Il-*cappella* Bugeja twaqqfet minn Pietro Paolo Bugeja (1772-1828) fil-bidu tas-seklu 19. Bugeja twieled il-Belt Valletta u studja Napli għal sitt snin fejn kien ukoll *maestro di cappella* fil-knisja ta' San Ivo. Lura mar-ritorn tiegħu f'Malta fl-1798 sar assistent direttur mużikali tal-*cappella* tal-Katidral tal-Imdina. Fi żmien il-ħakma Franċiża (1798-1800) ħa f'idejh il-*cappella* ta' San Ġwann fil-Belt Valletta li, ftit wara, mal-bidu tal-ħakma Ingliża, ġie stabbilit bħala l-Kon-Katidral ta' Malta. Fl-1809 ħa f'idejh ukoll il-*cappella* tal-Katidral tal-Imdina billi l-predeċessur tiegħu Francesco Azopardi miet fi Frar tal-istess sena. Bugeja ħa fama tajba u beda jiġi kkummissjonat minn diversi kappillani u prokuraturi biex jagħti servizz mużikali fil-festi ċċelebrati fil-knejjes Maltin. Fost il-Parroċċi li fihom tat servizz il-*cappella* Bugeja nsibu l-festi ta' Santa Marija fil-Katidral ta' Għawdex, Santa Katarina

fiż-Żurrieq, San Publju fil-Furjana u San Duminku l-Belt Valletta. Il-*cappella* Bugeja ma mititx mal-mewt ta' Pietro Paolo imma kompliet għal tliet ġenerazzjonijiet (Vincenzo - Filippo - Riccardo - Ċensinu) u għadha attiva sal-lum taħt il-kustodja tal-Ordni tal-Predikaturi, magħrufin aktar bħala d-Dumnikani.

Min-naħa l-oħra, il-*cappella* Nani taf l-għeruq tagħha fl-1766 meta l-vjolinista Angelo Nani (1751-1844), iben in-nutar u vjolinista Venezjan Gerolamo Nani, ġie Malta fuq vjaġġ kunċertistiku u laqat mhux ftit lill-Gran Mastru Manuel Pinto da Fonseca tant li għażlu bħala s-segretarju privat tiegħu. Aktar tard, Angelo Nani ġie magħżul bħala vjolinista fl-orkestra tat-Teatru Manoel u sussegwentement direttur mużikali tagħha. Ibnu l-kbir, Emanuele (1769-1860) - l-ewwel Nani mwieled Malta - tgħallem il-vjolin għand missieru u bħalu wkoll ġie ngaġġat bħala vjolinista mal-orkestra tat-Teatru Manoel u mal-*cappella* tal-Katidral tal-Imdina fi żmien Francesco Azopardi. Il-*cappella* Nani twaqqfet b'mod uffiċjali minn iben Dott. Giuseppe Nani, ħu Emanuele, il-magħruf Dott. Paolo Nani (1814-1904) li studja Napli, fosthom taħt il-gwida ta' Gaetano Donizetti. Mar-ritorn tiegħu f'Malta f'Awwissu 1838 waqqaf il-*cappella* - li diversi mużiċisti fiha kienu diġà ingaġġati fl-orkestra tat-Teatru Manoel - u beda jikteb għadd ġmielu ta' mużika liturġika. Mis-sena ta' wara ġie kkummissjonat bil-mużika tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Wara s-suċċess kbir li kiseb hemm ġie kkummissjonat ukoll f'festi oħrajn bħal San Pawl fil-Belt Valletta stess, Santa Katarina fiż-Żejtun, Corpus Christi fir-Rabat, il-Bambina fin-Naxxar u San Nikola fis-Siġġiewi. Il-*cappella* Nani kompliet għal żewġ ġenerazzjonijiet (Anton - Paul) u llum nistgħu ngħidu li m'għadhiex tiffunzjona.

Ma' dawn kien hemm kompożituri u *maestri di cappella* oħrajn bi profil mużikali rikk, fosthom Emmanuele Galea (1790-1850), Patri Giuseppe Spiteri Fremond O.S.A. (1804-1878), Giuseppe Vella (1827-1912), Francesco Decesare (1837-1905) u Paolino Vassallo (1856-1923).



L-ewwel kapijiet tad-dinastiji mużikali ewlenin f'Malta fis-sekli 19 u 20 - Pietro Paolo Bugeja (xellug) u Dott. Paolo Nani (lemin)



Ċensinu Bugeja (xellug) u Filippo Abela (lemin) li ħolqu l-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri

F'Ħal Qormi, l-ewwel *maestro di cappella* għall-festa tar-raħal - li dak iż-żmien kienet issir f'ġieħ San Ġorġ billi f'Ħal Qormi kien għad hawn biss Parroċċa waħda - kien il-patri Agostinjan Giuseppe Spiteri Fremond O.S.A. għal 35 sena sħaħ bejn l-1837 u l-1872. Eventwalment, fl-1872 il-mużika fil-festa ta' San Ġorġ għaddiet f'idejn il-*cappella* Bugeja taħt id-direzzjoni ta' Filippo Bugeja (1809-1891). Tajjeb insemmu li fl-1860, Vincenzo Bugeja, iben Pietro Paolo, miet fl-età żgħira ta' 54 sena. Ibnu, Riccardo (1845-1926) kellu biss 14-il sena meta miet missieru u billi kien għadu ma temmx l-istudji mużikali tiegħu, it-tmexxija tal-*cappella* għaddiet f'idejn zijuh Filippo, it-tielet u l-iżgħar iben ta' Pietro Paolo. Għad li Filippo kien iqis lilu nnifsu bħala *maestro interim* (temporanju), insibuh jiġi mfaħħar mill-istampa:

> "Il-mużika armonjuża taċ-ċelebri mejjet surmast Vincenzo Bugeja kienet esegwita b'mod tal-għaġeb b'orkestra sħiħa mis-surmast Filippo, ħuh bravu."
> (*Il Portafoglie Maltese*, 14 ta' Awwissu 1861, p. 3)

Interessanti ninnutaw li fis-snin 60 tas-seklu 19 ħarġet fil-beraħ ir-rivalità kompetittiva bejn il-*cappella* Bugeja u l-*cappella* Nani tant li l-pubbliku saħanistra beda jgħoddhom b'partiti - il-Bugejisti (*Tal-Istilla*) u n-Nanisti (*Tal-Ajkla*). Dan il-kunċett jista' jkun li żied il-popolarità taż-żewġ *cappelli* hekk kif żgur li ħalla effett psiko-soċjali fuq in-nies, b'mod speċjali fuq il-kappillani u l-prokuraturi tal-festi. Nistgħu ngħidu li f'din l-epoka, il-*cappelli* mużikali kienu fl-aqwa epoka tagħhom.

Minkejja li Filippo Bugeja kien organista u tħarreġ biss ma' missieru, ikkompona diversi biċċiet mużikali ta' kalibru għoli. Fiż-żmien li għamel *maestro di cappella* ta' Ħal Qormi (1872-1877) tana l-kapolavur mużikali tal-antifona *Fundatus*, miktuba fl-1873 oriġinarjament għall-festa ta' San Ġorġ. Fl-ewwel nofs tas-seklu 20, neputih Ċensinu

Bugeja, immodifikalha l-versi għal-liturġija tal-festa ta' San Sebastjan Martri u baqgħet tintuża fil-festa tagħna sal-lum bħala *Egregie Christi Martyr*. L-antifona hi miktuba għal orkestra, kor ta' vuċijiet maskili u tenur solista. It-tradizzjoni tal-antifona kif nafuha llum nibtet f'pajjiżna fil-bidu tas-seklu 19. Oriġinarjament, l-ewwel antifoni ġew miktuba bi stil operistiku, bħal kwalunkwe biċċa mużika sagra oħra. Dan hu xhieda ta' kemm il-kompożituri Maltin sabu refuġju fil-knejjes billi fit-teatri kienet tispikka biss mużika tal-opra barranija, l-aktar dik Taljana, ta' kompożituri kbar bħal Verdi, Rossini u Donizetti. In-numru ta' opri Maltin li ttellgħu fit-teatri lokali fuq medda ta' kważi 70 sena bejn l-1832 u l-1898 kienu jammontaw għal 10 biss. Barra minn hekk, il-knejjes saru wkoll teatri tal-foqra u allura ta' dawk li ma kellhomx status soċjo-ekonomiku għoli biex imorru jisimgħu l-mużika fit-teatri Maltin.

Insib interessanti fatt dokumentat biss fi ktieb ippubblikat minn Dun Ġwann Bugeja u Dr. Joseph. F. Grima li fil-ftuħ u t-tberik tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan - li sa dak iż-żmien kienet għadha parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - nhar il-Ħadd 9 ta' Marzu 1890, wara quddiesa letta li tmexxiet minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju tal-Isqof Pietru Pace, tkanta t-Te Deum u l-antifona lil San Sebastjan mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni mużikali ta' Anton Nani. Dan jikkuntrasta mal-fatt li f'Ħal Qormi kien hawn kultura Bugejista. Sa fejn nafu sal-lum, din kienet l-ewwel u l-unika darba li l-*cappella* Nani kellha x'taqsam ma' Ħal Qormi.

Fit-22 ta' Novembru 1903, il-Papa Piju X ħareġ il-*Motu Proprio 'Tra le Sollecitudni'* li bih irriforma b'mod radikali l-istil mużikali li kellu jintuża fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Din l-ordni wasslet biex fl-1921, Riccardo Bugeja inqala' minn *maestro di cappella* ta' Ħal Qormi u minfloku daħlu s-surmastrijiet Camilleri - Ferdinando (1859-1942) u aktar tard ibnu Giuseppe (1903-1976). Il-*cappella* Camilleri, flimkien mal-*cappella* Diacono - bis-surmastrijiet Carlo (1876-1942) u warajh ibnu Frank (1914-2000), kisbu popolarità u bdew jiġu kkummissjonati minflok il-*cappelli* tradizzjonali għax kienu aktar konformi mal-parametri tal-ordni tal-Papa. F'dan iż-żmien kisbu fama wkoll kompożituri oħra li ħadu f'idejhom il-mużika ta' diversi festi, fosthom Giuseppe Magri (1875-1947), Giuseppe Caruana (1880-1931) u Lorenzo Gonzi (1887-1934).

Madankollu, fil-Parroċċa tagħna baqgħet tiġi kkummissjonata l-*cappella* Bugeja bis-surmastrijet Riccardo u aktar tard ibnu Ċensinu (1910-1967). Konsegwenza tal-*Motu Proprio*, il-*cappelli* mużikali tradizzjonali qalgħu daqqa ta' ħarta u għalhekk, wara li temm l-istudji tiegħu f'Ruma, Ċensinu ġie lura bi grinta biex jerġa' jagħti ħajja mill-ġdid lill-*cappella* li kien ħallielu missieru. Minkejja li sa ċertu punt irnexxielu jagħti nifs ġdid lill-*cappella*, bħalma ġara wkoll fil-każ tal-*cappella* Nani b'Paul Nani (1906-1986), qatt ma rnexxielu jilħaq il-punt ta' popolarità li kienet tgawdi l-*cappella* qabel l-1903.

Fis-seklu l-ieħor daħlet f'pajjiżna d-drawwa tal-innu popolari lill-qaddis/a tar-raħal. Normalment, dan l-innu jieħu forma strofika u jindaqq kemm fil-festi ta' ġewwa u anke fuq barra. Fl-1937, sena biss wara t-twaqqif tal-Parroċċa l-ġdida ta' San Sebastjan, il-Kappillan Dun Alwiġ Psaila (1892-1971) kkummissjona lill-*maestro di cappella* Ċensinu Bugeja biex jikteb il-mużika tal-innu popolari fuq il-versi tal-Qormi Filippo Abela (1895-1953), li jiġi

n-neputi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. L-innu tlesta fl-20 ta' April 1937 u ingħata l-approvazzjoni mill-Knisja minn Patri Antonio M. Tonna Barthet O.S.A għaxart ijiem wara biex fil-festa titulari ta' dik is-sena ndaqq għall-ewwel darba mill-baned mistiedna, fosthom il-Banda Pinto li dik is-sena kienet l-ewwel darba tagħha li ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan.



Patri Edgar Gatt O.P. - l-aħħar ***maestro di cappella*** tal-***cappella*** Bugeja fil-Parroċċa tagħna

It-taqlib politiku ta' nofs is-seklu 20 li wassal għall-bumbardamenti tat-Tieni Gwerra Dinjija kompla dgħajjef is-servizzi mużikali fil-knejjes. Is-sors prinċipali ta' għajxien li kien jeżisti f'Malta għall-kompożituri naqas b'mod drastiku. Ċensinu Bugeja ma kellux tfal u saħansitra fl-aħħar ta' ħajtu kien telaq ix-xogħol tiegħu ta' *maestro di cappella* u sab xogħol klerikali. Wara mewtu fl-1967, l-arkivju mużikali tad-dinastija Bugeja tħalla lill-Provinċja Dumnikana Maltija li baqgħet responsabbli minn din il-mużika. Għalhekk, il-Provinċja ħatret lil Patri Edgar Gatt O.P. li kien ukoll *maestro di cappella* tal-Parroċċa tagħna sal-1970. Huwa dokumentat li għall-ewwel darba fil-festa liturġika tal-1969, il-kappillan Dun Ġużepp Cauchi (1908-1969) talab lil Patri Edgar biex is-salmi tal-Primi Vespri jitkantaw bil-Malti minflok bil-Latin b'konformità mal-Konċilju Vatikan II. Fl-1970, lejn it-tmiem ta' Patri Edgar Gatt O.P. fit-tmexxija tal-*cappella*, ġie wkoll fi tmiemu l-kapitlu tal-*cappella* fil-Parroċċa tagħna fi żmien il-Kappillan Dun Vinċenz Deguara.

L-ewwel kor parrokkjali jaf il-bidu tiegħu lejn nofs is-seklu l-ieħor, eżattament 70 sena ilu. Lejn l-aħħar tas-snin 50, iċ-*Circolo Regina Virginum* - fergħa tax-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa - waqqfu kor magħmul minn xebbiet membri li kien jieħu sehem fil-gara annwali tal-Azzjoni Kattolika. Insibu dokumentat li għal dawn l-attivitajiet kien jiġi mħejji xogħol ta' livell bħal *La Vergine degli Angeli* mill-opra *La Forza del Destino* u l-*Va Pensiero* mill-opra *Nabucco* tal-Verdi, l-*Ave Maria* ta' Mascagni u l-*Inno Pontificio* ta' Gounod. Il-Kappillan Psaila avviċina lil dawn ix-xebbiet biex jibdew jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Parroċċa bl-akkumpanjament tal-organista Luigi Vella.

F'Marzu 1953, Dun Ġwann Bugeja (1926-2017), saċerdot Senglean imma li qaddes dik is-sena stess fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Elena f'Birkirkara - fejn il-familja tiegħu kienet refuġjata sa mit-Tieni Gwerra Dinjija - ġie mibgħut mill-Arċisqof Gonzi biex jagħti servizz pastorali fil-Parroċċa tagħna. Dun Ġwann irċieva xi taħriġ mużikali minn Dun Mikiel D'Amato (1926-2002) fuq inkoraġġiment tal-Kappillani Psaila u Cauchi. Fost il-ħidma pastorali tiegħu, Dun Ġwann Bugeja ħa l-inkarigu ta' direttur tal-kor parrokkjali. Ma' tmiem is-sehem tal-*cappella* Bugeja fil-festa ta' San Sebastjan, Dun Ġwann ġie awtomatikament fdat bit-tmexxija tal-mużika fil-festa mill-Kappillan Deguara. F'Marzu 1972 waqqaf il-kor *Laudate Dominum* li baqa' jmexxih sal-1994 meta mbagħad, id-direzzjoni għaddiet f'idejn Josephine Mifsud u eventwalment Sebastian Camilleri sal-



Il-kor parrokkjali In Domino Speravi u l-orkestra waqt il-kunċert mużikali
***It-Tifkira Tiegħek Ma Tintesa Qatt*** fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa

2011. Ir-repertorju mużikali li bena Dun Ġwann kien effettiv biex seta' jimla b'mod sottili u devot il-vojt liturġiku fi żmien u wara r-riformi tal-Konċilju Vatikan II (1965). Fost dawn, b'rabta mal-festa ta' San Sebastjan, insemmu l-innu *O Mulej, Int il-Ħlas u l-Kuruna* (1972), l-antifona *O Kbir Martri ta' Kristu* (1972), il-*Gradwal* (1973), l-Ewwel Għasar (1973) u oħrajn. Din il-mużika, għal diversi raġunijiet varji, kienet kważi mietet u ntesiet għal kollox. Minkejja dan, wara li għamilt ħafna sforzi, ħidma kbira ta' kull xorta u volum qawwi ta' rieda tajba, dan l-aħħar mhux biss reġgħet sabet postha mill-ġdid fl-arkivju mużikali tal-Parroċċa imma qed nerġgħu nisimgħuha wkoll tiġi esegwita mill-ġdid u b'mod komplet mill-kor parrokkjali preżenti.

Fis-snin 80 tas-seklu l-ieħor, kompożitur ieħor Qormi, Emmanuele Cremona, kiteb ukoll diversi biċċiet mużikali u għaddiehom bħala donazzjoni lill-Parroċċa. L-unika informazzjoni li għandi dwaru hi li kien jgħix fi Triq San Pietru, Ħal Qormi, u li kkompona wkoll diversi xogħlijiet għall-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu l-innu tat-Tranżlazzjoni *Deus Tuorum Militum* (1983), l-Ewwel u t-Tieni Għasar ta' San Sebastjan (1983), *Tantum Ergo per Coro Unisono e Organo* (1983) u l-Antifona lil San Sebastjan *Egregie Christi Martyr* (1985). Hemm diversi ipoteżijiet interessanti li jippruvaw jagħtu raġuni għal dawn id-donazzjonijiet mużikali.

Fl-2011 beda jiġi kkummissjonat il-*Coro Bel Canto* taħt id-direzzjoni mużikali ta' Hermann Farrugia Frantz biex jagħti s-sehem tiegħu fil-funzjonijiet marbutin mal-festa liturġika u titulari ta' San Sebastjan fil-Parroċċa tagħna. F'dan iż-żmien erġajna bdejna nisimgħu l-verżjoni oriġinali tal-antifona *Egregie Christi Martyr* ta' Bugeja (1873) li kienet ilha nieqsa sa minn tmiem il-*cappella* Bugeja.

Billi l-Parroċċa ħasset in-nuqqas ta' kor parrokkjali li jagħti s-sehem tiegħu fil-festi u

ċ-ċelebrazzjonijiet ta' matul is-sena, f'Diċembru 2020, fuq inizjattiva tal-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit, twaqqaf kor miftuħ għal żgħażagħ immexxi minni bl-għajnuna tal-organista Ian Sammut. Dan il-kor għadu fl-infanzja tiegħu u għalhekk mis-sena li għaddiet il-kor fetaħ il-bibien tiegħu biex dawk kollha li jridu jingħaqdu fih, żgħażagħ u m'humiex, jistgħu jagħmlu dan. Żgur li kulħadd jaqbel li f'dawn l-aħħar snin erġajna rajna funzjonijiet liturġiċi serji u kif għandhom ikunu.

F'Diċembru li għadda, fl-okkażjoni tal-5 anniversarju mit-twaqqif tiegħu, il-kor parrokkjali ingħata l-isem **In Domino Speravi** - *Fil-Mulej Nittama*. Dan l-isem jirrifletti l-iskop aħħari tal-mużika liturġika li hija l-ogħla u l-isbaħ espressjoni ta' tama tagħna l-bnedmin lejn is-sagru u lejn Alla nnifsu. L-isem tal-kor ġie wkoll magħżul biex jikkommemora l-Ġublew tat-Tama 2025.

Inħeġġeġ lill-parruċċani u lis-segwaċi mużikali biex quddiem din l-istorja mżewqa nibqgħu nuru ħeġġa u enerġija għall-wirt mużikali u storiku li ħallewlna ta' qabilna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd u nieħu l-okkażjoni biex nawgura lill-Parroċċa għażiża tagħna li din is-sena qed niċċelebraw id-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

**Jurgen Debono**
***Direttur tal-Kor Parrokkjali***
***In Domino Speravi***





Leo
Qormi
TRADITIONAL MALTESE
Confectionery




KRK
Cars & Bikes Hire
KRK
Autoparts & towing
2144 3219
7993 5984
9949 5467
krkautoparts@onvol.net
Valletta Road, Qormi
QRM 3618
Find us on
Facebook




eurobridge
Over 30 Years
Your trusted partner to COUNT ON for
all your logistical needs
www.eurobridge.com.mt


JEFF'S
PASTIZZERIA


IL-FORN TA'
L-GHAWDXI
DINE-IN OR TAKE-OUT?
WE'VE GOT YOU COVERED!
2144 4202


BROWNS + VIRIDIAN
STRENGTHEN YOUR HEART!
A specific formulation featuring a blend of thirty supportive nutrients including vitamins, minerals and phytonutrients to promote cardiovascular health and function.
MULTIVITAMIN
Cardio
FORMULA
VIRIDIAN
60 CAPSULES
brown's
BrownsPharma
customercare@brownspharmacy.eu
www.browns.pharmacy

# Mitt Sena mit-Twelid ta' Dun Ġwann Bugeja (1926-2026)

*Kitba tan-neputi ta' Dun Ġwann Bugeja*



Dun Ġwann Bugeja (1926-2017)

Iz-ziju Dun Ġwann kien il-kbir fost seba' aħwa fil-familja Bugeja. Twieled l-Isla nhar l-10 ta' Lulju 1926 - mitt sena ilu. Missieru kien Ġwakkin u ommu Antonia. Mar l-Iskola Primarja tal-Isla fejn iltaqa' ma' tifel ieħor mill-Isla li kellu jkun saċerdot bħalu u jordna miegħu wkoll - Mons. Carmelo Muscat, Professur tal-Morali fl-Università.

Meta kellu 10 snin il-familja tiegħu marru joqogħdu l-Belt Valletta fejn beda jattendi l-MUSEUM. Kien imur l-iskola tal-Agostinjani fi Strada Forni. Il-Belt damu biss sal-1940 meta minħabba l-gwerra niżlu joqogħdu Birkirkara fejn għamlu żmien jgħixu fix-xelter. Kien iqis iż-żmien tal-gwerra bħala żmien deċiżiv f'ħajtu. Hemm ħa l-formazzjoni tiegħu fi ħdan is-Soċjetà tal-MUSEUM. Kien isemmi żewġ soċji partikolari li mpressjonawh ħafna - ċertu Lorenzo mill-Birgu, li kien hu wkoll refuġjat f'Birkirkara, u Salvu Mallia li kien is-superjur u s-servjent tal-Morali. Tant kellu ammirazzjoni lejn dan is-superjur li baqa' jikkonsulta miegħu anke meta kien jistudja t-Teoloġija Morali fl-Università. Kien f'dan iż-żmien li beda jsir midħla tas-Seminarju. Qabel daħal is-Seminarju inkorpora bħala soċju tal-MUSEUM.

Malli spiċċat il-gwerra daħal is-Seminarju. Hawn reġa' ltaqa' ma' Senglean sieħbu tal-primarja, Carmelo Muscat. Ġew ordnati saċerdoti flimkien minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fit-3 ta' Awwissu 1952 meta kellhom 26 sena. Iċċelebra l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Elena f'Birkirkara.

Fis-7 ta' Marzu 1953 Mons. Arċisqof talbu biex jibda jservi fil-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Ma kinitx ordni faċli. Kien iż-żmien meta kienet għadha kif infetħet il-Kripta. Il-bini tal-knisja kien miexi bilmod u b'ħafna diffikultajiet, ħaġa li tistennieha fis-snin ta' wara l-gwerra. Malli wasal fil-Parroċċa, il-Kappillan Dun Alwiġ Psaila talbu jmur iqaddes fil-knisja tal-Vitorja li tagħmel parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-Parroċċa ta' San Sebastjan ma kellhiex lussu ta' ħafna saċerdoti u kienu jiġu saċerdoti minn Parroċċi oħra. Għalhekk, minħabba tgergir u oġġezzjonijiet li kien hemm, lil Dun Ġwann ordnawlu biex jinżel il-Parroċċa. Kien f'dak iż-żmien li minħabba nuqqas ta' saċerdoti kien hemm ferment fost xi parruċċani li xtaqu li l-Parroċċa titmexxa minn xi Ordni tal-patrijiet. Hu kien lest li jobdi u jara f'kollox ir-rieda u l-providenza ta' Alla. Tant ried jaċċeta din l-ordni li mar

joqgħod fi Triq l-Imdina fil-Parroċċa stess. Fil-bidu taż-żwieġ tagħhom, ommi u missieri kienu marru joqogħdu miegħu fl-istess dar. Fil-fatt, iż-żewġ ħuti subien il-kbar u oħti l-kbira huma mgħammdin fil-Parroċċa ta' San Sebastjan. Il-ġenituri tiegħi u t-tliet ħuti l-kbar damu jgħixu maz-ziju Dun Ġwann għal madwar sitt snin.



Tifkira tal-ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Ġwann Bugeja fl-1952

Il-ministeru tiegħu fil-Parroċċa ta' San Sebastjan kien wieħed sfiq ħafna. Tista' tgħid li ddedika għalih ħajtu kollha sakemm baqgħet tippermettilu saħħtu. Fost il-ħidmiet li wettaq kien jieħu ħsieb l-abbatini, jgħallem il-katekiżmu lill-bniet tal-Azzjoni Kattolika, Direttur tax-Xirka tal-Isem Qaddis ta' Alla, Direttur Spiritwali tal-każin tal-Banda Pinto, waqqaf grupp ta' nisa *Lampade Viventi*, ħa ħsieb iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u kien Direttur tal-Fergħa Xebbiet u l-Fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika. L-aktar li żgur jibqa' mfakkar hu għall-ħidma tiegħu biex jara l-knisja titlesta u l-ħidma tiegħu biex waqqaf u mexxa l-kor parrokkjali *Laudate Dominum*.

Il-bini tal-knisja l-ġdida kienet sfida kbira għall-Parroċċa. Il-problema tal-finanzi kienet akuta tant li x-xogħol kellu jieqaf fl-1956. Kien hawn li Dun Ġwann daħal fil-Kummissjoni għall-Bini tal-Knisja u beda jieħu ħsieb il-finanzi. Beda jorganizza *fundraising* u aktar minn hekk kien jagħti rendikont finanzjarju tal-ġbir u l-infiq u jippubblikah fil-fuljett tal-Parroċċa 'Sliem u Ħajja'. Kien ukoll imidd idejh għax-xogħol manwali, ħaġa li kaxkret għal warajh tant voluntiera u ammirazzjoni ta' benefatturi. Kien bniedem metikoluż u kontabbli ħafna. Dan wassal biex fl-1958 ix-xogħol tkompla u tlesta fil-bidu tas-snin 80. Kien ta' ferħ kbir għalih jara l-knisja tiġi kkonsagrata fid-19 ta' Jannar 1986 mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Dun Ġwann ħa l-formazzjoni spiritwali tiegħu fil-qasam tal-MUSEUM f'Birkirkara fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Kien żmien interessanti fil-Knisja. Filwaqt li d-dinja kienet ħuġġieġa waħda ta' ġlied, ġuħ u tensjoni, il-Papa Piju XII, minbarra l-ħidma tiegħu għall-paċi, bl-għajnuna tal-Kardinal Ġiżwita Augustin Bea, il-konfessur tiegħu, ħareġ l-Enċiklika *Divino Afflante Spiritu* fl-1943 li fetħet beraħ l-istudju tal-Bibbja għal studju tal-lingwi



Dun Ġwann Bugeja flimkien ma' Ġanni Cardona, Tad-Dawl, waqt il-bini tal-Knisja Arċipretali

Orjentali, eseġeżi u ġeneri letterarji. F'Malta dan kien diġà beda jsir minn Mons. Pietru Pawl Saydon fit-traduzzjoni tal-Bibbja għall-Malti mil-lingwi oriġinali li kien beda fl-1929 u baqa' sejjer sal-1959. Saydon ma tantx sab min itaptaplu fuq dahru. Kellu jiffinanzja minn butu l-istampar tagħha ktieb ktieb fl-Empire Press. L-ikbar għajnuna li sab kienet mis-Soċjetà tal-MUSEUM li f'kull qasam kienu jmexxu din il-publikazzjoni, speċjalment fost is-soċji, u jużawha fit-tagħlim fil-laqgħat tagħhom.

Wara ż-żmien li fih kien il-MUSEUM, Dun Ġwann kien sar midħla sew tal-Kotba Mqaddsa matul il-kors tat-Teoloġija fejn iltaqa' mal-Professur Saydon. Kien fiż-żmien wara l-Enċiklika *Divino Afflante Spiritu* li tat spinta u kuraġġ lil Saydon. B'hekk xegħlet fiz-ziju l-imħabba għall-Kotba Mqaddsa. Dan l-orjentament aġġornat tiegħu wasslu biex baqa' ħajtu kollha jistudja l-Bibbja biex ikompli japprofondixxi t-tagħlim li kellu u dan l-aġġornament kien iwasslu fil-priedki u l-lezzjonijiet. Ried ikompli jaġġorna ruħu u billi dak iż-żmien ma kienx hawn verżjoni diġitali tal-Bibbja, tgħallem il-kompjuter u kiteb il-Bibbja kollha biex ikollu mezz kif jista' jikkonsultaha b'mod faċli. Mhux ta' b'xejn li l-priedki tiegħu kienu jiġbdu tant nies għax kienu jisimgħu dejjem xi ħaġa friska, frott ta' studju u riċerka minn persuna verament kolta. Ma' dan inżid is-sens ta' umoriżmu li kien jiġbed aktar lin-nies.

Kien jaf tajjeb l-Ingliż, it-Taljan u l-Latin u kien ukoll midħla tal-Franċiż, l-Ispanjol u t-Tedesk. Kien iħobb jgħallem. Beda jgħallem fl-iskola tal-MUSEUM f'Ħal Tarxien biex iħejji żgħażagħ għall-eżami tat-Tarzna. Wara mar jgħallem



Dun Ġwann Bugeja (xellug) flimkien mal-Kappillan Dun Ġużepp Cauchi (lemin)



Dun Ġwann Bugeja (it-tieni mil-lemin) fl-ewwel Quddiesa Solenni
ta' Dun Gino Mangion (ir-raba' mil-lemin) fl-1968



Dun Ġwann Bugeja jidderieġi l-kor parrokkjali ***Laudate Dominum***

De La Salle College fil-Kottonera u fl-1962 daħal jgħallem mal-Gvern fejn baqa' sakemm irtira. Kien iwassal it-tagħlim tiegħu ukoll permezz tal-fuljett parrokkjali 'Sliem u Ħajja'. Hawn kien jikteb dwar temi bibliċi, is-sagramenti, il-katekiżmu u l-liturġija.

Forsi l-aktar li jibqa' mfakkar hu għall-ħidma tiegħu fil-mużika sagra. Meta kien fl-Azzjoni Kattolika, fil-bidu nett tal-ministeru tiegħu, kellu kor ċkejken li kien jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Azzjoni Kattolika. F'Marzu 1972 dan il-kor beda jieħu sehem fil-festa titulari u Dun Ġwann sar il-*maestro di cappella* tal-Parroċċa. Ikkompona innijiet għall-festa ta' San Sebastjan u għall-Ġimgħa Mqaddsa fost l-oħrajn. Ħallielna wkoll ktieb dwar l-istorja tal-Parroċċa ta' San Sebastjan li kiteb u ppublika flimkien mal-istoriku Qormi Dr. Joseph Grima 'Mill-Ġrajjiet tal-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi'.

Għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fid-Dar tal-Kleru sa ma ħalliena fit-3 ta' April 2017.

Iz-ziju kien persuna ta' ftit emozzjonijiet u ambizzjonijiet, saċerdot metikoluż ħafna, umli u jipprova minn kollox biex jagħmel dak li hu sewwa. Kellu sens qawwi ta' altruiżmu. Fuq nota personali, meta ġejt biex nieħu l-Professjoni Solenni fl-Ordni Franġiskan Konventwali, fid-djakonat u fil-presbiterat, dejjem inkoraġġieni u tani pariri siewja biex inkun denju tas-sejħa li l-Mulej tani. Kien ta' eżempju tajjeb għalija, ta' ħeġġa għas-servizz ta' Alla u ta' ħidma pastorali ma taqta' xejn.

Grazzi ziju Dun Ġwann u itlob għalija biex inkompli l-missjoni tiegħi ta' nisrani, reliġjuż u saċerdot skont il-Qalb ta' Ġesù.

**Patri Joseph Mamo OFM Conv.**




Est. 1969
TA'FONZU
BOTTLE SHOP
2122 2112
orders@alfsons.com
Manuel Magri Street, Ħamrun


TA'
DOUGHNUTS


Ngħożżu
r-relazzjonijiet fil-familja
Servizz ġdid ta' terapista tal-familja bla ħlas
għall-familji kollha offrut fil-Parroċċa
Agħmel kuntatt:
ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa
9:00am-10:30am
5:00pm-6:30pm
NUMRU TA' KUNTATT
2148 6350




# Ħinijiet tal-Quddies
## fil-Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, Ħal Qormi

### Fix-xhur tas-sajf

| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd |
|---|---|---|
| 6:30am | 6:30am | 6:30am |
| 7:30am | 8:00am | 8:00am |
| 8:30am | 5:00pm | 9:30am |
| 6:30pm | 6:30pm | 11:00am |
| | 7:45pm | 6:00pm |

### Fix-xhur tax-xitwa

| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd |
|---|---|---|
| 6:30am | 6:30am | 6:30am |
| 7:30am | 8:00am | 8:00am |
| 8:30am | 4:30pm | 9:30am |
| 6:00pm | 6:00pm | 11:00am |
| | 7:15pm | 6:00pm |

Dental350

**Opening hours:**
Monday to Friday 08:00 - 12:30 and 14:30 - 18:30
Saturday closed

30, Triq il-Knisja Arċipretali, QORMI QRM 2185
Tel: +356 9984 6603 and +356 2148 7274

# Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament

*90 anniversarju mit-twaqqif tagħha (1936-2026)*

Bħalma jsir kważi fil-Parroċċi kollha, l-ewwel fratellanza mwaqqfa fil-Parroċċa tagħna kienet dik tas-Ssmu. Sagrament li twaqqfet kanonikament fit-13 ta' Marzu 1936 b'digriet tal-Isqof Mauro Caruana OSB wara r-rikors tal-Kappillan Dun Alwiġ Psaila jumejn qabel. Fi żmien meta n-numru tal-furnara f'Ħal Qormi kien abbundanti, ħafna mill-fratelli tas-Sagrament kienu furnara. Dan diġà jagħtiha tifsira simbolika imma ħajja - Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija biex ħallielna ġismu għal dejjem permezz tal-ħobż.

Sa mill-bidu, l-akbar impenn tal-fratellanza kien l-akkumpanjament fiċ-ċerimonji ewlenin tal-Parroċċa, partikolarment dawk Ewkaristiċi u fil-festa titulari ta' San Sebastjan. Jekk wieħed iqalleb l-istorja jsib li l-fratelli mhux biss ħadu sehem fil-funzjonijiet u l-purċissjonijiet annwali imma anke f'okkażjonijiet partikolari bħalma kien il-funeral tal-Kappillan Dun Ġużepp Cauchi fl-1969. F'April li għadda, flimkien maż-żewġ fratellanzi l-oħra, akkumpanjajna l-funeral tal-maħbub ex-Kappillan Dun Vinċenz Deguara.

Matul dawn id-90 sena, il-fratellanza kienet preżenti fil-festi u l-purċissjonijiet li saru fil-Parroċċa. Qatt ma kienet nieqsa minn apparat li jiddistingwiha - l-istandard prim u sekond flimkien ma' dak tal-Vjatku, is-surġentina u l-midaljun. Fis-servizzi tagħhom fil-liturġija u l-purċissjonijiet, il-fratelli tas-Sagrament jilbsu muzzetta ħamra.

Kien hemm żminijiet, li ironikament jinkludu ż-żminijiet tat-tberik u l-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali, fejn tista' tgħid li ma kienx fadal fratelli. Bejn l-1987 u l-1988 xi rġiel tħajru jerġgħu jattivaw il-fratellanzi u bdew iħajru rġiel oħra u jorganizzaw l-apparat tal-fratellanzi. Dan wassal biex saret l-akbar riforma li għaddiet minnha l-fratellanza flimkien mal-fratellanza tad-Duluri. Fl-1993, il-Kappillan Dun Charles Cordina waqqaf il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u approva statut ġdid li għaqqad it-tliet fratellanzi taħt is-Sodalità San Sebastjan. Dan l-isem ittieħed mis-Sodalità mwaqqfa f'Mattaincourt fi Franza minn San Pietru Fourier lejn l-aħħar tas-seklu 16. It-tliet fratellanzi bdew jaħdmu flimkien tant li għall-bidu kienu jiġu appuntati Rettur Ġenerali u Segretarju wieħed. Maż-


Auctoritate Nostra ordinaria Confraternitatem SSmi Sacramenti
in Sta Paroeciali Ecclesia S. Sebastiani de Casali Curmi erigimus et tamquam
canonice erectam declaramus, sub Statutis de quibus in precibus, re-
servata Nobis Nostrisque Successoribus facultate addendi, modificandi
et tollendi quidquid in Domino magis expedire videbitur.
Datum in Nostro Palatio Archiepiscopali Civitatis Vallettae, die 13 Martii 1936
+ Maurus O.S.B. Arch. Epus Melit.

Digriet tal-Arċisqof Mauro Caruana OSB li bih twaqqfet il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament



Is-sehem tal-fratellanza fil-festi Ewkaristiċi tal-Parroċċa

żmien, filwaqt li bqajna bi statut wieħed, bdew jiġu appuntati Rettur u Viċi-Rettur għal kull fratellanza. B'dan l-aġġornament il-fratellanzi tas-Sodalità saru responsabbli mill-kura tal-vari proċessjonali u l-irfigħ tagħhom.

Kull fratellanza għandha l-kariżma skond id-dedikazzjoni tagħha. Bħala fratelli tas-Sagrament aħna nħaddnu l-adorazzjoni Ewkaristika u nħeġġuha fil-komunità parrokkjali. Għal dan il-għan jiġu organizzati adorazzjonijiet għall-fratelli li ġieli jsiru anke barra mill-Parroċċa u jkunu aktarx amalgamati ma' xi attività partikolari. Eżempju skjett kienet iż-żjara tagħna lill-mibki u maħbub ex-Kappillan Dun Vinċenz Deguara fid-Dar tal-Kleru fejn ftit ġranet wara rritorna lejn id-Dar tal-Ħallieq. Matul din is-sena għamilna żjara lill-kumpanija Prevarti fejn kien qed isir ir-restawr tal-kwadru tal-Madonna tar-Ružarju tal-Knisja ż-Żgħira, kif ukoll lill-induratur Horace Farrugia waqt li kien qed jirrestawra l-vara titulari ta' San Sebastjan.

B'mod personali naf l-imħabba tiegħi lejn din il-fratellanza minn meta kont tifel u kont nara l-fratelli bil-muzzetta ħamra jerfgħu l-baldakkin biex jagħtu kenn lill-isfera bl-Ewkaristija Mqaddsa u l-fratell bl-umbrellina fuq spallejh lest biex jiftaħha fejn ma jistax jgħaddi l-baldakkin. Kont nammira s-serjetà u d-devozzjoni li kont nara fil-fratelli li qegħdin daqshekk qrib is-Sagrament Imqaddes tant li kont inħoss xewqa li nkun magħhom. Illum, bl-għajnuna ta' Alla, nokkupa l-kariga ta' Rettur tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament li, f'ħidma ma' sħabi tal-kumitat tas-Sodalità San Sebastjan, naħdem kemm nista' b'qalbi kollha biex inżomm il-fratellanza magħquda u b'saħħitha ħalli nkunu ta' servizz lejn il-Parroċċa u l-komunità parrokkjali u biex inżommu għaqda sħiħa bejn il-fratellanzi tal-Parroċċa.

**Alex Powell**
***Segretarju tas-Sodalità San Sebastjan***
***Rettur tal-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament***


PAVI PAMA
NEW WAY
TO SHOP
22:31
Welcome Back, Simon
SCAN
PRODUCTS TO ADD THEM TO YOUR SHOPPING LIST
ROW FINDER
FIND IT. GRAB IT.
DOWNLOAD THE APP NOW!
Download on the App Store
GET IT ON Google Play

# Il-Kummissjoni Djakonija

*Il-ħidma tagħha fil-Parroċċa tagħna*

F'diversi Parroċċi ta' pajjiżna nsibu l-Kummissjoni Djakonija. Fil-Parroċċa tagħna, iddedikata lil San Sebastjan Martri, insibu wkoll il-Kummissjoni Djakonija, anke fuq l-eżempju tal-istess patrun tagħna.

Il-kelma 'Djakonija' ġejja mill-Grieg - *diakonia* - li tfisser servizz, qadi. Il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tagħna qiegħda hemm biex tkun ta' servizz u qadi għan-nies li jgħixu fil-Parroċċa tagħna, kemm Maltin u anke barranin. Il-Kummissjoni Djakonija hi magħmula minn 7 membri li jiltaqgħu flimkien biex jaraw kif jistgħu jkunu ta' servizz, speċjalment lil dawk fil-bżonn.

Fost l-attivitajiet li torganizza l-Kummissjoni Djakonija nsibu ħarġiet għall-anzjani fejn ikollna Quddiesa f'xi kappella fil-kampanja u wara mument soċjali flimkien. Il-Kummissjoni tiġbor oġġetti tal-ikel biex dawn jitqassmu lil min hu fil-bżonn, fosthom diversi familji. Ħidma oħra tinvolvi żjarat lil djar tal-anzjani, fosthom Dar Pinto u San Vinċenz de Paul, kif ukoll l-organizzazzjoni tal-quddies għall-anzjani fil-Knisja Arċipretali 3 darbiet fis-sena - fi żmien il-Milied, fil-festa tar-Redentur u fil-festa ta' San Sebastjan Martri. Il-Kummissjoni Djakonija torganizza wkoll erba' quddisiet fis-sena għal dawk li jkunu mietu fil-Parroċċa tagħna fl-erba' xhur ta' qabel fejn il-familjari ta' dawn ħutna jkunu mistednin personalment. Barra dan, membru tal-Kummissjoni jżur u jagħti l-kondoljanzi lill-familjari ta' dawn ħutna li marru jingħaqdu mal-Mulej. Hemm il-ħsieb li din il-Kummissjoni tkompli tifrex il-ħidma tagħha għall-ġid tal-komunità.

Is-sens ta' qadi m'għandux ikun biss f'din il-Kummissjoni. Aħna lkoll, bħala nsara, għandna d-dmir li ngħinu lil oħrajn. Aħna lkoll imsejħin li nkunu ta' servizz għal oħrajn. Għandna nagħtu kas tal-bżonnijiet ta' ħaddieħor u nkunu persuni ta' qadi fuq l-eżempju tal-Mulej Ġesù li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi. Ejjew niftakru fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb li ra u ta kas ta' dak l-imsejken li waqa' taħt il-qilla tal-ħallelin. Ma baqax sejjer bħat-tnejn ta' qablu imma dewwieh u ħa ħsiebu.

Illum qed ngħixu f'soċjetà u ftit għandna ħin għal xulxin, fejn bilkemm naf lil min joqgħod bieb ma' bieb miegħi. Ejjew fuq l-eżempju ta' Dak li ħasel riġlejn id-dixxipli tiegħu, inkunu nies ta' servizz; servizz li ġej mill-imħabba fuq l-eżempju ta' Dak li qalilna "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22, 39).

**Kan. Dun Noel Borg**
***Viċi-Arċipriet***




SIGMA
COATINGS

is a brand of PPG



# Find a park near you

parksinmalta.mt

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR ENERGY
THE ENVIRONMENT AND THE
REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR

Parks In Malta

Powered by Project Green

# Kummissjoni Tfal

*Is-sehem tat-tfal fil-Parroċċa tagħna*

Il-Parroċċa ilha snin twal turi x-xewqa li jiżdied is-sehem tat-tfal fil-Parroċċa. Għaldaqstant is-sena l-oħra inbeda x-xogħol biex titwaqqaf Kummissjoni Tfal bil-għan li jsir xogħol mit-tfal għat-tfal. Din il-kummissjoni ġiet imwaqqfa b'mod uffiċjali nhar is-26 ta' Ottubru 2026 u hija magħmula minn tmint itfal bejn 7 u 12-il sena, erba' adolexxenti li jgħinu fit-tmexxija u 5 adulti li r-rwol tagħhom hu li jiggwidaw u jikkordinaw affarijiet li ma jistgħux jagħmlu t-tfal minħabba l-età tagħhom. L-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit huwa l-kordinatur u mexxej spiritwali ta' din il-kummissjoni.

Bħala parti mill-Parroċċa, it-tfal ukoll hemm bżonn jesprimu dak li għandhom xi jgħidu u apparti li nagħtu każ dak li jridu jgħidu, hu importanti li jsiru proġetti u attivitajiet skont dak li jeħtieġu. Il-kummissjoni hija post fejn it-tfal jagħtu l-perspettivi tagħhom u jesprimu ħolm li l-Parroċċa tista' tgħinhom jilħqu. Apparti dan, f'din il-kummissjoni, it-tfal, minħabba li jorganizzaw attivitajiet li jilħqu tfal oħra, ikunu qed jagħtu servizz li permezz tiegħu jkunu qed jaqdu lill-oħrajn, jikbru bħala komunità u jħossuhom parti minn din l-istess komunità.

Hija wkoll opportunità li jikbru aktar fil-fidi permezz ta' attivitajiet spiritwali li jiġu organizzati lit-tfal stess fil-Parroċċa. Fuq kollox dil-kummissjoni qed tagħti ċans u opportunità biex it-tfal jikbru flimkien fl-imħabba u r-rispett bejniethom u ma' kull min jiltaqgħu fil-ħidma tagħhom u hekk ikunu ta' sostenn ma' min ikun qed ibati. Dan jiġi żviluppat f'mumenti ta' talb u meta jiġu organizzati attivitajiet b'risq persuni li għaddejjin minn tbatija.

Il-ħidma primarja matul l-aħħar sena kienet li jiġi ffurmat u msaħħaħ dal-grupp. Saru diversi attivitajiet għall-membri tal-kummissjoni fejn kellhom ċans isiru jafu aktar lil xulxin u jieħdu gost flimkien. L-ewwel attività kienet f'Ottubru fejn il-membri tal-kummissjoni ġew ippreżentati lill-Parroċċa biex il-komunità, speċjalment it-tfal, ikunu jistgħu jersqu lejhom b'xi proposti. Matul dik il-ġimgħa ħadu sehem ukoll f'mumenti ta' adorazzjoni li saru fil-Parroċċa. F'Diċembru t-tfal ħadu ħsieb il-Velja tal-Lejl tal-Milied bi ħsibijiet li nqraw minnhom stess.

F'Jannar ħadu ħsieb il-Quddiesa tat-tfal tal-festa liturġika ta' San Sebastjan. F'Marzu animaw il-Quddies u għenu fl-organizzazzjoni ta' Festa Familja li ġiet organizzata bħala waħda mill-attivitajiet tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa. Matul ir-Randan ġie organizzat mument spiritwali għat-tfal fejn kien mument sabiħ ħafna ta' talb u riflessjoni.

Il-Parroċċa tat opportunità lill-membri ta' din il-kummissjoni li jkunu appostli fiċ-ċelebrazzjoni ta' Ħamis ix-Xirka. Din għenet lit-tfal jifhmu aħjar xi tfisser li tkun ta' servizz. F'Mejju t-tfal għenu fil-kordinazzjoni tal-Quddiesa li saret fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u komplew jgħinu waqt il-pellegrinaġġ tar-roti bejn iż-żewġ Parroċċi. Din ukoll kienet waħda mill-attivitajiet tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa.




L-aħħar attivitajiet li saru kienu f'Jum l-Omm u Jum il-Missier fejn sar bejgħ ta' *doughnuts* wara l-Quddiesa tad-9:30am. It-tfal preżenti setgħu jixtru *doughnut* għall-ġenituri fl-okkażjonijiet rispettivi. Aktar attivitajiet huma ppjanati għax-xhur li ġejjin, inkluż fis-sajf minħabba li t-tfal ikollhom aktar ħin x'joffru.

Tlabna l-opinjoni tat-tfal-membri dwar xi tfisser il-kummissjoni għalihom. Xi wħud qalu li din hija opportunità fejn it-tfal jistgħu jiddiskutu ħtiġijiet fil-Parroċċa, jitgħallmu affarijiet ġodda, jippjanaw attivitajiet li fihom jieħdu gost, jgħinu lill-oħrajn u jressqu aktar tfal lejn il-Parroċċa filwaqt li jieħdu gost flimkien. Qalu wkoll li din hija opportunità li jsiru jafu aktar lil Ġesù. Oħrajn semmew kemm jieħdu gost jaraw tfal oħra jipparteċipaw f'attivitajiet organizzati minnhom u kemm jieħdu gost jisimgħu l-ideat ta' tfal oħra.

Dawn it-tfal mimlija enerġija biex ikomplu jaħdmu ħalli t-tfal jibqa' jkollhom sehem attiv fil-Parroċċa u jħossuhom parti importanti fil-komunità. It-tfal-membri jħeġġu lit-tfal kollha jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati u jersqu lejhom biex huma wkoll jagħtu l-ideat tagħhom. Il-Parroċċa hija ħajja bl-involviment tal-parruċċani. It-tfal jimlew kull fejn ikunu bl-enerġija u jferrħu lin-nies ta' madwarhom.

F'isem it-tfal nirringrazzjaw lill-Parroċċa ta' din l-opportunità u spazju lit-tfal biex il-komunità tibqa' tikber u jibqa' fiha nies li lesti jagħtu servizz, li jemmnu u li jafu jħobbu lil ta' madwarhom. Min jinvesti fit-tfal ikun qed jinvesti f'soċjeta b'saħħitha!


CATERERS
FOR ALL FUNCTIONS
Pinto
Triq San Bartolomew | Qormi
2144 0373


Paul George &
Joseph
TRANSPORT
minibus service
Our Services:
• Airport Transport
• Wedding Transport
• Other Events/Activities Transport
BOOK NOW FOR 2025/2026 FREE
TRANSPORT FOR ST. JOSEPH SCHOOL
BLATA L-BAJDA
Pickup Areas:
Rabat
Attard
Balzan
St. Venera & Nearby Locations
paulgeorge.attard@gmail.com
7999 4304
9949 5735
A & S Transport


SIXT leasing
POWER & STYLE,
LEASE STRESS FREE.
Sixt Leasing keeps your business moving forward.
sixtleasing.mt


SHÜBERG
RADIATORS
2149 4494
9948 9850
info@shubergmalta.com
shuberg.malta.com
Triq is-Sebħ, Qormi
Find us on
Facebook

AirWave Logistics Ltd.

# Il-Parroċċa ta' San Sebastjan Martri
# Fid-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha (1936-2026)

Disgħin sena ilha mwaqqfa
dil-Parroċċa tal-Qormin
dedikata 'l Sebastjanu
patrun li bih wisq kburin.

Tul daż-żmien ta' disgħin sena
il-Parroċċa tat frott bnin
u qdiethom f'kull ħtieġa tagħhom
'l għeżeż uliedha, il-Qormin.

Kemm servizzi reliġjużi
huma tassew kbar, bla għadd
il-parruċċani tal-Parroċċa
b'ferħ, wettqithom ma' kulħadd.

Ta' sostenn din il-Parroċċa
kemm fin-niket u fil-ferħ
taqdi 'l ulied Sebastjanu
b'lealtà, imħabba u serħ.

Kif tista' ma tfaħħarx 'l Alla
ta' kemm grazzji tana kbar
li għandna dal-ġmiel ta' tempju
jilqa' fih l-għonja u l-fqar?

Tassew għandna għax nifirħu,
lil Alla nfaħħru kull ħin
ta' kemm grazzji ta 'l Parroċċa
għax iħobbna lill-Qormin.

Thedewx issemmgħu leħinkom
mill-kampnari ssejħu n-nies
jiġu l-Qriema f'dan it-tempju
biex jisimgħu l-quddies.

Il-parruċċani wisq ma' qalbhom,
il-Bastjanizi nies twajbin,
huma lkoll jgħożżu l-Parroċċa
magħha dejjem imwaħħdin.

Ibqa' saltan o kbir Alla
f'dil-Parroċċa u l-Qormin,
bierek ir-ragħaj spiritwali,
bħal familja magħqudin.

Viva, Viva l-Parroċċa
u l-patrun San Sebastjan,
il-parruċċani lilu nħobbu
quddiem Alla hu setgħan.

**Kav. Carmel Bianchi**
***25-10-2025***




THE ECHO
TATTOO STUDIO


Tecnoplus
LIMITED
AUTO AIRCONDITIONING
INSTALLATION • SERVICING • REPAIRS • PARTS
Mdina Road | Qormi | QRM 9011
2146 8402
2746 8402
9946 8402
9949 8371
info@tecnoplusmalta.com
www.tecnoplusmalta.com


VISION
OPTICIANS
EXPERIENCE
OUR VISION
EYE EXAMINATION
EXTENSIVE RANGE OF EYECARE PRODUCTS
SELECTION OF TOP EYEWEAR BRANDS
+356 2381 1808 | 68 Triq San Bastjan, Qormi
227 Triq Il-Kbira San Ġużepp, Hamrun
Fgura | Mellieħa | Paola | Zejtun
Gozo | Qormi | Shoreline
vision.opticians
visionopticians.mt
2381 1850
visionopticiansmalta.com
info@vision-opticians.com


SG SOLUTIONS
RETAIL
ENTERPRISE
OFFICE
+356 2144 2123
www.sgsolutions.com.mt
sales@sgsolutions.com.mt
For everything Apple.
iCentre
www.icentre.com.mt | 2256 4410 | sales@icentre.com.mt
Premium Partner



TO
ELECTRONICS
LOOK NO FURTHER
atoz.com.mt or visit
our Attard and Qormi Outlets
BEAT THE HEAT
argo ZEPHIR
Starting from €299
R32 GAS
AIRWAVE argo ATRON BESTAIR bimar DCG
emerio Lucciair nedis Westinghouse ZEPHIR
Wide range of fans
Starting from €29.45
argo
Portable Air Conditioners
Starting from €249
argo FINLUX
Dehumidifiers
Starting from €99
Prices and product availability are subject to change without prior notice. T&C apply.


Tobit
Your Local DIY, Hardware and
Home Improvement store
QUALITY PRODUCTS
RELIABLE SERVICE
COMPETITIVE PRICES
TELEVISIONS
SAFETY SHOES
WALL SAFE
EXTERIOR LIGHTS
TOOLS
GARDEN
BABY & KIDS
HEATING
DISHWASHER
VISIT OUR STORE
NEXT TO
DRUG SHOP PHARMACY
TRIQ SPITERI FREDMOND
VJAL DE LA CRUZ
QORMI
+356 21231338
Tobitaxel62@gmail.com

